ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 295

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

12 ta' Novembru 2010

Werrej

I *Atti leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE** (1) ........ 1

★ **Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam** (1) ........ 23

★ **Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE** (1) ........ 35

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 4 EUR**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti mhux leġislattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2010/669/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-UE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendament tal-Anness IV tal-Ftehim billi jiġu inkorporati l-impenji tal-Commonwealth tal-Baħamas** ........ 51

MT

I

*(Atti leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 994/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-20 ta' Ottubru 2010**

**dwar miżuri li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Il-gass naturali ("gass") huwa komponent essenzjali filprovvista tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea u jikkonsisti fi kwart tal-provvista tal-enerġija primarja u jikkontribwixxi l-aktar għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, it-tisħin, il-materja prima għall-industrija u l-karburant għat-trasport.

(2) Il-konsum tal-gass fl-Ewropa żdied rapidament matul l-aħħar għaxar snin. Bil-produzzjoni domestika li dejjem qed tonqos, l-importazzjoni tal-gass żdiedet saħansitra iżjed malajr, b'hekk ħolqot dipendenza akbar fuq l-importazzjoni u l-ħtieġa li jiġu indirizzati aspetti tas-sigurtà tal-provvista tal-gass. Barra minn hekk, xi Stati Membri qed isibu ruħhom fi gżira f'dak li għandu x'jaqsam mal-gass bħala riżultat tan-nuqqas ta' konnessjonijiet infrastrutturali mal-bqija tal-Unjoni.

(3) Minħabba l-importanza tal-gass fit-taħlita enerġetika tal-Unjoni, dan ir-Regolament hu intiż biex juri lill-klijenti tal-gass li qed jittieħdu l-miżuri kollha li hemm bżonn biex tiġi żgurata l-provvista kontinwa tagħhom, b'mod partikolari fil-każ ta' kondizzjonijiet klimatiċi diffiċli u fil-każ ta' xkiel. Hu rikonoxxut li dawn l-objettivi għandhom jinkisbu permezz tal-miżuri l-aktar ekonomikament effiċjenti sabiex ma tintlaqatx il-kompetittività relattiva ta' dan il-karburant meta jitqabbel ma' karburanti oħrajn.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE ([3]) stabbilixxiet għall-ewwel darba qafas legali fil-livell tal-Komunità għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jikkontribwixxi għall-funzjonament korrett tas-suq intern tal-gass f'każ ta' xkiel fil-provvista. Stabbilixxiet il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass li kien utli għall-iskambju tal-informazzjoni u ddefinixxiet azzjonijiet komuni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-industrija tal-gass u l-klijenti. In-Netwerk ta' Korrispondenti dwar is-Sigurtà tal-Enerġija (NESCO) approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006 tejjeb il-kapaċità tal-ġbir tal-informazzjoni u pprovda twissija bikrija tat-theddid potenzjali għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida tas-suq intern tal-enerġija adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'Lulju 2009 tikkostitwixxi pass importanti sabiex jiġi kkompletat is-suq intern tal-enerġija u għandha l-għan espliċitu li ssaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-Unjoni.

(5) Madankollu, taħt il-miżuri attwali relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-gass, li ttieħdu fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għadhom igawdu marġni wiesa' ta' diskrezzjoni dwar l-għażla tal-miżuri. Fejn is-sigurtà tal-provvista ta'

([1]) Opinjoni tal-20 ta' Jannar 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Settembru 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2010.
([3]) ĠU L 127, 29.4.2004, p. 92.

Stat Membru tkun mhedda, bla dubju hemm riskju li miżuri żviluppati b'mod unilaterali minn dak l-Istat Membru jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass u l-provvista tal-gass lill-klijenti. Esperjenzi riċenti wrew kemm dak ir-riskju huwa reali. Sabiex is-suq intern tal-gass ikun jista' jiffunzjona anki meta jkun hemm skarzezza fil-provvista, huwa meħtieġ li jkun hemm provvediment għal solidarjetà u koordinazzjoni fir-reazzjoni għal kriżijiet tal-provvista, kemm fejn tidħol azzjoni preventiva kif ukoll ir-reazzjoni għal xkiel konkret fil-provvista.

(6) Il-gass b'valur kalorifiku baxx hu pprovdut f'ċerti reġjuni fl-Unjoni. Minħabba l-karatteristiċi tiegħu, il-gass b'valur kalorifiku baxx ma jistax jintuża f'apparat iddisinjat għall-gass b'valur kalorifiku għoli. Huwa possibbli, madankollu, li l-gass b'valur kalorifiku għoli jintuża f'apparat iddisinjat għall-gass b'valur kalorifiku baxx, sakemm ikun ġie konvertit f'gass b'valur kalorifiku baxx, pereżempju permezz taż-żieda tan-nitroġenu. L-ispeċifiċitajiet tal-gass b'valur kalorifiku baxx għandhom jiġu kkunsidrati fil-livelli nazzjonali u reġjonali u għandhom jitqiesu fl-istima tar-riskji u fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u ta' Emerġenza fil-livelli nazzjonali u reġjonali.

(7) Id-diversifikazzjoni tar-rotot tal-gass u tas-sorsi tal-provvista għall-Unjoni hija essenzjali għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni kollha, kif ukoll tal-Istati Membri individwalment. Fil-ġejjieni s-sigurtà tal-provvista se tiddipendi fuq l-evoluzzjoni tat-taħlita tal-karburanti, l-iżvilupp tal-produzzjoni fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi li jfornu lill-Unjoni, l-investimenti fil-faċilitajiet tal-ħżin u fid-diversifikazzjoni tar-rotot tal-gass u tas-sorsi tal-provvista kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha, fosthom il-faċilitajiet tal-Gass Naturali Likwifikat ("LNG", Liquefied Natural Gas). F'dan il-kuntest għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-azzjonijiet infrastrutturali ta' prijorità kif identifikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummisjoni tat-13 ta' Novembru 2008, intitolata: "It-Tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija - Pjan ta'Azzjoni tal-UE għas-Sigurta' u s-Solidarjeta' tal-Energija", eż. il-kuritur tal-gass tan-Nofsinhar (Nabucco u l-Interkonnettur TurkijaGreċjaItalja), provvista diversifikata u xierqa ta' LNG għall-Ewropa, interkonnessjoni effettiva tar-reġjun Baltiku, iċ-Ċirku ta' Enerġija tal-Mediterran, interkonnessjonijiet xierqa tal-gass bejn it-tramuntana u n-nofsinhar fi ħdan l-Ewropa ċentrali u tax-xlokk.

(8) Sabiex jitnaqqas l-impatt ta' kriżijiet potenzjali kkawżati mix-xkiel fil-provvisti tal-gass, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija u r-rotot tat-twassil tal-gass u s-sorsi tal-provvista.

(9) Xkiel maġġuri fil-provvista tal-gass għall-Unjoni jista' jaffettwa lill-Istati Membri kollha, lill-Unjoni kollha kemm hi u lill-Partijiet Kontraenti fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija [1], iffirmat f'Ateni fil-25 ta' Ottubru 2005. Jista' wkoll iwassal għal ħsara ekonomika gravi fl-ekonomija tal-Unjoni. Bl-istess mod ix-xkiel fil-provvista tal-gass jista' jkollu impatti soċjali gravi partikolarment fuq gruppi vulnerabbli ta' klijenti.

(10) Ċerti klijenti, li jinkludu, inter alia, il-klijenti domestiċi u l-klijenti li jipprovdu servizzi soċjali essenzjali, bħal attivitajiet tal-kura tas-saħħa u tat-tfal, attivitajiet edukattivi u servizzi soċjali u ta' għajnuna oħra, kif ukoll is-servizzi indispensabbli għall-funzjonament ta' Stat Membru, huma partikolarment vulnerabbli u jistgħu jeħtieġu l-protezzjoni. Definizzjoni wiesgħa ta' tali klijenti protetti ma għandhiex tkun f'kunflitt mal-mekkaniżmi għas-solidarjetà Ewropea.

(11) Ir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà approvat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2008 jiġbed l-attenzjoni fuq id-dipendenza dejjem tikber fuq l-enerġija importata bħala riskju sinifikanti addizzjonali għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni u jenfasizza s-sigurtà bħala waħda mill-isfidi l-ġodda għall-politika tas-sigurtà. Is-suq intern tal-gass huwa element kruċjali biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni u biex titnaqqas l-espożizzjoni tal-Istati Membri għall-effetti ħżiena tax-xkiel fil-provvista.

(12) Għal suq tal-gass intern li jiffunzjona tajjeb, hu essenzjali li l-miżuri li jittieħdu biex tiġi salvagwardata s-sigurtà tal-provvista tal-gass ma jgħawġux b'mod mhux xieraq il-kompetizzjoni jew il-funzjonament effikaċi tas-suq intern tal-gass.

(13) Il-waqfien, minħabba avarija, tal-akbar infrastruttura unika tal-gass, l-hekk imsejjaħ prinċipju N – 1, huwa possibbiltà reali. L-użu tal-waqfien ta' tali infrastruttura bħala livell ta' referenza għal dak li l-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jikkumpensaw, huwa punt ta' tluq validu għal analiżi tas-sigurtà tal-provvista tal-gass ta' kull Stat Membru.

(14) Infrastruttura suffiċjenti u diversifikata għall-gass fi Stat Membru u madwar l-Unjoni, li tinkludi b'mod partikolari infrastruttura ġdida tal-gass li tgħaqqad is-sistemi iżolati attwali li jiffurmaw gżejjer f'dak li għandu x'jaqsam mal-gass mal-Istati Membri ġirien tagħhom, hija essenzjali sabiex jiġu indirizzati l-interruzzjonijiet fil-provvista. Kriterji komuni minimi dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass għandhom jiżguraw kondizzjonijiet indaqs għas-sigurtà tal-provvista tal-gass, waqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali, u għandhom joħolqu inċentivi sinifikanti biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa u biex jitjieb il-livell ta' tħejjija f'każ ta' kriżi. Miżuri min-naħa tad-domanda, bħal ma huwa l-bdil tal-karburant, jista' jkollhom rwol importanti fl-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati malajr u jnaqqsu b'mod konsiderevoli d-domanda b'reazzjoni għal xkiel fil-provvista. L-użu effiċjenti tal-enerġija għandu jiġi promoss ulterjorment, b'mod partikolari meta jkun hemm bżonn ta' miżuri min-naħa tad-domanda. L-impatt ambjentali tal-miżuri proposti min-naħa tad-domanda u tal-provvista għandhom jitqiesu kif jixraq u, sa fejn ikun possibbli, għandha tingħata preferenza lill-miżuri bl-inqas impatt fuq l-ambjent, waqt li jitqiesu l-aspetti tas-sigurtà tal-provvista.

[1] ĠU L 198, 20.7.2006, p. 18.

(15) L-investimenti f'infrastruttura ġdida tal-gass għandhom jiġu promossi bil-qawwa u għandhom isiru biss wara li tkun saret stima adegwata tal-impatt ambjentali, b'mod konformi mal-atti legali tal-Unjoni. Infrastruttura ġdida ta' dan it-tip għandha ssaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-gass filwaqt li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass. L-investimenti, bħala kwistjoni ta' prinċipju, għandhom isiru min-naħa tal-impriżi u jkunu bbażati fuq inċentivi ekonomiċi. Il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-gass minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fl-infrastruttura tan-netwerk tal-gass għandha titqies kif suppost. Meta investiment infrastrutturali jkun ta' tip transkonfinali, l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("l-Aġenzija") stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 ([1]) u n-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistema tat-Trażmissjoni tal-Gass ("ENTSO for Gas") stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali ([2]) għandhom ikunu involuti mill-qrib, fi ħdan l-oqsma tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, sabiex iqisu aħjar l-implikazzjonijiet transkonfinali. Għandu jitfakkar li skont ir-Regolament (KE) Nru 713/2009, l-Aġenzija tista' toħroġ opinjonijiet jew rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet transkonfinali fi ħdan il-qasam ta' kompetenza u attività tagħha. L-Aġenzija u l-ENTSO for Gas, flimkien ma' parteċipanti oħra fis-suq, għandhom rwol importanti fit-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tan-netwerk tal-Unjoni fuq 10 snin, li se jinkludi, inter alia, perspettiva Ewropea ta' adegwatezza ta' provvista, u, fir-rigward tal-interkonnessjonijiet transkonfinali, għandu jibni fuq il-ħtiġijiet raġonevoli tal-utenti differenti tan-netwerk.

(16) L-Awtoritajiet Kompetenti jew l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suq jiġi ttestjat bħala pass wieħed minn dawk li hemm bżonn tul il-proċess li jwassal għall-konformità mal-istandard infrastrutturali.

(17) Meta jkunu qed iwettqu d-dmirijiet speċifikati f'dan ir-Regolament, l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jikkoperaw mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, kif xieraq u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom taħt id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali ([3]).

(18) Fejn hemm bżonn ta' interkonnessjonijiet transkonfinali ġodda jew li dawk eżistenti jiġu estiżi, għandha sseħħ f'fażi bikrija koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri kkonċernati, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, fil-każ li ma jkunux l-Awtoritajiet Kompetenti.

(19) Hemm disponibbli sorsi differenti ta' finanzjament tal-Unjoni biex jgħinu lill-Istati Membri jiffinanzjaw l-investiment meħtieġ fil-produzzjoni, l-infrastruttura u miżuri ta' effiċjenza enerġetika fil-livell reġjonali u lokali, speċjalment self u garanziji mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew finanzjament mill-fondi reġjonali, strutturali jew ta' koeżjoni. Il-Bank Ewropew tal-Investiment kif ukoll l-istrumenti esterni tal-Unjoni bħall-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrument ta' Finanzjament tal-Koperazzjoni għall-Iżvilupp jistgħu wkoll jiffinanzjaw azzjonijiet f'pajjiżi terzi sabiex titjieb is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

(20) Dan ir-Regolament għandu jippermetti lill-impriżi tal-gass naturali u lill-klijenti jserrħu fuq il-mekkaniżmi tas-suq għall-itwal żmien possibbli meta jkunu qed jaffrontaw xkiel. Għandu wkoll jipprovdi għall-mekkaniżmi ta' emerġenza biex jintużaw meta s-swieq weħidhom ma jibqgħux f'pożizzjoni li jindirizzaw kif xieraq xkiel fil-provvista tal-gass. Anki waqt emerġenza, l-istrumenti abbażi tas-suq għandhom jingħataw prijorità sabiex jittaffew l-effetti tax-xkiel fil-provvista.

(21) Sussegwentement għad-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni l-ġdida dwar is-suq intern tal-enerġija adottata f'Lulju 2009, se japplikaw dispożizzjonijiet ġodda għas-settur tal-gass u joħolqu rwoli u responsabbiltajiet ċari għall-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorj nazzjonali, l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u l-Aġenzija, u jtejbu t-trasparenza tas-suq biex itejbu l-funzjonament tiegħu, tas-sigurtà tal-provvista u tal-protezzjoni tal-klijenti.

(22) Il-kompletar tas-suq intern tal-gass u l-kompetizzjoni effikaċi f'dak is-suq joffru lill-Unjoni l-ogħla livell ta' sigurtà tal-provvista għall-Istati Membri kollha, sakemm is-suq jitħalla jaħdem bis-sħiħ fil-każ ta' xkiel tal-provvista li taffettwa parti mill-Unjoni, ikun xi jkun il-kaġun tal-ixkiel. Għal dan il-għan huwa meħtieġ approċċ komprensiv u effikaċi komuni għas-sigurtà tal-provvista, partikolarment linji politiċi ta' trasparenza, solidarjetà u mhux diskriminatorji kompatibbli mal-funzjonament tas-suq intern, li jevita d-distorsjonijiet fis-suq kif ukoll jevita li jdgħajjef ir-reazzjonijiet tas-suq għax-xkiel.

(23) Is-sigurtà tal-provvista tal-gass hi responsabbiltà maqsuma bejn l-impriżi tal-gass naturali, l-Istati Membri, speċifikament permezz tal-Awtoritajiet Kompetenti tagħhom, u l-Kummissjoni fi ħdan l-oqsma rispettivi ta' attività u kompetenza tagħhom. Fejn ikun il-każ, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, fejn ma jkunux l-Awtoritajiet Kompetenti, għandhom jikkontribwixxu wkoll għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fi ħdan l-oqsma rispettivi ta' attività u kompetenza tagħhom skont id-Direttiva 2009/73/KE. Barra minn hekk, il-klijenti li jużaw il-gass għall-ġenerazzjoni tal-elettriku jew għal skopijiet industrijali jista' jkollhom ukoll rwol importanti fis-sigurtà tal-provvista tal-gass permezz tal-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu għal kriżi b'miżuri min-naħa tad-domanda, pereżmpju kuntratti li jistgħu jiġu interrotti u l-bdil tal-karburanti, peress li dan ikollu impatt dirett fuq il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda.

([1]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36.
([3]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94.

(24) Id-definizzjoni eżatta tal-irwoli u tar-responsabbiltajiet tal-impriżi tal-gass naturali u tal-Awtoritajiet Kompetenti kollha hija għalhekk kruċjali sabiex jinżamm il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass, partikolarment waqt xkiel fil-provvista u f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Dawn ir-rwoli u r-responsabbiltajiet għandhom ikunu stabbiliti b'mod li jiżguraw li jiġi osservat approċċ fuq tliet livelli li jinvolvi l-ewwel lill-impriżi rilevanti tal-gass naturali u l-industrija, imbagħad lill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew reġjonali, u wara lill-Unjoni. Fil-każ ta' kriżi fil-provvista, il-parteċipanti fis-suq għandhom jingħataw ċans biżżejjed biex jirreaġixxu għas-sitwazzjoni permezz ta' miżuri abbażi tas-suq. Fejn ir-reazzjonijiet tal-parteċipanti fis-suq ma jkunux biżżejjed, l-Istati Membri u l-Awtoritajiet Kompetenti tagħhom għandhom jieħdu miżuri biex jitnehħew jew jittaffew l-effetti tal-kriżi tal-provvista. Fil-każ biss li dawn il-miżuri jkunu insuffiċjenti, għandhom jittieħdu miżuri fil-livell reġjonali jew tal-Unjoni biex jitneħħew jew jittaffew l-effetti tal-kriżi tal-provvista. Sa fejn ikun possibbli għandhom jinstabu soluzzjonijiet reġjonali.

(25) Fi spirtu ta' solidarjetà, il-koperazzjoni reġjonali, l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi u l-impriżi tal-gass naturali se jkunu stabbiliti b'mod estensiv għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji relattivament għall-koordinazzjoni tal-miżuri li jtaffu r-riskji identifikati u li jimplimentaw il-miżuri l-aktar effikaċi ekonomikament għall-partijiet ikkonċernati.

(26) Għandhom jiġu stabbiliti standards tas-sigurtà tal-provvista armonizzati biżżejjed li jkopru mill-anqas is-sitwazzjoni li ppreżentat ruħha f'Jannar 2009 u jqisu d-differenzi bejn l-Istati Membri, b' kont meħud tal-obbligi tas-servizz pubbliku u tal-miżuri għall-protezzjoni tal-klijenti kif imsemmijin fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/73/KE. L-istandards ta' sigurtà tal-provvista ta' dan it-tip għandhom ikunu stabbli, sabiex jipprovdu ċ-ċertezza legali meħtieġa, ikunu definiti b'mod ċar u ma għandhomx jimponu piżijiet mhux raġonevoli u sproporzjonati fuq l-impriżi tal-gass naturali fosthom dawk ġodda u dawk żgħar, lanqas fuq l-utenti aħħarin. Dawk l-istandards għandhom jiggarantixxu wkoll l-ugwaljanza ta' aċċess għall-impriżi tal-gass naturali tal-Unjoni lill-klijenti nazzjonali. Il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-istandard tal-provvista qed jintlaħaq jistgħu jinkludu kapaċitajiet u volumi ta' ħżin addizzjonali, kuntratti ta' provvista, kuntratti li jistgħu jiġu interrotti jew kull miżura oħra li jkollha effett simili apparti l-miżuri tekniċi meħtieġa biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-provvista tal-gass.

(27) Huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq tal-gass li l-investimenti neċessarji fil-produzzjoni u l-infrastrutturi indiġeni, bħall-interkonnessjonijiet, b'mod partikulari dawk li jipprovdu l-aċċess għan-netwerk tal-gass tal-Unjoni, it-tagħmir li jippermetti flussi fiżiċi bi-direzzjonali fis-sistemi tal-pajpijiet kif ukoll il-ħżin u l-faċilitajiet tal-gassifikazzjoni mill-ġdid tal-LNG, jitwettqu f'ħin tajjeb mill-impriżi tal-gass naturali minħabba l-possibbiltà ta' xkiel fil-provvista bħal ma seħħ f'Jannar 2009. Meta jkunu qed jiġu previsti l-ħtiġijiet finanzjarji għall-infrastruttura tal-gass f'relazzjoni mal-istrumenti tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti, fejn ikun il-każ, prijorità lill-proġetti infrastrutturali li jappoġġaw l-integrazzjoni tas-suq tal-gass intern u s-sigurtà tal-provvista tal-gass.

(28) L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni ma għandhomx ikunu impediti milli jikkunsidraw is-sitwazzjoni fejn l-investimenti li jippermettu l- kapaċita' fiżika li l-gass jiġi ttrasportat fiż-żewġ direzzjonijiet ("kapaċita' bi-direzzjonali") fl-interkonnessjonijiet transkonfinali ma' pajjiżi terzi tista' tikkontribwixxi għat-titjib fis-sigurtà tal-provvista, speċjalment fil-każ ta' pajjiżi terzi li jiżguraw flussi ta' tranżitu bejn żewġ Stati Membri.

(29) Huwa importanti li l-provvista tal-gass ma tiqafx, partikolarment għall-klijenti domestiċi, kif ukoll għal għadd limitat ta' klijenti addizzjonali, b'mod speċjali klijenti li jfornu servizzi soċjali essenzjali, li jistgħu jiġu ddefiniti mill-Istati Membri kkonċernati, f'każijiet fejn is-suq ma jkunx jista' jkompli jfornihom. Huwa essenzjali li l-miżuri li għandhom jittieħdu matul kriżi jkunu ddefiniti minn qabel u jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' sikurezza, anki fejn il-klijenti protetti jkunu konnessi mal-istess netwerk ta' distribuzzjoni bħall-klijenti l-oħra. Miżuri ta' dan it-tip jistgħu jinvolvu l-użu ta' tnaqqis prorata b'mod proporzjonat mal-kapaċità riżervata oriġinarjament fil-każijiet fejn il-kapaċità għal aċċess għall-infrastruttura titnaqqas minħabba raġunijiet tekniċi.

(30) Bħala regola, l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jimxu mal-Pjan ta' Emerġenza tagħhom. F'ċirkustanzi eċċezzjonali ġġustifikati kif xieraq, jistgħu jieħdu azzjoni li tiddevja minn dawk il-Pjanijiet.

(31) Hija disponibbli għażla kbira ta' strumenti għall-konformità mal-obbligi tas-sigurtà tal-provvista. Dawk l-istrumenti għandhom jintużaw f'kuntest nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni, kif xieraq, biex jiġi żgurat li jipproduċu riżultat konsistenti u ekonomikament effikaċi.

(32) L-aspetti tas-sigurtà tal-provvista tal-ippjanar fit-tul tal-investimenti f'kapaċitajiet transkonfinali u infrastrutturi oħra suffiċjenti li jiżguraw li, fuq żmien twil, is-sistema tkun kapaċi tiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista u tissodisfa domandi raġonevoli, huma indirizzati mid-Direttiva 2009/73/KE. Jista' jkun meħtieġ perjodu tranżizzjonali sabiex ikunu jistgħu jsiru l-investimenti neċessarji qabel jintlaħqu l-istandards tas-sigurtà tal-provvista. Il-pjan fuq għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk mal-Unjoni, imfassal mill-ENTSO for Gas u ssorveljat mill-Aġenzija, huwa għodda fundamentali biex jiġu identifikati l-investimenti meħtieġa fil-livell tal-Unjoni, inter alia biex jiġu implimentati r-rekwiżiti infrastrutturali stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(33) L-ENTSO for Gas u l-Aġenzija, bħala membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass, għandhom ikunu involuti bis-sħiħ, fi ħdan l-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom, fil-proċess tal-koperazzjoni u l-konsultazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni.

(34) Il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass hu l-korp ewlieni li jrid jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-istabbiliment tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u l-Pjanijiet ta' Emerġenza. Għandu jitfakkar li l-ENTSO for Gas u l-Aġenzija huma membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass u se jiġu kkonsultati f'dak il-kuntest.

(35) Sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' tħejjija f'każ ta' xkiel fil-provvista, għandhom jiġu stabbiliti Pjanijiet ta' Emerġenza mill-Awtoritajiet Kompetenti, wara konsultazzjoni mal-impriżi tal-gass naturali. Dawn il-pjanijiet ma għandhomx ikunu inkonsistenti bejniethom fil-livell nazzjonali, reġjonali jew tal-Unjoni. Il-kontenut tagħhom għandu jsegwi l-aħjar prattika fost il-pjanijiet eżistenti u għandu jiddefinixxi rwoli u responsabbiltajiet ċari għall-impriżi tal-gass naturali u l-Awtoritajiet Kompetenti konċernati kollha. Għandhom jiġu stabbiliti Pjanijiet Konġunti ta' Emerġenza fil-livell reġjonali kull fejn possibbli u neċessarju.

(36) Sabiex tissaħħaħ is-solidarjetà bejn l-Istati Membri f'każ ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni u partikolarment sabiex jiġu megħjuna l-Istati Membri li huma esposti għal kondizzjonijiet ġeografiċi u ġeoloġiċi anqas favorevoli, l-Istati Membri għandhom joħolqu miżuri sabiex juru solidarjetà. L-impriżi tal-gass naturali għandhom ifasslu miżuri bħal ftehimiet kummerċjali, li jistgħu jinkludu esportazzjonijiet akbar ta' gass jew rilaxx akbar mill-ħażniet. Huwa importanti li titheġġeġ il-konklużjoni ta' arranġamenti preċedenti bejn l-impriżi tal-gass naturali. L-azzjonijiet tal-Pjan ta' Emerġenza għandhom jinkludu mekkaniżmi, fejn ikun il-każ, li jiżguraw kumpens ġust u ekwu għall-impriżi tal-gass naturali. Miżuri ta' solidarjetà jistgħu jkunu partikolarmenti xierqa bejn l-Istati Membri li għalihom il-Kummissjoni tirrakkomanda l-istabbiliment ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi konġunti jew ta' Pjanijiet ta' Emerġenza fil-livell reġjonali.

(37) Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha rwol importanti fil-każ ta' emerġenza, kemm jekk isseħħ fil-livell tal-Unjoni kif ukoll jekk isseħħ f'livell reġjonali.

(38) Is-solidarjetà Ewropea għandha wkoll, fejn meħtieġ, tieħu l-forma ta' għajnuna fir-rigward ta' protezzjoni ċivili mogħtija mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Din l-għajnuna għandha tkun iffaċilitata u kkoordinata mill-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom [1].

(39) Dan ir-Regolament ma jinċidix fuq id-drittijiet sovrani tal-Istati Membri fuq ir-riżorsi tagħhom stess tal-enerġija.

(40) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għattitjib tal-ħarsien tagħhom [2] tistipula proċess bil-ħsieb li ssaħħaħ is-sigurtà tal-infrastrutturi kritiċi Ewropej im-semmija, fosthom ċerti infrastrutturi tal-gass fl-Unjoni. Id-Direttiva 2008/114/KE flimkien ma' dan ir-Regolament tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' approċċ komprensiv għas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni.

(41) Il-Pjanijiet ta' Emerġenza għandhom jiġu aġġornati regolarment u ppubblikati. Għandhom jiġu suġġetti għal eżami mill-pari u ttestjati.

(42) Il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass għandu jaġixxi bħala konsulent għall-Kummissjoni biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà tal-provvista f'każ ta' emerġenza fl-Unjoni. Għandu wkoll jimmonitorja l-adegwatezza u kemm ikunu f'waqthom il-miżuri li għandhom jittieħdu skont dan ir-Regolament.

(43) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jawtorizza lill-impriżi tal-gass naturali u lill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri biex jiżguraw li s-suq intern tal-gass jaħdem b'mod effikaċi għall-itwal perjodu ta' żmien possibbli f'każ ta' xkiel fil-provvista, qabel ma jittieħdu miżuri mill-Awtoritajiet Kompetenti biex jindirizzaw is-sitwazzjoni li fiha s-suq ma jkunx għadu f'pożizzjoni li jforni l-provvisti tal-gass rikjesti. Miżuri eċċezzjonali bħal dawn għandhom ikunu konformi bis-sħiħ mal-liġi tal-Unjoni u għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni.

(44) Minħabba li provvisti tal-gass minn pajjiżi terzi huma ċentrali għas-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi, billi taħdem mal-pajjiżi li jkunu fornituri u ta' tranżitu dwar arranġementi sabiex jiġu mmaniġġati s-sitwazzjonijiet ta' kriżi u sabiex jiġi żgurat fluss stabbli lill-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tuża task force sabiex timmonitorja l-flussi tal-gass lejn l-Unjoni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, b'konsultazzjoni mal-pajjiżi terzi involuti, u fejn il-kriżi tinħoloq minħabba diffikultajiet f'pajjiż terz, li tieħu rwol ta' medjazzjoni u faċilitazzjoni.

(45) Huwa importanti li l-kondizzjonijiet għall-provvista minn pajjiżi terzi ma jgħawġux il-kompetizzjoni u jkunu konformi mar-regoli tas-suq intern.

(46) Fejn ikun hemm informazzjoni affidabbli dwar sitwazzjoni barra l-Unjoni li tkun qed thedded is-sigurtà tal-provvista fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri u li tista' tqanqal mekkaniżmu ta' twissija bikrija bejn l-Unjoni u pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass bla dewmien u l-Unjoni għandha tieħu l-azzjonijiet xierqa biex tipprova tinnewtralizza s-sitwazzjoni.

[1] ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9.

[2] ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75.

(47) Fi Frar 2009, il-Kunsill ikkonkluda li t-trasparenza u l-affidabbiltà għandhom jiżdiedu permezz ta' skambju realistiku ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar ir-relazzjonijiet tal-enerġija ma' pajjiżi terzi, fosthom l-arranġamenti tal-forniment fil-medda twila taż-żmien, filwaqt li jippreżervaw l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

(48) Waqt li r-regoli li jinsabu fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari r-regoli dwar il-kompetizzjoni, japplikaw għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma tostakolax it-twettiq ta' dawn is-servizzi, l-Istati Membri jgawdu minn diskrezzjoni wiesgħa biex jipprevedu, jikkommissjonaw u jorganizzaw obbligi ta' servizz pubbliku.

(49) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, speċifikament li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri waħedhom u jista'għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.

(50) Id-Direttiva 2004/67/KE għandha titħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet bl-għan li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass billi jiżguraw il-funzjonament tajjeb u kontinwu tas-suq intern fil-gass naturali ("gass"), billi jippermettu li jiġu implimentati miżuri eċċezzjonali meta s-suq ma jkunx għadu jista' jforni l-provvisti tal-gass rikjesti u billi jipprovdu għal definizzjoni u attribuzzjoni ċari tar-responsabbiltajiet fost l-impriżi tal-gass naturali, l-Istati Membri u l-Unjoni kemm fir-rigward tal-azzjoni preventiva kif ukoll tar-reazzjoni għal xkiel konkret fil-provvista. Dan ir-Regolament jipprovdi wkoll mekkaniżmi trasparenti, fi spritu tas-solidarjetà, għall-koordinazzjoni tal-ippjanar u r-reazzjoni għal emerġenza fil-livelli tal-Istati Membri, reġjonali u tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tad-Direttiva 2009/73/KE, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 u r-Regolament (KE) Nru 713/2009.

Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "klijenti protetti" tfisser il-klijenti domestiċi kollha konnessi ma' netwerk tad-distribuzzjoni tal-gass, u, barra minn hekk, fejn l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi hekk, tista' tinkludi wkoll:

(a) l-impriżi ta' daqs żgħir u medju, sakemm dawn ikunu konnessi ma' netwerk tad-distribuzzjoni tal-gass, u s-servizzi soċjali essenzjali sakemm ikunu konnessi ma' netwerk tad-distribuzzjoni jew it-trażmissjoni tal-gass, u sakemm dawn il-klijenti addizzjonali kollha ma jirrappreżentawx aktar minn 20 % tal-użu finali tal-gass; u/jew

(b) l-istallazzjonijiet għat-tisħin distrettwali sal-punt li jfornu tisħin għall-klijenti domestiċi u għall-klijenti msemmijin fil-punt (a) sakemm dawn l-istallazzjonijiet ma jkunux jistgħu jaqilbu għal karburanti oħra u jkunu konnessi ma' netwerk tad-distribuzzjoni jew it-trażmissjoni tal-gass.

Malli jkun possibbi u mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2011, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar jekk għandhomx l-intenzjoni jikkonkludu l-punt (a) u/jew il-punt (b) fid-definizzjoni tagħhom ta' klijenti protetti;

(2) "Awtorità Kompetenti" tfisser l-awtorità nazzjonali tal-gvern jew l-awtorità regolatorja nazzjonali maħtura minn kull Stat Membru biex tkun responsabbli għall-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-Istati Membri li jippermettu lill-Awtorità Kompetenti tiddelega kompiti speċifiċi stipulati f'dan ir-Regolament lil korpi oħra. Dawn il-kompiti delegati għandhom jitwettqu taħt is-superviżjoni tal-Awtorità Kompetenti u għandhom ikunu speċifikati fil-pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 4.

*Artikolu 3*

**Responsabbiltà għas-sigurtà tal-provvista tal-gass**

1. Is-sigurtà tal-provvista tal-gass hija responsabbiltà maqsuma bejn l-impriżi tal-gass naturali, l-Istati Membri, speċifikament permezz tal-Awtoritajiet Kompetenti tagħhom, u l-Kummissjoni, fl-oqsma rispettivi ta' attività u kompetenza tagħhom. Din ir- responsabbiltà maqsuma teħtieġ livell għoli ta' koperazzjoni bejniethom.

2. Malli jkun possibbli u mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2011, kull Stat Membru għandu jaħtar Awtorità Kompetenti li tiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament. Fejn ikun il-każ, sakemm tinħatar formalment l-Awtorità Kompetenti, l-entitajiet nazzjonali attwalment responsabbli għas-sigurtà tal-provvista tal-gass għandhom iwettqu l-miżuri li għandhom jiġu implimentati mill-Awtorità Kompetenti skont dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu l-istima tar-riskji msemmija fl-Artikolu 9, u, fuq il-bażi ta' dik l-istima tar-riskji, l-istabbiliment ta' Pjan ta' Azzjoni Preventiv u

ta' Pjan ta' Emerġenza, u l-monitoraġġ regolari tas-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-livell nazzjonali. L-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jikkoperaw flimkien sabiex ifittxu jipprevjenu xkiel fil-provvista u jillimitaw id-danni f'tali każ. Xejn ma għandu jżomm lill-Istati Membri milli jadottaw leġiżlazzjoni implimentattiva, jekk tkun meħtieġa, biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika bla dewmien lill-Kummissjoni l-isem tal-Awtorità Kompetenti ladarba din tinħatar u, fejn ikun il-każ, l-ismijiet tal-entitajiet nazzjonali responsabbli għas-sigurtà tal-provvista tal-gass li jkunu qed jaġixxu ta' Awtorità Kompetenti provviżorja skont il-paragarafu 2. Kull Stat Membru għandu jippubblika dawn il-ħatriet.

4. Meta timplimenta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, l-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi differenti involuti b'tali mod li jiġi żgurat li jiġi osservat approċċ fuq tliet livelli li jinvolvi l-ewwel lill-impriżi rilevanti tal-gass naturali u l-industrija, imbagħad lill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew reġjonali, u wara lill-Unjoni.

5. Il-Kummissjoni, fejn ikun il-każ, għandha tikkoordina l-azzjoni tal-Awtoritajiet Kompetenti, fil-livell reġjonali u fil-livell tal-Unjoni, kif stipulat f'dan ir-Regolament inter alia permezz tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass imsemmi fl-Artikolu 12 jew il-Grupp għall-immaniġġar tal-kriżijiet imsemmi fl-Artikolu 11(4), partikolarment fil-każ ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew dak reġjonali kif definiti fl-Artikolu 11(1).

6. Il-miżuri biex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass li jinsabu fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi għandhom ikunu ddefiniti sew, trasparenti, proporzjonati, mhux diskriminatorji u verifikabbli, ma għandhomx jgħawġu bla bżonn il-kompetizzjoni u l-funzjonament effikaċi tas-suq intern fil-gass u ma għandhomx jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-Istati Membri l-oħra jew tal-Unjoni kollha kemm hi.

*Artikolu 4*

**Stabbiliment ta' Pjan ta' Azzjoni Preventiv u ta' Pjan ta' Emerġenza**

1. L-Awtorità Kompetenti ta' kull Stat Membru, wara konsultazzjoni mal-impriżi tal-gass naturali, l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti domestiċi u industrijali tal-gass, u mal-awtorità regolatorja nazzjonali, meta din ma tkunx l-Awtorità Kompetenti, għandha, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, tistabbilixxi fil-livell nazzjonali:

(a) Pjan ta' Azzjoni Preventiv li jkun fih il-miżuri meħtieġa biex jitneħħew jew jittaffew ir-riskji identifikati, skont l-istima tar-riskji li tkun saret skont l-Artikolu 9; u

(b) Pjan ta' Emerġenza li jkun fih il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jitneħħa jew jittaffa l-impatt ta' xkiel fil-provvista tal-gass skont l-Artikolu 10.

2. Qabel jadottaw Pjan ta' Azzjoni Preventiv u Pjan ta' Emerġenza fil-livell nazzjonali, l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom, mhux aktar tard mit-3 ta' Ġunju 2012, jiskambjaw l-abbozzi tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u ta' Emerġenza tagħhom u jikkonsulatw lil xulxin fil-livell reġjonali xieraq, u lill-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiżguraw li l-abbozzi tal-Pjanijiet u l-miżuri tagħhom ma jkunux inkonsistenti mal-Pjan ta' Azzjoni Preventiv u mal-Pjan ta' Emerġenza ta' Stat Membru ieħor u li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni. Tali konsultazzjoni għandha titwettaq b'mod partikolari bejn Stati Membri ġirien, speċifikament bejn sistemi iżolati li jifformaw gżejjer f'dak li għandu x'jaqsam mal-gass u l-Istati Membri ġirien tagħhom, u tista' pereżempju tkopri lil dawk l-Istati Membri identifikati fil-lista indikattiva tal-Anness IV.

3. Fuq il-bażi tal-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 u r-rakkomandazzjonijiet possibbli mill-Kummissjoni, l-Awtoritajiet Kompetenti kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi konġunti fil-livell reġjonali ("Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi konġunti") u Pjanijiet konġunti ta' Emerġenza fil-livell reġjonali ("Pjanijiet konġunti ta' Emerġenza"), apparti l-Pjanijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali. Fil-każ tal-Pjanijiet konġunti, l-Awtoritajiet Kompetenti kkonċernati għandhom jagħmlu ħilithom, fejn ikun il-każ, li jikkonkludu ftehimiet sabiex jimplimentaw il-koperazzjoni reġjonali. Jekk ikun hemm bżonn, dawn il-ftehimiet għandhom jiġu approvati formalment mill-Istati Membri.

4. Meta tistabbilixxi u timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Preventiv u l-Pjan ta' Emerġenza fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali, l-Awtorità Kompetenti għandha tqis kif jixraq il-fatt li s-sistema tal-gass trid topera b'sikurezza f'kull ħin u tindirizza u tistipula f'dawk il-Pjanijiet il-limiti tekniċi li jolqtu l-operat tan-netwerk inklużi r-raġunijiet tekniċi u ta' sikurezza li jistgħu jwasslu għat-tnaqqis tal-flussi fil-każ ta' emerġenza.

5. Mhux aktar tar mit-3 ta' Diċembru 2012, il-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u ta' Emerġenza, inklużi, fejn hu applikabbli, il-Pjanijiet konġunti, għandhom jiġu adottati u jiġu ppubblikati. Dawn il-Pjanijiet għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni bla dewmien. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass. L-Awtoritjiet Kompetenti għandhom jiżguraw il-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni ta' dawn il-Pjanijiet.

6. Fi żmien tliet xhur wara n-notifika mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Pjanijiet imsemmija fil-paragrafu 5:

(a) il-Kummissjoni għandha tivvaluta dawk il-Pjanijiet, skont il-punt (b). Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass dwar dawk il-Pjanijiet u tqis kif xieraq l-opinjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta l-valutazzjoni tagħha tal-Pjanijiet lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass; u

(b) fejn il-Kummissjoni, abbażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet:

(i) fuq valutazzjoni tikkunsidra li Pjan ta' Azzjoni Preventiv jew ta' Emerġenza mhuwiex effikaċi biex itaffi r-riskji kif identifikati fl-istima tar-riskji, tista' tirrakkomanda li l-Awtorità Kompetenti jew l-Awtoritajiet Kompetenti kkonċernati jemendaw il-Pjan relevanti;

(ii) tikkunsidra li Pjan ta' Azzjoni Preventiv u ta' Emerġenza jkun inkonsistenti max-xenarji tar-riskji jew mal-Pjanijiet ta' Awtorità Kompetenti oħra, jew li ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni, għandha titlob li l-Pjan jiġi emendat;

(iii) tikkunsidra li l-Pjan ta' Azzjoni Preventiv jipperikola s-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-Istati Membri l-oħra jew tal-Unjoni kollha, għandha tiddeċiedi li teżiġi li l-Awtorità Kompetenti tirrivedi dak il-Pjan ta' Azzjoni Preventiv u tista' tippreżenta rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jiġi emendat. Il-Kummissjoni għandha tagħti raġunijiet dettaljati għad-deċiżjoni tagħha.

7. Fi żmien erba' xhur min-notifika tat-talba tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 6(b)(ii), l-Awtorità Kompetenti konċernata għandha temenda l-Pjan ta' Azzjoni Preventiv jew il-Pjan ta' Emerġenza tagħha u tinnotifika l-Pjan emendat lill-Kummissjoni, jew għandha tinforma lill-Kummissjoni r-raġunijiet għaliex ma taqbilx mat-talba. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-Kummissjoni tista', fi żmien xahrejn mit-tweġiba tal-Awtorità Kompetenti, tirtira t-talba tagħha jew tlaqqa' lill-Awtoritajiet Kompetenti konċernati u, fejn il-Kummissjoni tqis li hemm bżonnu, lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass, sabiex jikkunsidraw il-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tistipula r-raġunament dettaljat tagħha biex titlob kwalunkwe emendament tal-Pjanijiet. L-Awtorità Kompetenti għandha tqis kompletament il-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Fejn id-deċiżjoni finali tal-Awtorità Kompetenti tkun differenti mill-pożizzjoni tal-Kummissjoni, l-Awtorità Kompetenti għandha tipprovdi u tippubblika, flimkien ma' dik id-deċiżjoni u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, ir-raġunament abbażi ta' din id-deċiżjoni fi żmien xahrejn minn meta tasal il-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Fejn ikun applikabbli, l-Awtorità Kompetenti għandha tippubblika l-Pjan emendat bla dewmien.

8. Fi żmien tliet xhur min-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 6(b)(iii), l-Awtorità Kompetenti konċernata għandha temenda l-Pjan ta' Azzjoni Preventiv tagħha u tinnotifika l-Pjan emendat lill-Kummissjoni, jew għandha tinforma lill-Kummissjoni r-raġunijiet għaliex ma taqbilx mad-deċiżjoni. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-Kummissjoni tista' fi żmien xahrejn mit-tweġiba tal-Awtorità Kompetenti, tiddeċiedi li temenda jew tirtira t-talba tagħha. Jekk il-Kummissjoni żżomm it-talba tagħha, l-Awtorità Kompetenti konċernata għandha temenda l-Pjan fi żmien xahrejn tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, wara li tqis bl-akbar attenzjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 6(b)(iii), u għandha tinnotifikah lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass u tqis kif dovut ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu meta tkun qed tfassal l-opinjoni tagħha dwar il-Pjan emendat, li għandha tingħata fi żmien xahrejn min-notifika tal-Awtorità Kompetenti. L-Awtorità Kompetenti konċernata għandha tqis bl-akbar attenzjoni l-opinjoni tal-Kummissjoni u, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni, għandha tadotta u tippubblika l-Pjan emendat li jirriżulta.

9. Għandha tiġi ppreżervata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva.

*Artikolu 5*

**Kontenut tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi nazzjonali u konġunti**

1. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi nazzjonali u konġunti għandu jkun fihom:

(a) ir-riżultati tal-istima tar-riskji kif stipulat fl-Artikolu 9;

(b) il-miżuri, il-volumi, il-kapaċitajiet u l-kalendarju li hemm bżonn biex jiġu sodisfatti l-istandards tal-infrastruttura u l-provvista, kif stipulati fl-Artikoli 6 u 8, li, fejn ikun applikabbli, jinkludu l-punt sa kemm il-miżuri min-naħa tad-domanda jistgħu jikkumpensaw biżżejjed, b'mod f'waqtu, għal xkiel tal-provvista kif imsemmi fl-Artikolu 6(2), l-identifikazzjoni tal-ikbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni fil-każ ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(3) u kwalunkwe standards ta' provvista msaħħa skont l-Artikolu 8(2);

(c) l-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali u l-korpi rilevanti l-oħra, anki biex is-sistema tal-gass topera b'sikurezza;

(d) il-miżuri preventivi l-oħra, bħal dawk relatati mal-ħtieġa li jissaħħu l-interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri ġirien u l-possibbiltà li r-rotot tal-gass u s-sorsi tal-provvista jiġu diversifikati, jekk xieraq, biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati sabiex il-gass jibqa' jiġi pprovdut lill-klijenti kollha sa kemm ikun possibbli;

(e) il-mekkaniżmi li jintużaw għall-koperazzjoni mal-Istati Membri l-oħra għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi konġunti u Pjanijiet konġunti ta' Emerġenza, kif imsemmija fl-Artikolu 4(3), fejn ikun applikabbli;

(f) l-informazzjoni dwar l-interkonnessjonijiet eżistenti u futuri, inklużi dawk li jipprovdu aċċess għan-netwerk tal-gass tal-Unjoni, il-flussi transkonfinali, l-aċċess transkonfinali għall-faċilitajiet ta' ħżin u l-kapaċità fiżika li l-gass jiġi ttrasportat fiż-żewġ direzzjonijiet ("kapaċita bi-direzzjonali"), b'mod partikulari fil-każ ta' emerġenza;

(g) l-informazzjoni dwar l-obbligi kollha tas-servizz pubbliku relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-gass.

2. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi nazzjonali u konġunti, partikolarment l-azzjonijiet biex jintlaħaq l-istandard tal-infrastruttura kif stipulat fl-Artikolu 6, għandhom jieħdu kont tal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk tal-Unjoni li għandu jitfassal mill-ENTSO for Gas skont l-Artikolu 8(10) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009.

3. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi nazzjonali u konġunti għandhom ikunu bbażati prinċipalment fuq miżuri tas-suq, u għandhom jieħdu kont tal-impatt ekonomiku, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-miżuri, l-effetti fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija u l-impatt fuq l-ambjent u fuq il-konsumatur, u ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-gass naturali, u lanqas jolqtu b'mod negattiv fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-gass.

4. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi nazzjonali u konġunti għandhom jiġu aġġornati kull sentejn, sakemm iċ-ċirkustanzi ma jeżiġux aġġornamenti aktar frekwenti, u għandhom jirriflettu l-istima aġġornata tar-riskji. Il-konsultazzjoni prevista bejn l-Awtoritajiet Kompetenti taħt l-Artikolu 4(2) għandha titwettaq qabel ma jiġi adottat il-Pjan aġġornat.

*Artikolu 6*

**Standard tal-infrastruttura**

1. L-Istati Membri jew, fejn Stat Membru jipprevedi hekk, l-Awtorità Kompetenti, għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri li hemm bżonn sabiex mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2014, fil-każ ta' xkiel fl-akbar infrastruttura unika tal-gass, il-kapaċità tal-infrastruttura li tibqa', stabbilita skont il-formula N – 1 kif ipprovdut fil-punt 2 tal-Anness I, tkun tista', mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tissodisfa d-domanda totali għall-gass taż-żona kkalkulata matul ġurnata ta' domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass li sseħħ bi probabbiltà statistika ta' darba f'20 sena. Dan hu mingħajr preġudizzju, fejn ikun xieraq u meħtieġ, għar-responsabbiltà tal-operaturi tas-sistemi li jagħmlu l-investimenti korrispondenti u għall-obbligi tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni kif stipulati fid-Direttiva 2009//73/KE u r-Regolament (KE) Nru 715/2009.

2. L-obbligu li jiġi żgurat li l-infrastruttura li jkun għad fadal ikollha l-kapaċità tissodisfa d-domanda totali għall-gass, kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandu wkoll jitqies li ġie rispettat meta l-Awtorità Kompetenti turi fil-Pjan ta' Azzjoni Preventiv li xkiel fil-provvista jista' jiġi kkumpensat biżżejjed u b'mod f'waqtu b'miżuri xierqa min-naħa tad-domanda u abbażi tas-suq. Għal dak l-iskop, għandha tintuża l-formula pprovduta fil-punt 4 tal-Anness I.

3. Fejn ikun il-każ, skont l-istima tar-riskji msemmija fl-Artikolu 9, l-Awtoritajiet Kompetenti kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li l-obbligu stipulat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi sodisfatt f'livell reġjonali minflok f'livell nazzjonali. F'dak il-każ, għandhom jiġu stabbiliti Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi konġunti skont l-Artikolu 4(3). Għandu japplika l-punt 5 tal-Anness I.

4. Kull Awtorità Kompetenti għandha, wara konsultazzjoni mal-impriżi tal-gass naturali rilevanti, tirrapporta lill-Kummissjoni mingħajr dewmien kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-obbligu stipulat fil-paragrafu 1 u tinforma lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għal tali nuqqas ta' konformità.

5. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jippermettu kapaċità bi-direzzjonali permanenti fl-interkonessjonijiet transkonfinali kollha bejn l-Istati Membri minn kemm jista' jkun kmieni u mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2013, ħlief:

(a) fil-każijiet ta' konnessjonijiet mal-faċilitajiet ta' produzzjoni, mal-faċilitajiet LNG u man-netwerks ta' distribuzzjoni; jew

(b) fejn tkun ingħatat eżenzjoni skont l-Artikolu 7.

Sat-3 ta' Diċembru 2013, l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni tal-gass għandhom jadattaw il-funzjonament tas-sistemi tat-trażmissjoni parzjalment jew kollha kemm huma sabiex jippermettu flussi tal-gass fiż-żewġ direzzjonijiet fl-interkonnessjonijiet transkonfinali.

6. Meta diġà tkun teżisti l-kapaċità bi-direzzjonali jew din tkun qed tinbena għal interkonnessjoni transkonfinali partikulari, l-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 għandu jitqies li ġie sodisfatt għal dik l-interkonnessjoni ħlief fejn ikun intalab tisħiħ tal-kapaċità minn Stat Membru wieħed jew aktar għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista. Meta ssir talba ta' dan it-tip għat-tisħiħ, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 7.

7. L-Istati Membri, jew, fejn Stat Membru jipprevedi hekk, l-Awtorità Kompetenti, għandhom jiżguraw li, bħala l-ewwel pass, is-suq tal-gass jiġi dejjem ittestjat b'mod trasparenti, dettaljat u mhux diskriminatorju biex jiġi stmat jekk l-investiment fl-infrastruttura meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-obbligi stipulati fil-paragrafi 1 u 5 huwiex meħtieġ mis-suq.

8. L-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali għandhom iqisu l-ispejjeż imġarrba b'mod effiċjenti għat-twettiq tal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 u l-ispejjeż li jippermettu l-kapaċità bi-direzzjonali permanenti sabiex jingħataw l-inċentivi xierqa meta jkunu qed jiġu stabbiliti jew approvati, b'mod trasparenti u dettaljat, it-tariffi jew il-metodoloġiji f'konformità mal-Artikolu 41(8) tad-Direttiva 2009/73/KE u l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009. Fil-każ li investiment li jippermetti l-kapaċità bi-direzzjonali ma jkunx rikjest mis-suq u fejn dan l-investiment iġarrab spejjeż f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fi Stat Membru wieħed għall-benefiċċju ta' Stat Membru ieħor jew fi Stati Membri oħrajn, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri konċernati għandhom jiddeċiedu flimkien dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż qabel ma tittieħed xi deċiżjoni dwar l-investiment. L-allokazzjoni tal-ispejjeż għandha tqis, b'mod partikulari, il-proporzjon tal-benefiċċji tal-investimenti infrastruttuali għaż-żieda tas-sigurtà tal-provvista tal-Istati Membri kkonċernati. Għandu japplika l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 713/2009.

9. L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li kull infrastruttura ġdida għat-trażmissjoni tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista permezz tal-iżvilupp ta' netwerk konness sew, fejn ikun il-każ anke permezz ta' għadd suffiċjenti ta' punti ta' dħul u ħruġ transkonfinali skont id-domanda tas-suq u r-riskji identifikati. L-Awtorità Kompetenti għandha tqis, fejn ikun il-każ, fstima tar-riskji fejn jeżistu blokkaġġi interni u jekk il-kapaċitajiet u l-infrastrutturi ta' dħul nazzjonali, b'mod partikulari n-netwerks ta' trażmissjoni, humiex kapaċi jadattaw il-flussi tal-gass nazzjonali għax-xenarju ta' xkiel fl-akbar infrastruttura unika tal-gass identifikata fl-istima tar-riskji.

10. Il-Lussemburgu, is-Slovenja u l-Isvezja għandhom, bħala eċċezzjoni, ma jkunux marbutin bi, iżda għandhom jagħmlu ħilithom biex jissodisfaw, l-obbligu stipulat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, waqt li jiżguraw il-provvisti tal-gass lill-klijenti protetti skont l-Artikolu 8. Dik l-eċċezzjoni għandha tapplika sakemm:

(a) fil-każ tal-Lussemburgu: jkollu tal-anqas żewġ interkonnetturi ma' Stati Membri oħra, tal-anqas żewġ sorsi differenti ta' provvista u l-ebda faċilitajiet għall-ħżin tal-gass jew faċilità tal-LNG fit-territorju tiegħu;

(b) fil-każ tas-Slovenja: ikollha tal-anqas żewġ interkonnetturi ma' Stati Membri oħra, tal-anqas żewġ sorsi differenti ta' provvista u l-ebda faċilitajiet għall-ħżin tal-gass jew faċilità tal-LNG fit-territorju tagħha;

(c) fil-każ tal-Isvezja: ma jkollha l-ebda tranżitu ta' gass lil Stati Membri oħra fit-territorju tagħha, konsum ta' gass internament gross annwali ta' anqas minn 2 Mtoe u anqas minn 5 % tal-konsum enerġetiku primarju mill-gass.

Dawk it-tliet Stati Membri għandhom jiżguraw, b'mod trasparenti, dettaljat u mhux diskriminatorju, li jsiru testijiet regolari tas-suq għall-investimenti fl-infrastruttura u jippubblikaw ir-riżultat ta' dawk it-testijiet.

L-Istati Membri msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'kull bidla fir-rigward tal-kondizzjonijiet imsemmijin stipulati f'dak is-subparagrafu. L-eċċezzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu għandha ma tkomplix tapplika meta tal-anqas waħda minn dawk il-kondizzjonijiet ma tibqax sodisfatta.

Sat-3 ta' Diċembru 2018, kull wieħed mill-Istati Membri msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jittrażmettu rapport lill-Kummissjoni li jiddeskrivi s-sitwazzjoni fir-rigward tal-kondizzjonijiet rispettivi stipulati f'dak is-subparagrafu u l-prospetti għall-konformità mal-obbligu fil-paragrafu 1, b'kont meħud tal-impatt ekonomiku biex jintlaħaq l-istandard infrastrutturali, ir-riżultati tat-testijiet tas-suq u l-iżvilupp tas-suq tal-gass u l-proġetti tal-infrastruttura tal-gass fir-reġjun. Fuq il-bażi tar-rapport u jekk il-kondizzjonijiet rispettivi stipulati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jkunu għadhom sodisfatti, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-eċċezzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu tista' tkompli tapplika għal erba' snin oħra. Fil-każ ta' deċiżjoni pożittiva, il-proċedura stipulata f'dan is-subparagrafu għandha tiġi ripetuta wara erba' snin.

*Artikolu 7*

**Proċedura biex tiġi permessa kapaċità bi-direzzjonali jew biex tingħata eżenzjoni**

1. Għal kull interkonnessjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri, ħlief għal dawk eżentati taħt l-Artikolu 6(5)(a) u ħlief fejn il-kapaċità bi-direzzjonali diġà teżisti jew qed tinbena u ma jintalab l-ebda tisħiħ minn Stat Membru wieħed jew aktar għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom, mhux aktar tard mit-3 ta' Marzu 2012, jippreżentaw lill-Istati Membri tagħhom, jew fejn jipprevedu hekk l-Istati Membri, lill-Awtoritajiet Kompetenti jew lill-awtoritajiet regolatorji tagħhom (imsemmijin flimkien f'dan l-Artikolu bħala "l-awtoritajiet ikkonċernati"), wara konsultazzjoni mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni kollha l-oħra kkonċernati:

(a) proposta għall-kapaċità bi-direzzjonali fir-rigward tad-direzzjoni opposta ("kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta"); jew

(b) talba għal eżenzjoni mill-obbligu li tkun permessa kapaċità bi-direzzjonali.

2. Il-proposta għal kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta jew it-talba għall-eżenzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq stima tad-domanda tas-suq, tbassiriet tad-domanda u l-provvista, il-fattibbiltà teknika, l-ispejjeż tal-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta, inkluż it-tisħiħ konsegwenti tas-sistema ta' trażmissjoni, u l-benefiċċji għas-sigurtà tal-provvista, waqt li titqies ukoll, fejn ikun il-każ, il-kontribuzzjoni possibbli tal-kapaċita ta' fluss fid-direzzjoni opposta għall-ilħuq, flimkien ma' miżuri oħra possibbli, tal-istandard infrastrutturali stipulat fl-Artikolu 6 fil-każ tal-Istati Membri li jibbenefikaw mill-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta.

3. L-awtorità kkonċernata li tirċievi l-proposta jew it-talba għal eżenzjoni għandha tinnotifika lill-awtoritajiet ikkonċernati tal-Istati Membri l-oħrajn li jistgħu, skont l-istima tar-riskji, jibbenefikaw mill-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta, u lill-Kummissjoni dwar il-proposta jew it-talba għal eżenzjoni bla dewmien. Dik l-awtorità kkonċernata għandha tagħti lil dawk l-awtoritajiet ikkonċernati u lill-Kummissjoni l-possibbiltà li jagħtu opinjoni fi żmien perjodu ta' erba' xhur wara li jirċievu dik in-notifika.

4. Fi żmien xahrejn mill-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 3, l-awtorità kkonċernata, abbażi tal-kriterji msemmijin fil-paragrafu 2 u tal-istima tar-riskji mwettqa skont l-Artikolu 9, u waqt li tqis bl-akbar attenzjoni l-opinjonijiet li tkun irċeviet skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u b'kont meħud tal-aspetti li mhumiex strettament ekonomiċi, bħas-sigurtà tal-provvista tal-gass u l-kontribuzzjoni għas-suq tal-gass intern, għandha:

(a) tagħti eżenzjoni jekk il-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta ma ssaħħahx b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-provvista ta' kull Stat Membru jew reġjun jew jekk l-ispejjeż tal-investiment ikunu akbar b'mod sinifikanti mill-benefiċċji prospettivi għas-sigurtà tal-provvista; jew

(b) taċċetta l-proposta għall-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta; jew

(c) teżiġi li l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jemenda l-proposta tiegħu.

L-awtorità kkonċernata għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha bla dewmien lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha li turi r-raġunijiet għad-deċiżjoni, flimkien mal-opinjonijiet li tkun irċeviet skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. L-awtoritajiet ikkonċernati għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet reċiprokament dipendenti li jikkonċernaw l-istess interkonnessjonijiet jew sistemi ta' pajjiżiet interkonnessi ma jikkontradixxux lil xulxin.

5. Fi żmien xahrejn mir-riċezzjoni ta' dik in-notifika, u fejn ikun hemm diskrepanzi bejn id-deċiżjoni tal-awtorità kkonċernata u l-opinjonijiet tal-awtoritajiet ikkonċernati l-oħra, il-Kummissjoni tista' teżiġi li l-awtorità kkonċernata temenda d-deċiżjoni tagħha. Dak il-perjodu jista' jittawwal b'xahar addizzjonali meta informazzjoni addizzjonali tkun intalbet mill-Kummissjoni. Kull proposta mill-Kummissjoni li teżiġi l-emendament tad-deċiżjoni tal-awtorità kkonċernata għandha ssir abbażi tal-elementi u l-kriterji stipulati fil-paragrafi 2 u fil-punt (a) tal-paragrafu 4, b'kont meħud tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-awtorità kkonċernata. L-awtorità kkonċernata għandha tikkonforma mat-talba billi temenda d-deċiżjoni tagħha fi żmien perjodu ta' erba' ġimgħat. Fil-każ li l-Kummissjoni ma taġixxix fi żmien dak il-perijodu ta' xahrejn, għandha titqies li ma tkunx qajmet oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet ikkonċernati.

6. Fejn ikun hemm bżonn ta' kapaċità ta' fluss addizzjonali fid-direzzjoni opposta skont ir-riżultati tal-istima tar-riskji mwettqa skont l-Artikolu 9, il-proċedura stipulata fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi ripetuta fuq it-talba ta' operatur ta' sistema ta' trażmissjoni, ta' awtorità kkonċernata jew tal-Kummissjoni.

7. Il-Kummissjoni u l-awtorità kkonċernata għandhom, f'kull waqt, jippreżervaw il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

*Artikolu 8*

**Standard tal-provvista**

1. L-Awtorità Kompetenti għandha teżiġi li l-impriżi tal-gass naturali, li hija tidentifika, jieħdu miżuri biex jiżguraw il-forniment tal-gass lill-klijenti protetti tal-Istat Membru f'dawn il-każi li ġejjin:

(a) temperaturi estremi matul perjodu ta' sebat ijiem bl-ogħla valur li jseħħ bi probabbiltà statistika ta' darba f'20 sena;

(b) kwalunkwe perjodu ta' 30 jum tal-anqas ta' domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass, li jseħħ bi probabbiltà statistika ta' darba f'20 sena; u

(c) għal perjodu ta' 30 jum tal-anqas fil-każ ta' xkiel fl-akbar infrastruttura unika tal-provvista tal-gass f'kondizzjonijiet medji tax-xitwa.

L-Awtorità Kompetenti għandha tidentifika l-impriżi tal-gass naturali msemmija fl-ewwel subparagrafu mhux aktar tard mit-3 ta' Ġunju 2012.

2. Kull standard ta' provvista miżjuda li jaqbeż il-perjodu ta' 30 jum imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 jew kull obbligu addizzjonali impost għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista tal-gass għandhom ikunu bbażati fuq l-istima tar-riskji msemmija fl-Artikolu 9, għandhom ikunu riflessi fil-Pjan ta' Azzjoni Preventiv u għandhom:

(a) jikkonformaw mal-Artikolu 3(6);

(b) ma jagħwġux b'mod mhux xieraq il-kompetizzjoni u jostakolaw il-funzjonament tas-suq intern fil-gass naturali;

(c) ma jkollhomx impatt negattiv fuq il-kapaċità ta' kull Stat Membru ieħor li jforni lill-klijenti protetti tiegħu skont dan l-Artikolu fil-każ ta' emerġenza nazzjonali, reġjonali jew tal-Unjoni; u

(d) jikkonformaw mal-kriterji speċifikati fl-Artikolu 11(5) fil-każ ta' emerġenza tal-Unjoni jew reġjonali.

Fi spirtu ta' solidarjetà, l-Awtorità Kompetenti għandha tidentifika fil-Pjan ta' Azzjoni Preventiv u l-Pjan ta' Emerġenza kif standards ta' provvista miżjuda jew obbligu addizzjonali impost fuq l-impriżi tal-gass naturali jistgħu jitnaqqsu b'mod temporanju fil-każ ta' emerġenza tal-Unjoni jew dik reġjonali.

3. Wara l-perjodi definiti mill-Awtorità Kompetenti skont il-paragrafi 1 u 2, jew f'kondizzjonijiet aktar stretti minn dawk definiti fil-paragrafu 1, l-Awtorità Kompetenti u l-impriżi tal-gass naturali għandhom jagħmlu ħilithom biex imantnu għal kemm ikun possibbli l-provvista tal-gass, b'mod partikulari, għall-klijenti protetti.

4. L-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali biex jissodisfaw l-istandard tal-provvista kif stipulat f'dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu diskriminatorji u ma għandhomx jimponu piż bla bżonn fuq dawk l-impriżi.

5. L-impriżi tal-gass naturali għandhom ikunu permessi jissodisfaw dawn l-obbligi f'livell reġjonali jew tal-Unjoni, skont il-każ. L-Awtorità Kompetenti ma għandhiex teżiġi li l-istandards stipulati f'dan l-Artikolu jintlaħqu abbażi tal-infrastruttura li tinsab fit-territorju tagħha biss

6. L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet għall-provvisti lill-klijenti protetti huma stabbiliti mingħajr ħsara għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass u bi prezz li jirrispetta l-valur fis-suq tal-provvisti.

*Artikolu 9*

**Stima tar-riskju**

1. Sat-3 ta' Diċembru 2011, kull Awtorità Kompetenti għandha tagħmel stima kompluta abbażi tal-elementi komuni li ġejjin, tar-riskji li jaffettwaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Istat Membru tagħha billi:

(a) tuża l-istandards speċifikati fl-Artikoli 6 u 8, waqt li turi l-kalkolu tal-formula N – 1, is-suppożizzjonijiet użati, inklużi dawk, għall-kalkolu tal-formula N – 1 fil-livell reġjonali, u d-data meħtieġa għal dawn il-kalkoli;

(b) tqis iċ-ċirkustanzi nazzjonali u reġjonali rilevanti kollha, b'mod partikulari, id-daqs tas-suq, il-konfigurazzjoni tan-netwerk, il-flussi nnifishom, inklużi l-flussi 'l barra mill-Istat Membru kkonċernat, il-possibbiltà ta' flussi fiżiċi tal-gass fiż-żewġ direzzjonijiet flimkien mal-ħtieġa potenzjali għal tisħiħ konsegwenti tas-sistema ta' trażmissjoni, il-preżenza ta' produzzjoni u ħżin u r-rwol tal-gass fit-taħlita enerġetika, b'mod partikulari fir-rigward tat-tisħin distrettwali u l-ġenerazzjoni tal-elettriku u għall-operat tal-industriji, u konsiderazzjonijiet tal-kwalità tal-gass;

(c) tissimula diversi xenarji ta' domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass u xkiel fil-provvista, bħal ħsara fl-infrastrutturi ewlenin tat-trażmissjoni, il-ħażniet jew it-terminals tal-LNG u x-xkiel fil-forniment mingħand fornituri minn pajjiżi terzi, b'kont meħud tal-istorja, tal-probabbiltajiet, tal-istaġun, tal-frekwenza u tat-tul tal-okkorrenza tagħhom, kif ukoll, fejn ikun il-każ, ir-riskji ġeopolitiċi, u tagħmel stima tal-konsegwenzi probabbli ta' dawn ix-xenarji;

(d) l-identifikazzjoni tal-interazzjoni u l-korrelazzjoni tar-riskji ma' Stati Membri oħra, anke, inter alia, fir-rigward tal-interkonnessjonijiet, il-provvisti transkonfinali, l-aċċess transkonfinali għall-faċilitajiet ta' ħżin u l-kapaċità bi-direzzjonali;

(e) tqis il-kapaċità massima ta' interkonnessjoni ta' kull punt konfinali ta' dħul u ħruġ.

2. Fejn japplika l-Artikolu 4(3), l-Awtoritajiet Kompetenti kkonċernati għandhom jagħmlu wkoll stima konġunta tar-riskji fil-livell reġjonali.

3. L-impriżi tal-gass naturali, il-klijenti tal-gass industrijali, l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti domestiċi u industrijali tal-gass, kif ukoll l-Istati Membri u l-awtorità regolatorja nazzjonali, meta din ma tkunx l-Awtorità Kompetenti, għandhom jikkoperaw mal-Awtorità Kompetenti u jipprovdulha, fuq talba, l-informazzjoni kollha neċessarja għall-istima tar-riskji.

4. L-istima tar-riskji għandha tiġi aġġornata għall-ewwel darba mhux aktar tard minn 18-il xahar wara l-adozzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u ta' Emerġenza msemmijin fl-Artikolu 4, u minn dakinhar kull sentejn qabel it-30 ta' Settembru ta' dik is-sena relevanti sakemm iċ-ċirkustanzi ma jeżiġux aġġornamenti aktar frekwenti. L-istima għandha tieħu kont tal-progress li jkun sar fl-investimenti meħtieġa biex jintlaħaq l-istandard infrastrutturali definit fl-Artikolu 6 u d-diffikultajiet speċifiċi għal kull pajjiż li jinstabu fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi ġodda.

5. L-istima tar-riskji, flimkien mal-verżjonijiet aġġornati, għandha tkun disponibbli għall-Kummissjoni bla dewmien.

*Artikolu 10*

**Il-Pjan ta' Emerġenza u l-Livelli tal-kriżi**

1. Il-Pjanijiet nazzjonali u konġunti ta' emerġenza għandhom:

(a) jibnu fuq il-livelli tal-kriżi stipulati fil-paragrafu 3;

(b) jiddefinixxu r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-impriżi tal-gass naturali u tal-klijenti industrijali tal-gass, inklużi l-produtturi rilevanti tal-elettriku, waqt li jitqiesu l-estenti differenti kemm jiġu affettwati fil-każ ta' xkiel fil-provvista tal-gass, u l-interazzjoni tagħhom mal-Awtoritajiet Kompetenti u fejn xieraq mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'kull livell ta' kriżi definit fil-paragrafu 3;

(c) jiddefinixxu r-rwol u r-responabbiltajiet tal-Awtoritajiet Kompetenti u tal-korpi l-oħrajn li jkunu ġew delegati kompiti lilhom kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) f'kull livell ta' kriżi definit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;

(d) jiżguraw li l-impriżi tal-gass naturali u l-klijenti ta' gass industrijali jingħataw biżżejjed opportunità li jirreaġixxu f'kull livell ta' kriżi;

(e) jidentifikaw, jekk ikun xieraq, il-miżuri u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jittaffa l-impatt potenzjali ta' xkiel fil-provvista tal-gass fuq it-tisħin distrettwali u l-provvista tal-elettriku ġġenerata mill-gass;

(f) jistabbilixxu proċeduri u miżuri dettaljati li għandhom jiġu segwiti għal kull livell ta' kriżi, fosthom l-iskemi korrispondenti dwar il-flussi tal-informazzjoni;

(g) jaħtru maniġer jew tim tal-kriżi u jiddefinixxu r-rwol tiegħu;

(h) jidentifikaw il-kontribut tal-miżuri abbażi tas-suq, b'mod parikolari dawk elenkati fl-Anness II biex jindirizzaw is-sitwazzjoni fil-livell tal-allert u jtaffu s-sitwazzjoni fil-livell tal-emerġenza;

(i) jidentifikaw il-kontribut tal-miżuri mhux abbażi tas-suq ippjanati jew li għandhom jiġu implimentati għal-livell tal-emerġenza, b'mod parikolari dawk elenkati fl-Anness III u jagħmlu stima sa fejn huwa meħtieġ l-użu ta' dawn il-miżuri mhux abbażi tas-suq sabiex tiġi indirizzata kriżi, jagħmlu stima tal-effetti tagħhom u jiddefinixxu l-proċeduri għall-implimentazzjoni tagħhom, b'kont meħud li l-miżuri mhux abbażi tas-suq għandhom jintużaw biss meta l-mekkaniżmi abbażi tas-suq waħedhom ma jkunux jistgħu jkomplu jiżguraw il-provvisti, b'mod partikulari lill-klijenti protetti;

(j) jiddeskrivu l-mekkaniżmi użati għall-koperazzjoni ma' Stati Membri oħra għal kull livell ta' kriżi;

(k) jispjegaw l-obbligi tar-rappurtar imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali fil-livelli tal-allert u tal-emerġenza;

(l) jistabbilixxu lista ta' azzjonijiet iddefiniti minn qabel biex ikun hemm disponibbiltà ta' gass f'każ ta' emerġenza, fosthom il-ftehimiet kummerċjali bejn il-partijiet involuti f'dawn l-azzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' kumpens għall-impriżi tal-gass naturali fejn ikun il-każ, waqt li titqies kif dovut il-kunfidenzjalità ta' data sensittiva. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinvolvu ftehimiet transkonfinali bejn l-Istati Membri u/jew l-impriżi tal-gass naturali.

2. Il-pjanijiet nazzjonali u konġunti ta' emerġenza għandu jiġi aġġornat kull sentejn, sakemm iċ-ċirkustanzi ma jeżiġux aġġornamenti aktar frekwenti.u għandhom jirriflettu l-istima aġġornata tar-riskji. Il-konsultazzjoni prevista bejn l-Awtoritajiet Kompetenti taħt l-Artikolu 4(2) għandha titwettaq qabel ma jiġi adottat il-Pjan aġġornat.

3. It-tliet livelli ewlenin ta' kriżi għandhom ikunu kif ġej:

(a) livell ta' twissija bikrija (twissija bikrija): meta jkun hemm informazzjoni konkreta, serja u affidabbli li jista' jseħħ avveniment li hemm ċans tajjeb li jirriżulta f'deterjorazzjoni sinifikanti tas-sitwazzjoni tal-provvista u li hemm ċans tajjeb li jwassal biex jitqanqal il-livell ta' allert jew ta' emerġenza; il-livell ta' twissija bikrija jista' jiġi attivat minn mekkaniżmu ta' twissija bikrija;

(b) livell tal-allert (allert): meta jseħħ xkiel fil-provvista jew isseħħ domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass li jirriżulta f'deterjorazzjoni sinifikanti tas-sitwazzjoni tal-provvista, iżda s-suq ikun għadu jista' jimmaniġġa x-xkiel jew id-domanda mingħajr il-bżonn li jirrikorri għal miżuri mhux abbażi tas-suq;

(c) livell tal-emerġenza (emerġenza): fil-każ ta' domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass, xkiel sinifikanti fil-provvista jew deterjorament sinifikanti ieħor tas-sitwazzjoni tal-provvista u fil-każ li l-miżuri rilevanti kollha tas-suq ikunu ġew implimentati imma l-provvista tal-gass tibqa' mhux biżżejjed biex tintlaħaq id-domanda li jkun għad fadal għall-gass, sa fejn ikollhom jiġu introdotti addizzjonalment miżuri mhux abbażi tas-suq bl-intenzjoni, b'mod partikulari li jiġu ssalvagwardati l-provvisti tal-gass lill-klijenti protetti skont l-Artikolu 8.

4. Il-pjanijiet nazzjonali u konġunti ta' emerġenza għandhom jiżguraw li l-aċċess transkonfinali għall-infrastruttura skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 jinżamm sakemm ikun possibbli teknikament u b'sikurezza fil-każ ta' emerġenza. Il-pjanijiet għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 3(6) ta' dan ir-Regolament u ma għandhomx jintroduċu l-ebda miżura li tirrestrinġi bla bżonn il-fluss transkonfinali tal-gass.

5. Meta l-Awtorità Kompetenti tiddikjara xi wieħed mil-livelli ta' kriżi msemmija fil-paragrafu 3, għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni u tipprovdilha l-informazzjoni neċessarja kollha, b'mod partikulari informazzjoni dwar l-azzjonijiet li bihsiebha tieħu. Fil-każ ta' emerġenza li tista' tirriżulta f'sejħa għall-għajnuna mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, l-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru konċernat għandha mingħajr dewmien tinnotifika liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ u l-Informazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili tal-Kummissjoni.

6. Meta l-Awtorità Kompetenti tiddikjara emerġenza għandha ssegwi l-azzjonijiet iddefiniti minn qabel kif iddefiniti fil-Pjan tal-Emerġenza u għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni partikolarment bl-azzjonijiet li bihsiebha tieħu skont il-paragrafu 1. F'ċirkustanzi eċċezzjonali ġġustifikati kif jixraq, l-Awtorità Kompetenti tista' tieħu azzjonijiet li jiddevjaw mill-Pjan ta' Emerġenza. L-Awtorità Kompetenti għandha immedjatament tinforma lill-Kummissjoni b'kull azzjoni ta' dan it-tip u għandha tipprovdi ġustifikazzjoni għaliha.

7. L-Istati Membri u, b'mod partikulari, l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jiżguraw li:

(a) ma jiġu introdotti l-ebda miżuri li jrażżnu b'mod mhux xieraq il-fluss tal-gass fis-suq intern f'kull ħin;

(b) ma jiġu introdotti l-ebda miżuri li hemm ċans tajjeb li jipperikolaw b'mod serju s-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass fi Stat Membru ieħor; u

(c) l-aċċess transkonfinali għall-infrastruttura skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 jinżamm sakemm ikun possibbli teknikament u b'sikurezza skont il-Pjan ta' Emerġenza.

8. Il-Kummissjoni għandha tivverifika, kemm jista' jkun malajr, imma fi kwalunkwe każ fi żmien ħamest ijiem mirriċezzjoni tal-informazzjoni mill-Awtorità Kompetenti msemmija fil-paragrafu 5, jekk id-dikjarazzjoni ta' emerġenza hijiex iġġustifikata skont il-punt (c) tal-paragrafu 3 u jekk il-miżuri mittieħda jsegwux mill-aktar qrib possibbli l-azzjonijiet kif elenkati fil-Pjan ta' Emerġenza u jekk humiex qed jimponu piż bla bżonn fuq l-impriżi tal-gass naturali u jekk humiex konformi mal-paragrafu 7. Il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Awtorità Kompetenti, l-impriżi tal-gass naturali jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha, titlob lill-Awtorità Kompetenti timmodifika l-miżuri meta jkunu kontra l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7 u fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu., Il-Kummissjoni tista' wkoll titlob li l-Awtorità Kompetenti tirtira d-dikjarazzjoni tagħha ta' emerġenza fejn il-Kummissjoni tqis li d-dikjarazzjoni ma tkunx għadha ġġustifikata skont il-punt (c) tal-paragrafu 3.

Fi żmien tlett ijiem min-notifika tat-talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità Kompetenti għandha timmodifika l-miżuri tagħha u tinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan, jew għandha tinforma lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għaliex ma taqbilx mat-talba. F'dak il-każ, il-Kummissjoni tista', fi żmien tlett ijiem, temenda jew tirtira t-talba tagħha jew, sabiex tikkunsidra l-kwistjoini, tlaqqa' lill-Awtorità Kompetenti jew, fejn ikun il-każ, lill-Awtoritajiet Kompetenti kkonċernati, u fejn il-Kummissjoni tqis li jkun meħtieġ, lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass. Il-Kummissjoni għandha tistipula r-raġunament dettaljat tagħha għaliex tkun talbet xi bidla għall-azzjoni. L-Awtorità Kompetenti għandha tqis kompletament il-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Meta d-deċiżjoni finali tal-Awtorità Kompetenti tkun differenti mill-pożizzjoni tal-Kummissjoni, l-Awtorità Kompetenti għandha tipprovdi r-raġunament li fuqu tkun ibbażata din id-deċiżjoni.

*Artikolu 11*

**Reazzjonijiet tal-Unjoni u reġjonali għall-emerġenzi**

1. Fuq talba ta' Awtorità Kompetenti li tkun iddikjarat emerġenza u wara l-verifika skont l-Artikolu 10(8), il-Kummissjoni tista' tiddikjara emerġenza tal-Unjoni jew reġjonali għal reġjuni ġeografika speċifika affettwata. Fuq talba ta' għallinqas żewġ Awtoritajiet Kompetenti li jkunu ddikjaraw emerġenza u wara l-verifika skont l-Artikolu 10(8), u meta r-raġunijiet għal dawk l-emerġenzi jkunu marbutin, il-Kummissjoni għandha tiddikjara, skont il-każ, emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew emerġenza reġjonali. F'kull każ, il-Kummissjoni, permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni l-aktar xierqa għas-sitwazzjoni, għandha tiġbor il-fehmiet u tqis kif jixraq l-informazzjoni rilevanti provvduta mill-Awtoritajiet Kompetenti l-oħra. Meta tqis li l-bażi sottostanti għall-emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew dik reġjonali ma tkunx għadha tiġġustifika dikjarazzjoni ta' emerġenza, il-Kummissjoni għandha tiddikjara t-tmiem tal-emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew dik reġjonali. F'kull każ, il-Kummissjoni għandha tagħti r-raġunijiet tagħha u tinforma lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha.

2. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass hekk kif tiddikjara emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew emerġenza reġjonali. Waqt l-emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew reġjonali, fuq talba ta' mill-inqas tliet Stati Membri, il-Kummissjoni tista' tillimita l-parteċipazzjoni fil-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass, għal laqgħa sħiħa jew parti minnha, lir-rappreżentanti tal-Istati Membri jew l-Awtoritajiet Kompetenti.

3. F'emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew emerġenza reġjonali, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-azzjonijiet tal-Awtoritajiet Kompetenti, waqt li tieħu kont sħiħ tal-informazzjoni rilevanti mill-konsultazzjoni tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass u r-riżultati tagħha. B'mod partikolari l-Kummissjoni għandha:

(a) tiżgura l-iskambju tal-informazzjoni,

(b) tiżgura l-konsistenza u l-effikaċja tal-azzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri u reġjonali b'relazzjoni mal-livell tal-Unjoni,

(c) tikkoordina l-azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

4. Il-Kummissjoni tista' tlaqqa' grupp għall-immaniġġar tal-kriżi magħmul mill-maniġers tal-kriżi msemmija fl-Artikolu 10(1)(g), tal-Istati Membri konċernati mill-emerġenza. Il-Kummissjoni, bi qbil mal-maniġers tal-kriżi, tista' tistieden partijiet interessati rilevanti oħra biex jieħdu sehem. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass ikun mgħarraf regolarment bil-ħidma mwettqa mill-Grupp għall-immaniġġar tal-kriżijiet.

5. L-Istati Membri u, b'mod partikulari, l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jiżguraw li:

(a) ma jiġu introdotti l-ebda miżuri li jrażżnu b'mod mhux xieraq il-fluss tal-gass fis-suq intern f'xi ħin, speċifikament il-fluss tal-gass lis-swieq milquta;

(b) ma jiġu introdotti l-ebda miżuri li hemm ċans tajjeb li jipperikolaw b'mod serju s-sitwazzjoni tal-provvista tal-gass fi Stat Membru ieħor; u

(c) l-aċċess transkonfinali għall-infrastruttura skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 jinżamm sakemm ikun possibbli teknikament u b'sikurezza skont il-Pjan ta' Emerġenza.

6. Fejn, fuq talba ta' Awtorità Kompetenti jew ta' impriża tal-gass naturali jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra li f'emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew reġjonali, azzjoni mittieħda minn Stat Membru jew minn Awtorità Kompetenti jew l-imġiba ta' impriża tal-gass naturali tmur kontra l-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha titlob lil dak l-Istat Membru jew lil dik l-Awtorità Kompetenti tbiddel l-azzjoni tagħha jew tieħu azzjoni sabiex tiżgura konformità mal-paragrafu 5, waqt li tgħarrafhom bir-raġunijiet għal dan. Għandu jitqies kif dovut il-bżonn li s-sistema tal-gass topera b'sikurezza l-ħin kollu.

Fi żmien tlett ijiem min-notifika tat-talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru jew l-Awtorità Kompetenti għandhom jemendaw l-azzjoni tagħhom u jinnotifikaw lill-Kummissjoni jew għandhom jispjegaw lill-Kummissjoni ir-raġunijiet għaliex ma jaqblux mat-talba. F'dak il-każ, il-Kummissjoni tista, fi żmien tlett ijiem, temenda jew tirtira t-talba tagħha jew tlaqqa' lill-Istat Membru jew l-Awtorità Kompetenti u, fejn il-Kummissjoni tqis li jkun meħtieġ, lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass sabiex tiġi kkunsidrata l-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tistipula r-raġunament dettaljat tagħha għaliex tkun talbet xi bidla għall-azzjoni. L-Istat Membru jew l-Awtorità Kompetenti għandhom iqisu kompletament il-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Meta d-deċiżjoni finali tal-Awtorità Kompetenti jew tal-Istat Membru tkun differenti mill-pożizzjoni tal-Kummissjoni, l-Awtorità Kompetenti jew l-Istat Membru għandhom jipprovdu r-raġunament li fuqu tkun ibbażata tali deċiżjoni.

7. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass, għandha tistabbillixxi lista permanenti ta' riżerva għal task force ta' monitoraġġ li tikkonsisti minn esperti industrijali u rappreżentanti tal-Kummissjoni. Din it-task force ta' monitoraġġ tista' tintuża barra l-Unjoni meta meħtieġ u għandha timmonitorja u tirrapporta dwar il-flussi tal-gass fl-Unjoni, b'koperazzjoni mal-pajjiżi terzi li jkunu fornituri u ta' tranżitu.

8. L-Awtorità Kompetenti għandha tipprovdi liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ u l-Informazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili tal-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar kwalunkwe ħtieġa ta' għajnuna. Iċ-Ċentru tal-Monitoraġġ u l-Informazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili għandu jagħmel stima tas-sitwazzjoni totali u jipprovdi konsulenza dwar l-għajnuna li għandha tingħata lill-Istati Membri l-aktar milquta, u fejn xieraq lill-pajjiżi terzi.

*Artikolu 12*

**Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass**

1. Huwa b'dan stabbilit Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass biex jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-miżuri li jikkonċernaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass. Il-Grupp għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, b'mod partikulari, tal-Awtoritajiet Kompetenti tagħhom, kif ukoll l-Aġenzija, l-ENTSO for Gas u entitajiet rappreżentattivi tal-industrija konċernata u dawk tal-klijenti rilevanti. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiddeċiedi dwar l-għamla tal-Grupp sabiex tiżgura li jkun kompletament rappreżentattiv. Il-Kummissjoni għandha tippresedi l-Grupp. Il-Grupp għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tiegħu.

2. Skont dan ir-Regolament, il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass għandu jkun ikkonsultat u għandu jassisti lill-Kummissjoni b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) is-sigurtà tal-provvista tal-gass, fi kwalunkwe ħin u aktar speċifikatament f'każ ta' emerġenza;

(b) l-informazzjoni rilevanti kollha għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-livelli nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni;

(c) l-aqwa prattika u linji gwida possibbli lill-partijiet konċernati kollha;

(d) il-livell tas-sigurtà tal-provvista, il-livelli ta' referenza u l-metodoloġiji ta' stima;

(e) ix-xenarji nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni u l-ittestjar tal-livelli ta' tħejjija;

(f) il-valutazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u tal-Pjanijiet ta' Emerġenza u l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fihom;

(g) il-koordinazzjoni tal-miżuri biex tiġi indirizzata emerġenza fil-livell tal-Unjoni, ma' pajjiżi terzi li jkunu Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija u ma' pajjiżi terzi oħrajn;

(h) l-assistenza meħtieġa mill-Istati Membri l-aktar milquta.

3. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass fuq bażi regolari u għandha taqsam l-informazzjoni riċevuta mill-Awtoritajiet Kompetenti filwaqt li tippreżerva l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tkun sensittiva għall-kummerċ.

*Artikolu 13*

**Skambju tal-informazzjoni**

1. Fejn l-Istati Membri jkollhom obbligi ta' servizz pubbliku eżistenti li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tal-provvista tal-gass, huma għandhom jippubblikawhom sat-3 ta' Jannar 2011. Kull aġġornament sussegwenti jew obbligu ta' servizz pubbliku addizzjonali li għandu x'jaqsam mas-sigurtà tal-provvista tal-gass, għandu jiġi ppubblikat hekk kif jiġi adottat mill-Istati Membri.

2. Matul l-emerġenza, l-impriżi tal-gass naturali kkonċernati għandhom jagħmlu disponibbli, b'mod partikolari l-informazzjoni li ġejja, lill-Awtorità Kompetenti, kuljum:

(a) il-previżjonijiet tad-domanda u tal-provvista tal-gass ta' kuljum għat-tlett ijiem ta' wara;

(b) il-fluss tal-gass ta' kuljum fil-punti transkonfinali tad-dħul u l-ħruġ kif ukoll fil-punti kollha li jgħaqqdu faċilità tal-produzzjoni, faċilità ta' ħżin jew terminal tal-LNG man-netwerk, f'mcm/d;

(c) il-perjodu, espress f'jiem, li għalih huwa mistenni li l-provvista tal-gass lill-klijenti protetti tista' tiġi żgurata.

3. Fil-każ ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew reġjonali, il-Kummissjoni għandha d-dritt li titlob lill-Awtorità Kompetenti tipprovdilha mingħajr dewmien tal-anqas:

(a) l-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 2;

(b) l-informazzjoni dwar il-miżuri ppjanati li għandhom jittieħdu u li diġà ġew implimentati mill-Awtorità Kompetenti sabiex tittaffa l-emerġenza, u informazzjoni dwar l-effikaċja tagħhom;

(c) it-talbiet li saru biex Awtoritajiet Kompetenti oħra jieħdu miżuri addizzjonali;

(d) il-miżuri implimentati fuq talba ta' Awtoritajiet Kompetenti oħra.

4. L-Awtoritajiet Kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jippreżervaw il-kunfidenzjalità tal-infomazzjoni kummerċjalment sensittiva.

5. Wara emerġenza, l-Awtorità Kompetenti għandha, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li tintemm l-emerġenza, tipprovdi lill-Kummissjoni bi stima dettaljata tal-emerġenza u l-effikaċja tal-miżuri implimentati, fosthom l-istima tal-impatt ekonomiku tal-emerġenza, l-impatt fuq is-settur tal-elettriku u l-għajnuna pprovduta lil u/jew riċevuta mingħand l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Stma ta' dan it-tip għandha ssir disponibbli lill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass u għandha tiġi riflessa fir-reviżjonijiet tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u l-Pjanijiet ta' Emerġenza.

Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-istimi tal-Awtoritajiet Kompetenti u għandha tgħarraf lill-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass bir-riżultati tal-analiżi tagħha, f'forma aggregata.

6. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel stima tas-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-provvista fil-livell tal-Unjoni:

(a) mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2011, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-ftehimiet intergovernattivi eżistenti milħuqa ma' pajjiżi terzi li għandhom impatt fuq l-iżvilupp tal-infrastrutturi tal-gass u l-provvisti tal-gass. Meta jikkonkludu ftehimiet intergovernattivi ġodda ma' pajjiżi terzi li jkollhom tali impatt, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni;

(b) għall-kuntratti eżistenti sa mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2011, kif ukoll għal kuntratti ġodda jew fil-każ ta' tibdil għal kuntratti eżistenti,l-impriżi tal-gass naturali għandhom jinnotifikaw lill-Awtoritajiet Kompetenti kkonċernati dwar id-dettalji li ġejjin tal-kuntratti b'tul ta' aktar minn sena konklużi ma' fornituri minn pajjiżi terzi:

(i) it-tul taż-żmien tal-kuntratt;

(ii) it-total tal-volumi kkuntrattati, fuq bażi annwali u l-volum medju fix-xahar;

(iii) fil-każ ta' allert jew emerġenza, il-volumi massimi ta' kuljum ikkuntrattati;

(iv) il-punti tad-distribuzzjoni kkuntrattati.

L-Awtorità Kompetenti għandha tinnotifika dawn id-data f'forma aggregata lill-Kummissjoni. Fil-każ tal-konklużjoni ta' kuntratti ġodda jew ta' bidliet li jsiruf'kuntratti eżistenti, is-sett sħiħ ta' data għandu jerġa' jiġi nnotifikat f'forma aggregata fuq bażi regolari. L-Awtorità Kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-infomazzjoni.

*Artikolu 14*

**Monitoraġġ mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ u rappurtar kontinwi dwar il-miżuri għas-sigurtà tal-provvista tal-gass, speċifikament permezz ta' valutazzjoni annwali tar-rapporti msemmijin fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/73/KE, u l-informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-Artikoli 11 u 52(1) ta' dik id-Direttiva, u ladarba tkun disponibbli, l-informazzjoni pprovduta fl-istima tar-riskji u fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u ta' Emerġenza li għandhom jiġu stabbiliti skont dan ir-Regolament.

Mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 4(6) u wara li tikkonsulta mal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass, għandha:

(a) tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar mezzi possibbli biex tittejjeb is-sigurtà tal-provvista fil-livell tal-Unjoni, tivvaluta l-fattibbiltà li jsiru stimi tar-riskji u li jiġu stabbiliti Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u Pjanijiet ta' Emerġenza fil-livell tal-Unjoni u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, flimkien inter alia mal-progress li jkun sar fl-interkonnettività tas-swieq; u

(b) tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-konsistenza globali tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u Pjanijiet ta' Emerġenza tal-Istati Membri kif ukoll dwar il-kontribuzzjoni tagħhom għas-solidarjetà u l-istat ta' tħejjija mill-perspettiva tal-Unjoni.

Ir-rapport għandu jinkludi, fejn xieraq, rakkomandazzjonijiet għat-titjib ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 15*

**Tħassir**

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri dwar l-iskadenzi għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/67/KE, dik id-Direttiva hija b'dan imħassra mit-2 ta' Diċembru 2010 bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 4(1) u (2) ta' dik id-Direttiva li għandhom japplikaw sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun iddefinixxa l-klijenti protetti skont l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament u jkun identifika l-impriżi tal-gass naturali skont l-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament.

Minkejja l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2004/67/KE ma għandux japplika wara t-3 ta' Ġunju 2012.

*Artikolu 16*

**Deroga**

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal Malta u Ċipru sakemm l-ebda gass ma jiġi pprovdut fit-territorji rispettivi tagħhom. Għal Malta u Ċipru l-iskedenzi sottintiżi mill-punt (1) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 u l-Artikoli 3(2), 4(2), 4(5), 6(1), 6(5), 8(1) u 9(1) u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 13(6) għandhom japplikaw kif ġej:

(a) għall-punt (1) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2, tal-Artikolu 3(2), tal-Artikolu 9(1) u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 13(6): 12-il xahar;

(b) għall-Artikoli 4(2) u 8(1): 18-il xahar;

(c) għall-Artikolu 4(5): 24 xahar;

(d) għall-Artikolu 6(5): 36 xahar;

(e) għall-Artikolu 6(1): 48 xahar;

mill-jum li l-gass jiġi pprovdut għall-ewwel darba fit-territorji rispettivi tagħhom.

*Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

L-Artikolu 6(8) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 10(4), u l-Artikoli 10(7)(c) u 11(5)(c) għandhom japplikaw mit-3 ta' Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Ottubru 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

*ANNESS I*

**KALKOLU TAL-FORMULA N – 1**

1. **Definizzjoni tal-formula N – 1**

Il-formula N – 1 tiddeskrivi l-ħila tal-kapaċità teknika tal-infrastruttura tal-gass biex tissodisfa d-domanda totali għall-gass f'żona kkalkulata f'każ ta' xkiel fl-akbar infrastruttura unika tal-gass matul ġurnata ta' domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass li sseħħ bi probabbiltà statistika ta' darba f'20 sena.

L-infrastruttura tal-gass tinkludi n-netwerk tat-trażmissjoni tal-gass, inklużi l-interkonnetturi kif ukoll il-faċilitajiet ta' produzzjoni, LNG u ħżin konnessi maż-żona kkalkulata.

Il-kapaċità teknika ([1]) tal-infrastruttura tal-gass kollha li tibqa' disponibbli fil-każ ta' xkiel fl-akbar infrastruttura unika tal-gass għandha tal-anqas tkun daqs is-somma tad-domanda totali għall-gass ta' kuljum taż-żona kkalkulata matul jum ta' domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass li sseħħ bi probabbiltà statistika ta' darba f'20 sena.

Ir-riżultati tal-formula N – 1, kif ikkalkulati hawn taħt, għandhom ikunu tal-anqas ekwivalenti għal 100 %.

2. **Metodu għall-kalkolu tal-formula N – 1**

$$N - 1[\%] = \frac{EP_m + P_m + S_m + LNG_m - I_m}{D_{max}} \times 100, \ N - 1 \geq 100\ \%$$

3. **Definizzjonijiet tal-parametri tal-formula N – 1:**

"Iż-żona kkalkulata" tfisser żona ġeografika li għaliha tiġi kkalkulata l-formula N – 1, kif stabbilita mill-Awtorità Kompetenti.

*Definizzjonijiet min-naħa tad-domanda*

"$D_{max}$": tfisser id-domanda totali ta' gass kuljum (f'mcm/d) taż-żona kkalkulata waqt jum b'domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass li sseħħ bi probabbiltà statistika ta' darba f'20 sena.

*Definizzjonijiet min-naħa tal-provvista*

"$Ep_m$": kapaċità teknika tal-punti ta' dħul (f'mcm/d), apparti l-faċilitajiet ta' produzzjoni, LNG, u ħżin koperti minn Pm, Sm u LNGm, tfisser is-somma tal-kapaċità teknika tal-punti tad-dħul fil-konfini kollha li huma kapaċi jipprovdu l-gass liż-żona kkalkulata;

"$P_m$": kapaċità produttiva teknika massima (f'mcm/d), tfisser is-somma tal-kapaċità tal-produzzjoni teknika massima possibbli ta' kuljum tal-faċilitajiet kollha tal-produzzjoni tal-gass li tista' tiġi pprovduta lill-punti ta' dħul fiż-żona kkalkulata;

"$S_m$": kapaċità massima ta' twassil ta' ħżin tekniku (f'mcm/d), tfisser is-somma tal-kapaċità ta' rtirar tekniku massima ta' kuljum tal-faċilitajiet ta' ħżin kollha li tista' tiġi pprovduta lill-punti ta' dħul fiż-żona kkalkulata, waqt li jitqiesu l-karatteristiki fiżiċi rispettivi tagħhom;

"$LNG_m$": kapaċità teknika massima tal-faċilità tal-LNG (f'mcm/d), tfisser is-somma tal-kapaċitajiet tekniċi massimi ta' bgħit ta' kuljum tal-faċilitajiet kollha tal-LNG fiż-żona kkalkulata, waqt li jitqiesu elementi kritiċi bħall-ħatt, is-servizzi anċillari, il-ħżin temporanju u l-gassifikazzjoni mill-ġdid tal-LNG, kif ukoll il-kapaċità teknika tal-bgħit lejn is-sistema;

"$I_m$" tfisser il-kapaċità teknika tal-akbar infrastruttura unika tal-gass (f'mcm/d) bl-ogħla kapaċità li tforni ż-żona kkalkulata. Meta diversi infrastrutturi tal-gass ikunu konnessi ma' infrastruttura komuni tal-gass aktar 'il fuq jew aktar 'l isfel fil-fluss, u ma jistgħux jiġu operati b'mod separat, għandhom jitqiesu bħala infrastruttura unika tal-gass.

([1]) Taħt l-Artikolu 2(1)(18) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, "kapaċità teknika" tfisser il-kapaċità kostanti massima li l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jista' joffri lill-utenti tan-network, b'kont meħud tal-integrità tas-sistema u tar-rekwiżiti operattivi tan-network ta' trażmissjoni.

4. **Kalkolu tal-formula N – 1 permezz ta' miżuri min-naħa tad-domanda**

$$N - 1[\%] = \frac{EP_m + P_m + S_m + LNG_m - I_m}{D_{max} - D_{eff}} \times 100, \ N - 1 \geq 100\ \%$$

*Definizzjoni min-naħa tad-domanda*

"$D_{eff}$": tfisser il-parti (f'mcm/d) ta' Dmax li, fil-każ ta' xkiel fil-provvista, tista' tiġi koperta b'mod suffiċjenti u f'waqtu minn miżuri min-naħa tad-domanda abbażi tas-suq skont il-punt b tal-Artikolu 5(1)(b) u l-Artikolu 6(2).

5. **Kalkolu tal-formula N – 1 fil-livell reġjonali (imsemmi fl-Artikolu 6(3))**

Iż-żona kkalkulata msemmija fil-punt 3 għandha tiġi estiża għal-livell reġjonali xieraq fejn ikun applikabbli, kif stabbilit mill-Awtorità Kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati. Għall-kalkolu tal-formula N – 1 fil-livell reġjonali, għandha tintuża l-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni. L-akbar infrastruttura unika tal-gass ta' interess komuni għal reġjun tkun l-akbar infrastruttura tal-gass fir-reġjun li b'mod dirett jew indirett tikkontribwixxi għall-provvista tal-gass lill-Istati Membri ta' dak ir-reġjun għandha tkun definita fil-Pjan ta' Azzjoni Preventiv konġunt.

Il-kalkolu N – 1 reġjonali jista' jissostitwixxi l-kalkolu N – 1 nazzjonali biss meta l-akbar infrastruttura tal-gass ta' interess komuni tkun ta' importanza ewlenija għall-provvista tal-gass tal-Istati Membri kollha kkonċernati skont l-istima konġunta tar-riskji.

*ANNESS II*

**LISTA TAL-MIŻURI ABBAŻI TAS-SUQ GĦAS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA TAL-GASS**

Fl-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni Preventiv u tal-Pjan ta' Emerġenza, l-Awtorità Kompetenti għandha tqis il-lista tal-miżuri indikattiva u mhux eżawrjenti stipulata f'dan l-Anness. L-Awtorità Kompetenti, meta tiżviluppa l-Pjan ta' Azzjoni Preventiv u l-Pjan ta' Emerġenza, għandha tqis kif jixraq l-impatt ambjentali tal-miżuri proposti u għandha tagħti preferenza, kemm jista' jkun possibbli, lil dawk il-miżuri li jkollhom l-inqas impatt fuq l-ambjent, waqt li tqis l-aspetti tas-sigurtà tal-provvista.

*Miżuri min-naħa tal-provvista:*

— aktar flessibbiltà fil-produzzjoni;

— aktar flessibbiltà fl-importazzjoni;

— faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tal-gass minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija fl-infrastruttura tan-netwerk tal-gass;

— ħżin kummerċjali tal-gass - kapaċità tal-forniment u l-volum tal-gass maħżun;

— kapaċità terminali u l-kapaċità massima tal-bgħit tal-LNG;

— diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass u r-rotot tal-gass;

— flussi fid-direzzjoni opposta;

— bgħit ikkoordinat mill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni;

— użu ta' kuntratti għal medda twila ta' żmien u għal medda medja ta' żmien;

— investimenti fl-infrastruttura, inkluża l-kapaċità bi-direzzjonali;

— arranġamenti kuntrattwali biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-gass.

*Miżuri min-naħa tad-domanda:*

— użu ta' kuntratti li jistgħu jiġu interrotti;

— possibilitajiet tal-bdil tal-karburant, inkluż l-użu ta' karburanti alternattivi ta' riżerva fl-impjanti industrijali u tal-ġenerazzjoni tal-enerġija;

— tneħħija ta' tagħbija volontarja mid-ditti;

— effiċenzja akbar;

— użu akbar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

*ANNESS III*

**LISTA TA' MIŻURI MHUX ABBAŻI TAS-SUQ GĦAS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA TAL-GASS**

Fl-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni Preventiv u tal-Pjan ta' Emerġenza, l-Awtorità Kompetenti għandha tqis il-kontribut tal-lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' miżuri li ġejja f'każ ta' emerġenza biss:

*Miżuri min-naħa tal-provvista:*

— użu ta' ħżin strateġiku tal-gass;

— użu infurzat ta' ħażniet ta' karburanti alternattivi (eż. konformement mad-Direttiva 2009/119/KE tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi ([1]));

— użu infurzat tal-elettriku ġġenerat minn sorsi li mhumiex gass;

— żieda infurzata tal-livelli ta' produzzjoni ta' gass;

— irtirar tal-ħżin infurzat.

*Miżuri min-naħa tad-domanda:*

— Diversi tipi ta' tnaqqis mandatorju tad-domanda inklużi:

  — bdil infurzat tal-karburant;

  — użu infurzat ta' kuntratti li jistgħu jiġu interrotti, meta ma jkunux utilizzati kompletament bħala parti mill-miżuri tas-suq;

  — tneħħija ta' tagħbija infurzata mid-ditti.

---

([1]) ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9.

*ANNESS IV*

**KOPERAZZJONI REĠJONALI**

Skont l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u kif enfasizzat fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2009/73/KE u l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, il-koperazzjoni reġjonali tirrifletti l-ispirtu ta' solidarjetà u hija wkoll kunċett fundamentali ta' dan ir-Regolament. Il-koperazzjoni reġjonali hija meħtieġa b'mod partikolari sabiex jiġu stabbiliti l-istima tar-riskji (Artikolu 9), il-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventivi u l-Pjanijiet ta' Emerġenza (Artikoli 4, 5 u 10), l-infrastruttura u l-istandards tal-provvista (Artikoli 6 u 8) u d-dispożizzjonijiet għar-reazzjonijiet ta' emerġenza tal-Unjoni u ta' emerġenza reġjonali (Artikolu 11).

Il-koperazzjoni reġjonali skont dan ir-Regolament tibni fuq il-koperazzjoni reġjonali eżistenti li tinvolvi l-impriżi tal-gass naturali, l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex ittejjeb, fost għanijiet oħra, anki s-sigurtà tal-provvista u l-integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija, bħat-tlett iswieq reġjonali tal-gass taħt l-Inizjattiva Reġjonali tal-Gass, il-Pjattaforma tal-Gass, il-Grupp ta' Livell Għoli tal-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq Baltiku tal-Enerġija, u l-Grupp ta' Koordinazzjoni tas-Sigurtà tal-Provvista tal-Komunità tal-Enerġija. Madankollu, ir-rekwiżiti speċifiċi tas-sigurtà tal-provvista aktarx li jrawmu oqfsa ġodda ta' koperazzjoni, u l-oqsma eżistenti ta' koperazzjoni se jkollhom jiġu adattati biex jiggarantixxu l-aqwa effiċjenza.

Billi s-swieq kulma jmorru qegħdin isiru aktar interkonnessi u interdipendenti, u fid-dawl tat-twettiq tas-suq intern tal-gass, il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri li ġejjin, bħala eżempju u fost l-oħrajn, inkluż bejn partijiet ta' Stati Membri ġirien, tista' ttejjeb is-sigurtà individwali u kollettiva tagħhom tal-provvista tal-gass:

— il-Polonja u t-tliet Stati Baltiċi (Estonja, Latvja u Litwanja),

— il-Peniżola Iberika (Spanja u l-Portugall) u Franza,

— l-Irlanda u r-Renju Unit,

— il-Bulgarija, il-Greċja u r-Rumanija,

— id-Danimarka u l-Isvezja,

— is-Slovenja, l-Italja, l-Awstrija, l-Ungerija u r-Rumanija,

— il-Polonja u l-Ġermanja,

— Franza, il-Ġermanja, il-Belġju, il-Pajjiżi Baxxi u l-Lussemburgu,

— il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja,

— oħrajn.

Meta jkun meħtieġ u xieraq, il-koperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri tista' tkun estiża biex tissaħħaħ il-koperazzjoni ma' Stati Membri ġirien, b'mod partikolari fil-każ tal-gżejjer f'dak li għandu x'jaqsam mal-enerġija, partikolarment bil-għan li jittejbu l-interkonnessjonijiet. L-Istati Membri jista' jkollhom sehem ukoll fi gruppi differenti ta' koperazzjoni.

# REGOLAMENT (UE) Nru 995/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-20 ta' Ottubru 2010

## li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Il-foresti jipprovdu varjetà wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali inklużi prodotti tal-foresta mill-injam u mhux mill-injam u servizzi ambjentali li huma essenzjali għall-bniedem, bħaż-żamma tal-bijodiversità u tal-funzjonijiet tal-ekosistemi u l-protezzjoni tas-sistema tal-klima.

(2) Minħabba d-domanda li dejjem qed tiżdied mad-dinja kollha għall-injam u l-prodotti tal-injam, flimkien man-nuqqasijiet istituzzjonali u ta' governanza li jinsabu fis-settur tal-foresta f'għadd ta' pajjiżi li jipproduċu l-injam, il-qtugħ illegali u l-kummerċ marbut miegħu saru kwistjonijiet li jagħtu lok għal dejjem aktar ta' tħassib.

(3) Il-qtugħ illegali hu problema mifruxa ta' tħassib internazzjonali ewlieni. Huwa jippreżenta theddida sinifikanti għall-foresti għax jikkontribwixxi għall-proċess ta' deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, li hu responsabbli għal madwar 20 % tal-emissjonijiet globali ta' $CO_2$, jhedded il-bijodiversità, u jimmina l-ġestjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-foresti inkluż il-vijabbiltà kummerċjali tal-operaturi li jaġixxu f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli. Huwa jikkontribwixxi wkoll għad-deżertifikazzjoni u l-erożjoni tal-ħamrija u jista' jħarrax ġrajjiet estremi tat-temp u għargħar. Barra minn hekk, għandu wkoll implikazzjonijiet soċjali, politiċi u ekonomiċi, li sikwit jimminaw il-progress lejn tmexxija tajba u jheddu l-għajxien tal-komunitajiet lokali li jiddependu mill-foresti u jista' jkollu rabta ma' kunflitti armati. Il-ġlieda kontra l-problema tal-qtugħ illegali ta' siġar fil-kuntest ta' dan ir-Regolament hija mistennija li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-istrateġiji tal-UE ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima b'mod effiċjenti meta mqabbel mal-infiq u għandha titqies bħala komplementari għall-azzjoni u l-impenn tal-UE fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

(4) Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm Komunitarju ta' Azzjoni Ambjentali ([3]) tidentifika bħala azzjoni ta' prijorità l-eżami tal-possibiltà li jittieħdu miżuri attivi biex jiġi evitat u jiġi miġġieled il-kummerċ ta' injam maħsud b'mod illegali, kif ukoll it-tkomplija tal-parteċipazzjoni attiva tal-Unjoni u tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' riżoluzzjonijiet globali u reġjonali u ta' ftehimiet dwar kwistjonijiet marbuta mal-foresti.

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2003 intitolata "Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT): Pjan ta' Azzjoni tal-UE" ipproponiet pakkett ta' miżuri li jappoġġaw l-isforzi internazzjonali sabiex tinstab soluzzjoni għall-problema tal-qtugħ illegali ta' siġar u l-kummerċ marbut miegħu fil-kuntest tal-isforzi globali tal-Unjoni għall-kisba ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

(6) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laqgħu pożittivament dik il-Komunikazzjoni u rrikonoxxu l-ħtieġa li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-isforzi globali sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-qtugħ illegali.

(7) F'konformità mal-għan ta' dik il-Komunikazzjoni, jiġifieri li jiġi żgurat li jidħlu biss fl-Unjoni prodotti tal-injam li ġew manifatturati skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż produttur tal-injam, l-Unjoni qed tinnegozja Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (FLEGT VPAs, Voluntary Partnership Agreements) ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam (pajjiżi msieħba), li jimponu obbligu legalment vinkolanti fuq il-partijiet li jimplimentaw skema ta' liċenzjar u li jirregolaw il-kummerċ fl-injam u l-prodotti tal-injam identifikati f' dawk l-FLEGT VPAs.

([1]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 88.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2009 (ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 145), pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-1 ta' Marzu 2010 (ĠU C 114 E, 4.5.2010, p. 17) u pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2010 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

([3]) ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

(8) Minħabba l-kobor u l-urġenza tal-problema, jeħtieġ li tkun appoġġata b'mod attiv il-ġlieda kontra l-qtugħ illegali u l-kummerċ marbut miegħu, ikunu kkomplementati u msaħħa l-inizjattiva tal-FLEGT VPAs u jittejbu s-sinerġiji bejn il-linji politiċi li għandhom l-għan li jikkonservaw il-foresti u l-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, inkluża l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità.

(9) Għandhom ikunu rikonoxxuti l-isforzi li saru mill-pajjiżi li kkonkludew VPAs dwar il-FLEGT mal-Unjoni u l-prinċipji inkorporati fihom, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' injam prodott b'mod legali u għandu jingħata inkuraġġiment akbar biex pajjiżi jikkonkludu VPAs dwar il-FLEGT. Għandu jittieħed ukoll kont tal-fatt li taħt l-iskema ta' liċenzjar tal-FLEGT, huma biss l-injam li jkun ġie maħsud f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti u l-prodotti tal-injam li ġejjin minn dan l-injam li huma esportati fl-Unjoni. Għalhekk, l-injam imqiegħed fil-prodotti tal-injam elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar tal-FLEGT għal importazzjonijiet ta' injam fil-Komunità Ewropea [1], li joriġina fil-pajjiżi msieħba elenkati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 għandhom jitqiesu li ġew maħsuda b'mod legali sakemm dawk il-prodotti tal-injam ikunu konformi ma' dak ir-Regolament u kwalunkwe dispożizzjoni implimentattiva.

(10) Għandu jittieħed ukoll kont tal-fatt li l-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali tal-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) titlob mill-partijiet għall-Konvenzjoni sabiex jagħtu biss permess CITES għall-esportazzjoni meta speċi li tkun elenkata fis-CITES tkun ġiet maħsuda, *inter alia*, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-pajjiż tal-esportazzjoni. Għalhekk, l-injam tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness A, B jew C għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom [2] għandu jkun ikkunsidrat bħala legalment maħsud sakemm dan jikkonforma ma' dak ir-Regolament u ma' kwalunkwe dispożizzjoni implimentattiva.

(11) Meta wieħed jiftakar illi l-użu ta' injam riċiklat u ta' prodotti tal-injam riċiklati għandu jkun imħeġġeġ, u li l-inklużjoni ta' dawn il-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun tpoġġi piż sproporzjonat fuq l-operaturi, injam jew prodotti tal-injam użati li temmew iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, u li kieku jintremew bħala skart għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(12) It-tqegħid fis-suq għall-ewwel darba ta' injam maħsud b'mod illegali jew ta' prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam għandu jiġi pprojbit bħala waħda mill-miżuri ta' dan ir-Regolament. Filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tal-qtugħ illegali, ir-raġunjiet sottostanti u l-impatti tiegħu, għandhom jittieħdu miżuri speċifiċi, bħal dawk li jiffukaw fuq l-imġiba tal-operaturi.

(13) Fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, il-Kummissjoni u, fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jappoġġjaw u jwettqu studji u riċerka dwar il-livelli u x-xorta tal-qtugħ illegali fil-pajjiżi differenti u jagħmlu dan it-tagħrif disponibbli għall-pubbliku, kif ukoll jappoġġjaw l-għoti ta' gwida prattika lill-operaturi dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiżi produtturi tal-injam.

(14) Fin-nuqqas ta' definizzjoni bi qbil internazzjonali, il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż fejn l-injam ikun ġie maħsud, inklużi r-regolamenti kif ukoll l-implimentazzjoni f'dak il-pajjiż ta' konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti li tagħhom dak il-pajjiż ikun firmatarju, għandha tkun il-bażi sabiex jiġi ddefinit dak li jikkostitwixxi qtugħ illegali.

(15) Ħafna prodotti tal-injam jgħaddu minn għadd ta' proċessi qabel u wara li jitqiegħdu fis-suq intern għall-ewwel darba. Bil-għan li ma jiġix impost piż amministrattiv bla ħtieġa, l-operaturi li jqiegħdu fis-suq intern l-injam u l-prodotti tal-injam għall-ewwel darba biss għandhom ikunu soġġetti għas-sistema ta' diliġenza dovuta, filwaqt li kummerċjant fil-katina ta' forniment għandu jkun meħtieġ li jipprovdi tagħrif bażiku dwar il-fornitur u x-xerrej tiegħu biex tkun possibbli t-traċċabilità tal-injam u tal-prodotti tal-injam.

(16) Fuq il-bażi ta' approċċ sistematiku, l-operaturi li jqiegħdu injam u prodotti tal-injam għall-ewwel darba fis-suq intern għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam ma jitqegħdux fis-suq intern. Għal dan il-għan, l-operaturi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta permezz ta' sistema ta' miżuri u proċeduri sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' tqegħid fis-suq intern ta' injam li ġie maħsud b'mod illegali u ta' prodotti tal-injam li ġejjin minn dan l-injam.

(17) Is-sistema ta' diliġenza dovuta tinkludi tliet elementi li huma parti integrali mill-immaniġġar tar-riskju: l-aċċess għall-informazzjoni, l-istima tar-riskju u l-mitigazzjoni tar-riskju identifikat. Is-sistema ta' diliġenza dovuta għandha tipprovdi aċċess għal informazzjoni dwar is-sorsi u l-fornituri tal-injam u l-prodotti tal-injam li jitqiegħdu fis-suq intern għall-ewwel darba, inkluża informazzjoni rilevanti bħall-konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli, il-pajjiż li fih sar il-ħsad, l-ispeċijiet, il-kwantità u, fejn applikabbli, ir-reġjun subnazzjonali fejn inħasad l-injam u l-konċessjoni tal-ħsad. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni l-operaturi għandhom iwettqu stima tar-riskju. Fejn ikun identifikat riskju, l-operaturi għandhom itaffu dak ir-riskju b'mod proporzjonat għar-riskju identifikat, bil-għan li jiġi pprevenut it-tqegħid fis-suq intern ta' injam li ġie maħsud b'mod illegali u ta' prodotti tal-injam li ġejjin minn dan l-injam.

[1] ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.
[2] ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

(18) Biex jevitaw piżijiet amministrattivi bla bżonn, l-operaturi li diġà jużaw sistemi jew proċeduri li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ma għandhomx ikollhom rekwiżit li jistabbilixxu sistemi ġodda.

(19) Biex tkun rikonoxxuta l-prattika korretta fis-settur tal-foresti, fil-proċedura tal-istima tar-riskju jistgħu jintużaw skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi oħrajn ta' verifika minn partijiet terzi li jinkludu verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

(20) Is-settur tal-injam hu ta' importanza ewlenija għall-ekonomija tal-Unjoni. L-organizzazzjonijiet tal-operaturi huma atturi importanti fis-settur minħabba li jirrappreżentaw l-interessi ta' dan tal-aħħar fuq skala kbira u jinteraġixxu ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati. Dawk l-organizzazzjonijiet għandhom ukoll il-ħila u l-kapaċità li janalizzaw il-leġiżlazzjoni rilevanti u jiffaċilitaw il-konformità tal-membri tagħhom, iżda m'għandhomx jużaw din il-kompetenza biex jiddominaw is-suq. Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u li jsir kontribut għall-iżvilupp ta' prattika tajba, huwa kunsiljabbli li jiġu rikonoxxuti l-organizzazzjonijiet li żviluppaw sistemi ta' diliġenza dovuta li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Ir-rikonoxximent u l-irtirar tar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ għandu jitwettaq b'mod ġust u trasparenti. Lista ta' dawn l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti ser issir pubblika sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jużaw dawn l-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ rikonoxxuti.

(21) L-awtoritajiet kompenti għandhom iwettqu kontrolli fuq organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ, f'intervalli regolari, sabiex jivverifikaw li dawn qegħdin tassew iwettqu l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu ħilithom biex iwettqu kontrolli meta jkollhom f'idejhom tagħrif rilevanti, inkluż tħassib issostanzjat minn partijiet terzi.

(22) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaraw li l-operaturi jissodisfaw effettivament l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali, skont pjan kif ikun xieraq, li jistgħu jinkludu verifiki fis-sit tal-operaturi u verifiki fuq il-post, u għandhom ikunu jistgħu jirrikjedu lill-operaturi biex jieħdu azzjonijiet ta' rimedju fejn ikun meħtieġ. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu ħilithom biex iwettqu kontrolli meta jkollhom f'idejhom tagħrif rilevanti, inkluż tħassib issostanzjat minn partijiet terzi.

(23) L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu reġistri tal-kontrolli u l-informazzjoni rilevanti għandha ssir disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali ([1]).

([1]) ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.

(24) B'kont meħud tan-natura internazzjonali tal-qtugħ illegali u l-kummerċ marbut miegħu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoperaw bejniethom u mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi u mal-Kummissjoni.

(25) Sabiex tkun iffaċilitata l-abbiltà tal-operaturi li jqiegħdu l-injam jew prodotti tal-injam fis-suq intern sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u b'kunsiderazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-Istati Membri, megħjuna mill-Kummissjoni fejn xieraq, jistgħu jipprovdu lill-operaturi b'għajnuna teknika jew ta' tip ieħor u b'hekk jiffaċilitaw l-iskambju ta' tagħrif. Din l-għajnuna m'għandhiex teħles lill-operaturi mill-obbligu tagħhom li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta.

(26) Kummerċjanti u organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ għandhom jevitaw miżuri li jistgħu jfixxklu l-ksib tal-objettiv ta' dan ir-Regolament.

(27) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur ta' dan ir-Regolament, inklużi dawk minn operaturi, kummerċjanti interni u minn organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ jiġi sanzjonat b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi. Ir-regoli nazzjonali jistgħu jistipulaw li, wara l-applikazzjoni ta' pieni effettivi, proporzjonali u dissważivi għal ksur tal-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq intern ta' injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam, dawn l-injam u prodotti tal-injam m'għandhomx bilfors jiġu meqruda iżda minflok jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' interess pubbliku.

(28) Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta l-atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-proċeduri għar-rikonoxximent u l-irtirar tar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ, fir-rigward ta' aktar kriterji rilevanti ta' stima tar-riskju li jistgħu jkunu neċessarji biex jissupplimentaw dawk diġà previsti f'dan ir-Regolament u fir-rigward tal-lista ta' injam u prodotti tal-injam li għaliha japplika dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa fil-ħidma preparatorja tagħha, inkluż f'livell ta' esperti.

(29) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta regoli dettaljati fir-rigward tal-frekwenza u x-xorta tal-kontrolli mill-awtoritajiet kompetenti fuq l-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ u tas-sistemi ta' diliġenza dovuta barra fir-rigward ta' kriterji ulterjuri ta' valutazzjoni tar-riskju rilevanti. Skont l-Artikolu 291 TFUE, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali li jikkonċernaw il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu stabbiliti minn qabel

b'regolament adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Sakemm jiġi adottat dak ir-regolament il-ġdid, tibqa' tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]), bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, li mhix applikabbli.

(30) L-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw perijodu ta' żmien raġonevoli bil-għan li jkunu jistgħu jħejju lilhom infushom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

(31) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar u kontra l-kummerċ relatat miegħu, ma jistax jinkiseb mill-Istati Membri individwalment u jista' għalhekk, minħabba d-daqs tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu injam u prodotti tal-injam għall-ewwel darba fis-suq intern, kif ukoll l-obbligi tal-kummerċjanti.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "injam u prodotti tal-injam" tfisser l-injam u l-prodotti tal-injam stabbiliti fl-Anness, ħlief prodotti tal-injam jew komponenti ta' dawk il-prodotti manifatturati minn injam jew prodotti tal-injam li temmew iċ-ċiklu tagħhom tal-użu u li kieku jintremew bħala skart, kif definiti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart ([2]);

(b) "tqegħid fis-suq" tfisser provvista bi kwalunkwe mezz, irrispettivament mit-teknika ta' bejgħ użata, ta' injam jew prodotti tal-injam għall-ewwel darba fis-suq intern għad-distribuzzjoni jew l-użu waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas. Għandha tinkludi wkoll provvista permezz ta' komunikazzjoni minn distanza kif definita fid-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod ([3]). Il-provvista fis-suq intern ta' prodotti tal-injam derivati minn injam jew minn prodotti tal-injam li diġà tqiegħdu fis-suq intern m'għandhiex titqies bħala "tqegħid fuq is-suq";

(c) "operatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tqiegħed fis-suq injam jew prodotti tal-injam;

(d) "kummerċjant intern" tfisser kull persuna naturali u ġuridika li, waqt attività kummerċjali, tbigħ jew tixtri, fis-suq intern, injam jew prodotti tal-injam li diġà tqiegħdu fis-suq intern;

(e) "pajjiż tal-ħsad" tfisser il-pajjiż jew it-territorju fejn ġie maħsud l-injam jew l-injam imqiegħed fil-prodotti tal-injam;

(f) "maħsud b'mod legali" tfisser li ġie maħsud f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-ħsad;

(g) "maħsud b'mod illegali" tfisser li ġie maħsud b'kontravenzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-ħsad;

(h) "leġiżlazzjoni applikabbli" tfisser il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-pajjiż tal-ħsad, li tkopri l-oqsma tal-liġi li ġejjin:

— id-drittijiet għall-ħsad ta' injam fi ħdan il-fruntieri ppubblikati legalment,

— il-ħlasijiet għad-drittijiet ta' ħsad u l-injam inklużi l-imposti relatati mal-ħsad tal-injam,

— il-ħsad tal-injam, inkluża l-leġiżlazzjoni ambjentali u forestali inkluż il-ġestjoni tal-foresti u l-konservazzjoni tal-bijodiversità, meta marbuta b'mod dirett mal-ħsad tal-injam,

— id-drittijiet legali ta' partijiet terzi dwar l-użu u l-pussess li jiġu affettwati mill-ħsad tal-injam, u

— il-kummerċ u d-dwana, sa fejn hu kkonċernat is-settur tal-foresti.

*Artikolu 3*

**Status tal-injam u tal-prodotti tal-injam koperti mill-FLEGT u s-CITES**

Il-prodotti tal-injam elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 li joriġinaw f'pajjiżi msieħba elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament u li jkunu f'konformità ma' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu għandhom jitqiesu li huma maħsuda b'mod legali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

([2]) ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

([3]) ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19.

L-injam tal-ispeċi elenkati fl-Anness A, B jew C għar-Regolament (KE) Nru 338/97 u li jikkonforma ma' dak ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet implimentattivi tiegħu għandu jitqies bħala legalment maħsud għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Obbligi tal-operaturi**

1. Għandu jkun ipprojbit it-tqegħid fis-suq ta' injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam.

2. L-operaturi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta meta jqiegħdu fis-suq injam jew prodotti tal-injam. Għal dak il-għan, huma għandhom jużaw qafas ta' proċeduri u miżuri, minn issa 'l quddiem imsejħa "sistema ta' diliġenza dovuta" kif dispost fl-Artikolu 6.

3. Kull operatur għandu jżomm u jevalwa regolarment is-sistema ta' diliġenza dovuta li juża, ħlief jekk l-operatur juża sistema ta' diliġenza dovuta stabbilita minn organizzazzjoni ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 8. Is-sistemi ta' superviżjoni eżistenti taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti u kull katina volontarja ta' mekkaniżmu ta' kustodja li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jistgħu jintużaw bħala bażi għal sistema ta' diliġenza dovuta.

*Artikolu 5*

**Obbligu ta' traċċabilità**

Il-kummerċjanti, tul il-katina ta' forniment, għandhom ikunu kapaċi li jidentifikaw:

(a) l-operaturi jew il-kummerċjanti li pprovdew injam u prodotti tal-injam; u

(b) il-kummerċjanti li lilhom ikunu pprovdew injam jew prodotti tal-injam, fejn applikabbli.

Il-kummerċjanti għandhom iżommu t-tagħrif imsemmi fl-ewwel paragrafu għal mill-anqas ħames snin u għandhom jgħaddu dan it-tagħrif lill-awtoritajiet kompetenti li jitolbu dan.

*Artikolu 6*

**Sistemi ta' diliġenza dovuta**

1. Is-sistema ta' diliġenza dovuta msemmija fl-Artikolu 4(2) għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) miżuri u proċeduri li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni li ġejja dwar il-forniment ta' injam jew prodotti tal-injam tal-operatur imqiegħda fis-suq:

— deskrizzjoni, inkluż l-isem kummerċjali u t-tip ta' prodott, kif ukoll l-isem komuni tal-ispeċi tas-siġar u, fejn ikun applikabbli, l-isem xjentifiku sħiħ,

— il-pajjiż tal-ħsad, u fejn ikun applikabbli:

(i) ir-reġjun sub-nazzjonali fejn l-injam ġie maħsud; u

(ii) il-konċessjoni tal-ħsad,

— il-kwantità (espressa f'volum, piż jew numru ta' unitajiet),

— l-isem u l-indirizz tal-fornitur għall-operatur,

— l-isem u l-indirizz tal-kummerċjant intern li jkunu ġew ipprovduti lilu l-injam jew il-prodotti tal-injam,

— dokumenti jew informazzjoni oħra li tindika l-konformità ta' dak l-injam u tal-prodotti tal-injam mal-leġiżlazzjoni applikabbli;

(b) proċeduri ta' stima tar-riskju li jippermettu lill-operatur janalizza, u jagħmel stima tar-riskju li jitqiegħdu fis-suq injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam li ġejjin minn dan l-injam.

Dawk il-proċeduri għandhom jieħdu kont tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a) kif ukoll ta' kriterji rilevanti ta' stima tar-riskju, li jinkludu:

— garanzija ta' konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli, li tista' tinkludi ċertifikazzjoni jew skemi oħra verifikati minn parti terza li jkopru l-konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli,

— prevalenza ta' ħsad illegali ta' speċi ta' siġar speċifiċi,

— prevalenza ta' ħsad jew prattika illegali fil-pajjiż tal-ħsad u/jew fir-reġjun sub-nazzjonali fejn ġie maħsud l-injam, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-prevalenza ta' kunflitt armat,

— sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fuq importazzjonijiet u esportazzjonijiet tal-injam,

— kumplessità tal-katina ta' forniment tal-injam u prodotti tal-injam;

(c) ħlief fejn ikun negliġibbli r-riskju identifikat matul il-proċeduri ta' stima tar-riskju imsemmija fil-punt (b), il-proċeduri ta' mitigazzjoni tar-riskju li huma magħmulin minn sett ta' miżuri u proċeduri li huma adegwati u proporzjonati biex jimminimizzaw b'mod effettiv dak ir-riskju u li jistgħu jinkludu l-ħtieġa ta' informazzjoni jew dokumenti addizzjonali u/jew il-ħtieġa ta' verifika minn parti terza.

2. Ir-regoli dettaljati meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tal-paragrafu 1, ħlief fir-rigward ta' aktar kriterji ta' stima tar-riskju msemmijin fit-tieni sentenza tal-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 18(2). Dawk ir-regoli għandhom jiġu adottati sat-3 ta' Ġunju 2012.

3. B'kunsiderazzjoni tal-iżviluppi tas-suq u l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari kif identifikati permezz tal-iskambju ta' tagħrif imsemmi fl-Artikolu 13 u tar-rappurtar imsemmi fl-Artikolu 20(3), il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE rigward kriterji rilevanti oħrajn ta' stima tar-riskju li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu ssupplimentati dawk imsemmijin fit-tieni sentenza tal-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bil-għan li tkun żgurata l-effettività tas-sistema ta' diliġenza dovuta.

Għall-atti delegati msemmijin f'dan il-paragrafu għandhom japplikaw il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17.

*Artikolu 7*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti sat-3 ta' Ġunju 2011. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla fl-ismijiet jew l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti.

2. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-disponibilità tal-pubbliku, inkluż fuq l-Internet, lista tal-awtoritajiet kompetenti. Il-lista għandha tiġi aġġornata regolarment.

*Artikolu 8*

**Organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ**

1. Organizzazzjoni ta' monitoraġġ għandha:

(a) iżżomm u tevalwa regolarment sistema ta' diliġenza dovuta kif stabbilit fl-Artikolu 6 u tagħti d-dritt lill-operaturi biex jużawha;

(b) tivverifika l-użu korrett tas-sistema tagħha ta' diliġenza dovuta minn dawk l-operaturi;

(c) tieħu miżuri adatti fil-każ fejn operatur jonqos milli juża korrettament is-sistema tagħha ta' diliġenza dovuta, inkluża n-notifika tal-awtoritajiet kompetenti fil-każ ta' nuqqas sinifikanti jew ripetut mill-operatur.

2. Organizzazzjoni tista' tapplika biex tiġi tikonoxxuta bħala organizzazzjoni ta' monitoraġġ jekk tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikollha personalità ġuridika u tkun stabbilita legalment fl-Unjoni;

(b) ikollha għelm xieraq u l-kapaċità li teżerċita l-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1; u

(c) tiżgura l-assenza ta' kull kunflitt ta' interess fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

3. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Istat(i) Membru(i) ikkonċernat(i) għandha tagħraf bħala organizzazzjoni ta' monitoraġġ applikant li jissodisfa r-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 2.

Id-deċiżjoni li jingħata għarfien lil organizzazzjoni ta' monitoraġġ għandha tiġi kkomunikata mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli f'intervalli regolari biex jivverifikaw li l-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ li joperaw fil-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti jkomplu jissodisfaw il-funzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2. Jistgħu jitwettqu kontrolli wkoll meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jkollha tagħrif rilevanti f'idejha, inkluż tħassib sostanzjali minn partijiet terzi jew meta tiskopri nuqqasijiet mill-operaturi fl-implimentazzjoni ta' sistema ta' diliġenza dovuta maħluqa minn organizzazzjoni ta' monitoraġġ. Għandu jkun disponibbli rapport tal-kontrolli skont id-Direttiva 2003/4/KE.

5. Jekk awtorità kompetenti tiddetermina li organizzazzjoni ta' monitoraġġ ma għadhiex twettaq il-funzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 jew ma għadhiex tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2, hija għandha tgħarraf lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

6. Il-Kummissjoni għandha tirtira rikonoxximent ta' organizzazzjoni ta' monitoraġġ meta, b'mod partikolari fuq il-bażi tat-tagħrif provduta msemmija fil-paragrafu 5, tkun iddeterminat li l-organizzazzjoni ta' monitoraġġ ma għadhiex twettaq il-funzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 jew ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2. Qabel l-irtirar ta' rikonoxximent ta' organizzazzjoni ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri konċernati.

Id-deċiżjoni li jiġi rtirat rikonoxximent lil organizzazzjoni ta' monitoraġġ għandha tiġi kkomunikata mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha.

7. Sabiex tissupplimenta r-regoli proċedurali fir-rigward tar-rikonoxximent u l-irtirar tar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ u, jekk l-esperjenza teħtieġ hekk, biex temendahom, il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE, filwaqt li tiżgura li r-rikonoxximent u l-irtirar tar-rikonoxximent jitwettqu b'mod ġust u trasparenti.

Għall-atti delegati msemmijin f'dan il-paragrafu għandhom japplikaw il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17. Dawk l-atti għandhom jiġu adottati sat-3 ta' Marzu 2012.

8. Ir-regoli dettaljati li jikkonċernaw il-frekwenza u n-natura tal-kontrolli msemmija fil-paragrafu 4, meħtieġa biex tiġi żgurata s-superviżjoni effettiva tal-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ u l-implimentazzjoni uniformi ta' dak il-paragrafu, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 18(2). Dawk ir-regoli għandhom jiġu adottati sat-3 ta' Ġunju 2012.

*Artikolu 9*

**Lista ta' organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ**

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C, u għandha tagħmilha disponibbli fuq is-sit elettroniku tagħha. Il-lista għandha tiġi aġġornata regolament.

*Artikolu 10*

**Kontrolli fuq l-operaturi**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli biex jivverifikaw jekk l-operaturi humiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 6.

2. Il-kontrolli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu skont pjan rivedut perjodikament skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Barra minn hekk, jistgħu jitwettqu kontrolli wkoll meta awtorità kompetenti jkollha f'idejha tagħrif rilevanti, inkluż fuq il-bażi ta' tħassib sostanzjali mogħti minn partijiet terzi, rigward il-konformità ta' operatur ma' dan ir-Regolament.

3. Il-kontrolli msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu, *inter alia*:

(a) eżami tas-sistema ta' diliġenza dovuta, inklużi l-valutazzjoni tar-riskju u l-proċeduri tal-mitigazzjoni tar-riskju;

(b) eżami ta' dokumentazzjoni u rekords li juru t-tħaddim kif suppost tas-sistema u l-proċeduri ta' diliġenza dovuta;

(c) kontrolli għal għarrieda, inklużi verifiki fil-post.

4. L-operaturi għandhom joffru kull għajnuna meħtieġa biex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kontrolli msemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari rigward l-aċċess għall-binjiet u l-preżentazzjoni ta' dokumenti jew rekords.

5. Bla ħsara għall-Artikolu 19, meta, wara l-kontrolli msemmijin fil-paragrafu 1, jinstabu xi nuqqasijiet, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu notifika ta' azzjonijiet ta' rimedju li jridu jittieħdu mill-operatur. Barra minn hekk, skont il-gravità tan-nuqqasijiet misjuba, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati inkluż *inter alia*:

(a) il-konfiska tal-injam u tal-prodotti tal-injam;

(b) il-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-injam u l-prodotti tal-injam.

*Artikolu 11*

**Rekords tal-kontrolli**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekords tal-kontrolli msemmijin fl-Artikolu 10(1), u jindikaw b'mod partikolari n-natura tagħhom u r-riżultati, kif ukoll ta' kwalunkwe notifika ta' azzjonijiet ta' rimedju mehuda taħt l-Artikolu 10(5). Għandhom jinżammu rekords tal-kontrolli kollha għal mill-inqas ħames snin.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE.

*Artikolu 12*

**Koperazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoperaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi u mal-Kummissjoni sabiex jiżguraw konformità ma' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar nuqqasijiet serji li jinstabu permezz tal-kontrolli msemmijin fl-Artikoli 8(4) u 10(1) u dwar it-tipi ta' pieni imposti f'konformità mal-Artikolu 17 mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni.

*Artikolu 13*

**Għajnuna teknika, gwida u skambju ta' tagħrif**

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-operatur li jeżerċita d-diliġenza dovuta skont l-Artikolu 4(2), l-Istati Membri, megħjuna mill-Kummissjoni, jistgħu, fejn xieraq, jipprovdu għajnuna teknika u għajnuna u gwida oħrajn lill-operaturi, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ta' impriżi ta' daqs żgħir u medju, sabiex tkun iffaċilitata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, partikolarment b'rabta mal-implimentazzjoni ta' sistema ta' diliġenza dovuta skont l-Artikolu 6.

2. L-Istati Membri, megħjuna mill-Kummissjoni, jistgħu, fejn xieraq, jiffaċilitaw l-iskambju u t-tixrid tat-tagħrif rilevanti dwar il-qtugħ illegali, b'mod partikolari bil-għan li jgħinu lill-operaturi jivvalutaw ir-riskju kif stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1), u dwar l-aħjar prattiki rigward l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. L-għajnuna għandha tingħata b'mod li ma tikkompromettix ir-responsabilitajiet tal-awtoritajiet kompetenti u li tħares l-indipendenza tagħhom fl-infurzar ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 14*

**Emendi tal-Anness**

Sabiex jittieħed kont, min-naħa waħda, tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dik identifikata fir-rappurtar imsemmi fl-Artikolu 20(3) u (4) u permezz tal-iskambju ta' tagħrif kif imsemmi fl-Artikolu 13, u min-naħa l-oħra, l-iżviluppi fir-rigward ta' karatteristiċi tekniċi, l-utenti finali u l-proċessi ta' produzzjoni tal-injam u l-prodotti tal-injam, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE billi temenda u tissupplimenta l-lista ta' injam jew prodotti tal-injam stabbiliti fl-Anness. Dawn l-atti m'għandhomx joħolqu piż sproporzjonat fuq l-operaturi.

Għall-atti delegati msemmijin f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17.

*Artikolu 15*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħat ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikoli 6(3), 8(7) u 14 għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin mit-2 ta' Diċembru 2010. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport dwar is-setgħat delegati mhux iktar tard minn minn tliet xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' tliet snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Id-delega tas-setgħat għandha tiġġedded awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokahiex f'konformità mal-Artikolu 16.

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħat ta' adozzjoni tal-atti delegati għandhom jingħataw lill-Kummissjoni taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 16 u 17.

*Artikolu 16*

**Revoka tad-delega**

1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 6(3), 8(7) u 14 tista' tiġi revokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'kull mument.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex tiddeċiedi jekk għandiex tirrevoka d-delega tas-setgħat għandha tagħmel ħilitha sabiex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħat iddelegati li jistgħu jkunu suġġetti għal revoka u r-raġunijiet possibbli għar-revoka.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tieħu effett immedjatament jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 17*

**Oġġezzjonijiet għal atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat fi żmien xahrejn mid-data ta' notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi dan il-perijodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita fih.

L-att iddelegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni bil-ħsieb tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat, l-att m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att delegat.

*Artikolu 18*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT) stabbilit taħt l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005.

2. Fejn ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun iffissat għal tliet xhur.

*Artikolu 19*

**Pieni**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati.

2. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u jistgħu jinkludu, *inter alia*:

(a) multi proporzjonali għall-ħsara ambjentali, il-valur tal-injam jew tal-prodotti tal-injam konċernati u t-telf ta' taxxi u d-detriment ekonomiku li jirriżultaw mill-ksur, bil-kalkolu tal-livell ta' tali pieni isir b'tali mod li jiżgura li dawn iċaħħdu b'mod effikaċi lil min hu responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi li joriġinaw mill-ksur gravi tagħhom, bla ħsara għad-dritt leġittimu li jeżerċitaw professjoni u biż-żieda gradwali tal-limitu ta' tali multi għal ksur gravi ripetut;

(b) il-konfiska tal-injam u prodotti tal-injam konċernati;

(c) is-sospensjoni immedjata tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċ.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

*Artikolu 20*

**Rappurtar**

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, sat-30 ta' April ta' kull sentejn wara t-3 ta' Marzu 2013, rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sentejn ta' qabel.

2. Abbażi ta' dawn ir-rapporti l-Kummissjoni għandha tfassal rapport li jrid jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn. Fit-tħejjija tar-Rapport, il-Kummissjoni għandha tqis il-progress li jkun sar rigward il-konklużjoni u l-operazzjoni tal-VPAs FLEGT skont ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 u l-kontribut tagħhom sabiex tkun imminizzata l-preżenza tal-injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam fis-suq intern.

3. Sat-3 ta' Diċembru 2015, u kull sitt snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrevedi, fuq il-bażi tar-rappurtar u l-esperjenza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-funzjonament u l-effikaċja ta' dan ir-Regolament, inkluża l-prevenzjoni tat-tqegħid fis-suq intern ta' injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam. B'mod partikulari għandha tqis il-konsegwenzi amministrattivi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kopertura tal-prodott. Ir-rapporti jistgħu jkunu akkumpanjati, jekk meħtieġ, minn proposti leġiżlattivi adegwati.

4. L-ewwel mir-rapporti msemmija fil-paragrafu 3 għandu jinkludi valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u kummerċjali attwali tal-Unjoni għal dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti elenkati taħt il-Kapitolu 49 tan-Nomenklatura Magħquda, b'kunsiderazzjoni partikolari tal-kompetittività tas-setturi rilevanti, sabiex titqies l-inklużjoni possibbli tagħhom fil-lista ta' injam u prodotti tal-injam stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tal-effettività tal-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam kif stipulat fl-Artikolu 4(1) kif ukoll tas-sistemi ta' diliġenza dovuta kif stipulat fl-Artikolu 6.

*Artikolu 21*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mit-3 ta' Marzu 2013. Madankollu, l-Artikoli 6(2), 7(1), 8(7) u 8(8) għandhom japplikaw mit-2 ta' Diċembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Ottubru 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

*ANNESS*

**Injam u prodotti tal-injam kif ikklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), li għalihom japplika dan ir-Regolament**

— 4401 Ħatab, fi zkuk, fi zkuk ħoxnin, fi frieghi, f'qatet ta' għesieleġ jew forom simili; injam f'laqx jew fi frak; serratura u rimi tal-injam u skart, kemm jekk ikunu miġbura fi zkuk, trab tal-faħam ippressat, pritkuna jew forom bħal dawn,

— 4403 Injam mhux irfinat, anki jekk bil-qoxra, l-ilbieba jew skwerrat b'mod mhux preċiż,

— 4406 Travi tal-injam mimdudin (sleepers, cross-ties) għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm,

— 4407 Injam isserrat jew maqtugħ f'laqx għat-tul, imfellel jew imqaxxar, huwiex jew le inċanat, xkatlat jew imġannat fit-truf, eħxen minn 6 mm,

— 4408 Folji għall-kisi tal-injam (inklużi dawk li jinkisbu billi jkun imfettet l-injam laminat), għall-plajwud jew għal injam laminat simili u injam ieħor, maqtugħ għat-tul, imfettet jew imqaxxar, sew jekk illixxat, xkatlat, imwaħħal jew ġonġut mit-tarf u sew jekk le, ta' ħxuna ta' mhux iktar minn 6 mm,

— 4409 Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parkè, mhux immuntat) b'forma kontinwa (mudullun, kanal, irbattut, ċanfrin, ingast-V, biż-żibeġ, iffurmat, ittundjat jew hekk) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le,

— 4410 Bord tal-injam mill-frak, bord tat-tip oriented strand board (OSB) u bord simili (per eżempju, waferboard) tal-injam jew ta' materjali oħrajn għudin, magħqudin bir-rażi jew sustanzi organiċi oħrajn li jgħaqqdu jew le,

— 4411 Fibreboard tal-injam jew materjal ieħor tal-injam, sew jekk magħqud bir-raża jew sustanzi organiċi oħra jew le,

— 4412 Plajwud, pannelli miksija u injam laminat simili,

— 4413 00 00 Injam iddensifikat, fi blokki, folji, strixxi jew forom tal-profil,

— 4414 00 Gwarniċi tal-injam għal pitturi, ritratti, mirja jew oġġetti bħal dawn,

— 4415 Kontenituri għall-ippakkjar, kaxex, ċestuni, tankijiet u kontenituri simili, tal-injam; rukkelli tal-injam għall-kejbil; pallets, pallets forma ta' kaxxa jew twavel oħrajn għat-tagħbija, tal-injam; għenuq tal-pallets tal-injam; twiebet,

(Materjal mhux tal-ippakkjar użat esklużivament bħala materjal tal-ippakkjar biex jirfed, jipproteġi jew iġorr prodott ieħor imqiegħed fis-suq.)

— 4416 00 00 Bittiji, bramel, tankijiet, tnellijiet u prodotti oħra tal-buttar, u partijiet tagħhom, tal-injam, inkluż injam imqawwes,

— 4418 Xogħol tal-mastrudaxxa u tal-karpentrija tal-injam għall-bennejja, inklużi pannelli ċellulari tal-injam, panelli mmuntati għall-art, twavel tal-kisi u shakes,

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

— Polpa u karta tal-Kapitoli 47 u 48 tan-Nomenklatura Magħquda, għajr għal prodotti li għandhom bażi ta' bambù u rkuprati (rimi u skart),

— Għamara tal-injam 9403 30, 9403 40, 9403 50 00, 9403 60 u 9403 90 30,

— 9406 00 20 Bini prefabbrikat.

# REGOLAMENT (UE) Nru 996/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-20 ta' Ottubru 2010

## dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data [2],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [3],

Billi:

(1) Għandu jkun żgurat livell għoli ġenerali ta' sikurezza fis-settur tal-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa u għandhom isiru l-isforzi kollha possibbli biex jonqos l-għadd ta' aċċidenti u inċidenti sabiex tkun żgurata l-fiduċja pubblika fit-trasport bl-ajru.

(2) It-twettiq ta' malajr ta' investigazzjonijiet tas-sikurezza tal-aċċidenti u l-inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili jtejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni u jgħin biex tiġi evitata l-okkorrenza ta' aċċidenti u inċidenti.

(3) Ir-rappurtar, l-analiżi, u d-disseminazzjoni tar-riżultati ta' inċidenti marbuta mas-sikurezza huma fundamentalment importanti biex tittejjeb is-sikurezza tal-ajru. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tressaq proposta biex temenda d-Direttiva 2003/42 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili [4] qabel il-31 ta' Diċembru 2011.

(4) L-uniku għan tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza għandu jkun il-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fil-ġejjieni mingħajr speċifikazzjoni ta' ebda tort jew responsabbiltà.

(5) Għandu jittieħed kont tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ffirmata nhar is-7 ta' Diċembru 1944 f'Chicago ("il-Konvenzjoni ta' Chicago"), li tipprovdi għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa sabiex ikun żgurat it-tħaddim sikur tal-inġenji tal-ajru. Għandu jittieħed kont b'mod partikulari tal-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago u l-emendi susssegwenti tagħha li jistabbilixxu l-istandards internazzjonali u l-prattika rakkomandata għall-investigazzjoni tal-aċċidenti u l-inċidenti tal-inġenji tal-ajru, kif ukoll kif jinftehmu t-termini l-Istat tar-Reġistru, l-Istat tal-Operatur, l-Istat tad-Disinn u l-Istat tal-Manifattura u l-Istat tal-Okkorrenza kif użati fiha.

(6) Skont l-istandards internazzjonali u l-prattika rakkomandata definiti fl-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, l-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti serji għandha ssir taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fejn l-aċċident jew l-inċident serju jkun ġara, jew tal-Istat tar-Reġistru meta l-post tal-aċċident jew inċident serju ma jkunx jista' jiġi stabbilit b'mod definit bħala li hu f'xi territorju ta' xi Stat. L-Istat jista' jiddelega l-kompitu li jagħmel investigazzjoni lil xi Stat ieħor jew jitlob l-assistenza tiegħu. L-investigazzjonijiet tas-sikurezza fl-Unjoni għandhom isiru bl-istess mod.

(7) It-tagħlim li ttieħed mill-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 94/56/KE tal-21 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti [5] tal-avjazzjoni ċivili għandu jintuża sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-investigazzjoni u tal-prevenzjoni tal-aċċidenti fl-Unjoni.

[1] Opinjoni tas-27 ta' Mejju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] ĠU C 132, 21.5.2010, p. 1.
[3] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Settembru 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2010.
[4] ĠU L 167, 4.7.2003, p. 23.
[5] ĠU L 319, 12.12.1994, p. 14.

(8) Wieħed għandu jqis il-bidliet fil-qafas regolatorju u istituzzjonali li jirregola s-sikurezza fis-settur tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni, li seħħew minn meta ġiet adottata d-Direttiva 94/56/KE u b'mod partikulari minn meta twaqqfet l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("EASA"). Ladarba s-sikurezza tal-avjazzjoni qed tiġi rregolata dejjem iktar fil-livell Ewropew, għandu jitqies ukoll il-lat tal-Unjoni rigward rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza.

(9) L-EASA twettaq, f'isem l-Istati Membri, il-funzjonijiet u l-ħidmiet tal-Istat tad-Disinn, tal-Manifattura u r-Reġistrazzjoni meta dawn ikollhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni tad-disinn, kif inhu speċifikat fil-Konvenzjoni ta' Chicago u fl-Annessi tagħha. Għalhekk l-EASA, u b'konformità mal-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, għandha tkun mistiedna tipparteċipa waqt investigazzjoni tas-sikurezza biex tikkontribwixxi, fl-ambitu tal-kompetenza tagħha, għall-effiċjenza tagħha u tiżgura s-sikurezza tad-disinji tal-inġenji tal-ajru mingħajr ma taffettwa l-indipendenza tal-investigazzjoni. L-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni ċivili għandhom ikunu mistiedna jipparteċipaw f'investigazzjonijiet tas-sikurezza bl-istess mod.

(10) Meta titqies ir-responsabbiltà tagħhom għas-sikurezza, persuni maħturin mill-EASA, kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni ċivili għandhom ikollhom aċċess għal informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tal-effikaċità tar-rekwiżiti ta' sikurezza.

(11) Sabiex tkun żgurata prevenzjoni aħjar ta' aċċidenti u inċidenti tal-avjazzjoni, l-EASA, b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, għandha tieħu sehem ukoll fl-iskambju u l-analiżi ta' informazzjoni fil-qafas tas-sistemi ta' rappurtar tal-okkorrenzi skont id-Direttiva 2003/42/KE, filwaqt li jiġi evitat kull konflitt ta' interess. Din l-informazzjoni għandha tkun protetta adegwatament mill-użu jew mill-iżvelar mhux awtorizzat.

(12) Huwa rikonoxxut li l-parteċipazzjoni tal-EASA u tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-iskambju u l-analiżi ta' informazzjoni skont id-Direttiva 2003/42/KE tista' tibbenefika investigazzjonijiet tas-sikurezza permezz tal-aċċess on-line għal informazzjoni rilevanti rigward sikurezza li tinsab fir-repożitorju ċentrali ta' informazzjoni dwar okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili.

(13) L-ambitu tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza għandu jiddependi fuq it-tagħlim li wieħed jista' jikseb minnhom dwar it-titjib tas-sikurezza tal-avjazzjoni, b'mod speċjali billi wieħed iqis il-ħtieġa għall-użu b'mod effiċjenti meta mqabbel man-nefqa tar-riżorsi għall-investigazzjonijiet fl-Unjoni.

(14) L-investigazzjonijiet tas-sikurezza tal-aċċidenti u l-inċidenti għandhom isiru minn jew ikunu taħt il-kontroll ta' awtorità indipendenti tal-investigazzjoni tas-sikurezza sabiex ikun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess u kwalunkwe interferenza esterna possibbli hekk kif ikunu qed jiġu stabbiliti l-kawżi tal-okkorrenzi li dwarhom tkun qed issir l-investigazzjoni.

(15) L-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandhom rwol ewlieni fil-proċess tal-investigazzjoni tas-sikurezza. Il-ħidma tagħhom hija ta' importanza kbira ħafna biex ikunu determinati l-kawżi ta' aċċident jew ta' inċident. Huwa għalhekk essenzjali li jkunu jistgħu jinvestigaw mingħajr ebda pressjoni u indipendentement u wkoll li jkollhom ir-riżorsi finanzjarji u umani biex jagħmlu investigazzjonijiet effikaċi u effiċjenti.

(16) Il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-Istati Membri għandha tissaħħaħ u hija meħtieġa koperazzjoni bejniethom sabiex jittejbu l-effiċjenza tal-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni.

(17) Ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandu jingħaraf u jissaħħaħ f'kuntest Ewropew, sabiex ikun ġenerat valur addizzjonali reali fis-sikurezza tal-avjazzjoni billi jinbena fuq il-koperazzjoni li diġà teżisti bejn dawn l-awtoritajiet u r-riżorsi għall-investigazzjonijiet li huma disponibbli fl-Istati Membri li għandhom jintużaw bl-iktar mod effikaċi possibbli. Dak l-għarfien u dak it-tisħiħ jistgħu jinkisbu l-aħjar permezz tan-Netwerk Ewropew ta' Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tas-Sikurezza fis-settur tal-Avjazzjoni Ċivili ("in-Netwerk"), bi rwoli u kompiti definiti b'mod ċar.

(18) In-Netwerk għandu jfittex li jwettaq l-attivitajiet tiegħu ta' koordinazzjoni b'mod trasparenti u indipendenti u għandu jkollu l-appoġġ attiv tal-Unjoni.

(19) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu jintlaħqu aħjar permezz tal-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi Ewropej, li jkunu jistgħu għandhom jithallew jieħdu sehem bħala osservaturi fil-ħidma tan-Netwerk.

(20) Ladarba huwa essenzjali li jiġu żgurati drittijiet ċari għall-investigazzjoni tas-sikurezza, l-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ dwar is-setgħat tal-awtoritajiet responsabbli għall-investigazzjoni ġudizzjarja u, fejn xieraq, f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' dawk l-awtoritajiet, jiżguraw li l-awtoritajiet responsabbli għall-investigazzjonijiet tas-sikurezza f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċidenti u l-inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili jithallew iwettqu xogħolhom fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli fl-interess tas-sikurezza tal-avjazzjoni. L-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandhom għalhekk jingħataw aċċess immedjat u mingħajr xkiel għas-sit tal-aċċident u l-elementi kollha meħtieġa sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandhom isiru disponibbli għalihom, mingħajr ma jiġu kompromessi l-għanijiet tal-investigazzjoni ġudizzjarja.

(21) L-investigazzjoni effiċjenti tas-sikurezza tista' titwettaq biss jekk ikunu ppreżervati kif dovut l-elementi importanti tal-evidenza.

(22) Is-sistema tas-sikurezza fis-settur tal-avjazzjoni ċivili hija msejsa fuq l-informazzjoni u t-tagħlim li joħroġ mill-esperjenza tal-aċċidenti u l-inċidenti, li jirrikjedu l-applikazzjoni stretta tar-regoli tal-konfidenzjalità sabiex ikun żgurat li fil-ġejjieni għejjun importanti ta' informazzjoni jibqgħu jkunu disponibbli. F'dan il-kuntest, informazzjoni sensittiva dwar is-sikurezza għandha tkun protetta b'mod xieraq,

(23) Aċċident iqajjem għadd ta' interessi pubbliċi differenti bħall-prevenzjoni ta' aċċidenti futuri u l-amministrazzjoni korretta tal-ġustizzja. Dawk l-interessi jmorru lil hinn mill-interessi individwali tal-partijiet involuti u lil hinn mill-ġrajja speċifika. Jeħtieġ li jkun hemm bilanċ ġust bejn il-partijiet interessati kollha sabiex jiġi żgurat l-interess pubbliku ġenerali.

(24) Is-sistema tal-avjazzjoni ċivili għandha tipprowovi wkoll ambjent mhux punittiv li jiffaċilita r-rappurtar spontanju ta' okkorrenzi u b'hekk jgħin l-iżvilupp tal-prinċipju ta' "kultura ġusta".

(25) L-informazzjoni li tipprovdi persuna fil-qafas ta' investigazzjoni tas-sikurezza m'għandhiex tintuża kontra dik il-persuna, b'rispett sħiħ tal-prinċipji kostituzzjonali u għalliġi nazzjonali.

(26) L-Istati Membri għandhom ikollhom l-għażla li jillimitaw il-każijiet fejn deċiżjoni ta' żvelar rigward informazzjoni miksuba f'investigazzjoni tas-sikurezza tkun tista' tittieħed mingħajr ma taffettwa l-funzjonament bla xkiel tas-sistema ġudizzjarja.

(27) Huwa importanti għall-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti li informazzjoni rilevanti tiġi komunikata fl-iqsar żmien possibbli, inklużi b'mod partikolari rapporti u rakkomandazzjonijiet ta' sikurezza li jirriżultaw minn investigazzjonijiet tas-sikurezza.

(28) Ir-rakkomandazzjonijiet ta' sikurezza li jirriżultaw minn investigazzjoni ta' aċċident jew inċident serju, jew minn sorsi oħrajn, bħalma huma studji dwar sikurezza, għandhom dejjem jingħataw konsiderazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u, skont kemm ikun xieraq, jittieħdu passi dwarhom sabiex tiġi żgurata prevenzjoni adegwata ta' aċċidenti u inċidenti tal-avjazzjoni ċivili.

(29) L-avvanzi fir-riċerka, kemm fil-ħin reali tat-tracking tal-ajruplani kif ukoll l-aċċess għall-informazzjoni fir-reġistratur tat-titjira mingħajr il-preżenza fiżika ta' dan ir-reġistratur, għandhom jiġu inkuraġġati sabiex itejbu b'mod sinifikanti l-mezzi disponibbli għall-investigaturi fid-determinazzjoni tal-kawżi ta' inċident u jtejbu l-ħila li jiġu evitati inċidenti rikorrenti. Dawn l-iżviluppi jkunu pass importanti 'l quddiem għas-sikurezza tal-avjazzjoni.

(30) L-esperjenza wriet li xi kultant ikun diffiċli li wieħed jikseb malajr listi affidabbli tal-persuni li jkunu abbord inġenju tal-ajru iżda l-esperjenza wriet ukoll li huwa importanti li tiġi stabbilita skadenza li fiha kumpanija tal-ajru tkun tista' tintalab tipprovdi lista ta' dan it-tip. Barra minn hekk, id-data li jkun fihom tali listi għandha tithares mill-użu jew żvelar mhux awtorizzat. Bl-istess mod, id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar merkanzija perikoluża abbord inġenju tal-ajru involut f'aċċident hija meħtieġa biex timminimizza r-riskji għal investigaturi tas-sikurezza fis-sit tal-okkorrenza.

(31) Wara aċċident tal-ajru ma jkunx faċli li tiġi identifikata malajr ħafna l-persuna ta' kuntatt xierqa biex tingħata informazzjoni dwar preżenza ta' passiġġier abbord wara aċċident tal-ajru. Għaldaqstant, il-passiġġieri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jaħtru persuna ta' kuntatt.

(32) L-assistenza għall-vittmi tal-aċċidenti tal-ajru u għall-qraba tagħhom għandha tkun speċifikata b'mod adegwat.

(33) Il-mod kif aċċident u l-konsegwenzi tiegħu jiġu ttrattati mill-Istati Membri u l-linji tal-ajru huwa ta' importanza kruċjali. Rigward dan, l-Istati Membri għandhom ikollhom pjan ta' emerġenza li jieħu ħsieb, b'mod partikolari, tas-servizzi ta' emerġenza tal-ajruport u l-assistenza lill-vittmi ta' aċċidenti tal-avjazzjoni ċivili u tal-qraba tagħhom. Il-linji tal-ajru għandhom ikollhom ukoll pjan għall-assistenza lill-vittmi tal-avjazzjoni ċivili u l-qraba tagħhom. Trid tingħata attenzjoni partikolari għall-appoġġ lill-vittmi, l-qraba tagħhom u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u għall-komunikazzjoni magħhomu.

(34) Ir-regoli dwar aċċess għad-data, l-ipproċessar tad-data u l-protezzjoni tal-individwi stipulati f'atti legali rilevanti tal-Unjoni għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(35) Il-penali għandhom b'mod partikolari jippermettu sanzjonijiet kontra kull persuna li, bi ksur ta' dan ir-Regolament, tirrilaxxa informazzjoni protetta minn dan ir-Regolament; tostakola l-azzjonijiet tal-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza billi timpedixxi l-investigaturi milli jwettqu dmirijiethom jew tirrifjuta li tipprovdi reġistrazzjonijiet, informazzjoni materjali u dokumenti importanti, taħbihom, tibdilhom jew teqridhom; jew, filwaqt li jkollha informazzjoni dwar kwalunkwe okkorenza ta' aċċident jew inċident serju, ma tinfurmax l-awtoritajiet rilevanti b'dan.

(36) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli komuni fil-qasam tal-investigazzjoni tas-sikurezza fis-settur tal-avjazzjoni ċivili, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' għaldaqstant, minħabba l-ambitu wiesa' Ewropew u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(37) Għaldaqstant, id-Direttiva 94/56/KE għandha titħassar.

(38) Id-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà, miftiehma f'Kordoba fit-18 ta' Settembru 2006 matul l-ewwel laqgħa Ministerjali tal-Forum ta' Djalogu dwar Ġibiltà, ser tissostitwixxi d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà magħmula f'Londra fit-2 ta' Diċembru 1987, u l-konformità sħiħa magħha tiġi meqjusa li tikkostitwixxi konformità mad-Dikjarazzjoni tal-1987,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jtejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni billi jiżgura livell għoli ta' effiċjenza, ta' ħeffa u ta' kwalità fl-investigazzjonijiet Ewropej tas-sikurezza fis-settur tal-avjazzjoni ċivili, li l-uniku għan tagħhom huwa li jiġu evitati l-aċċidenti u l-inċidenti fil-ġejjieni, mingħajr ma wieħed jattribwixxi tort jew responsabbiltà inkluż permezz tat-twaqqif ta' Netwerk Ewropew ta' Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tas-Sikurezza fis-Settur tal-Avjazzjoni Ċivili. Huwa jistabbilixxi wkoll regoli dwar id-disponibbiltà fil-ħin ta' informazzjoni rigward kull persuna jew kull merkanzija perikoluża abbord inġenju tal-ajru li jkun involut f'aċċident. Għandu l-għan wkoll li jtejjeb l-assistenza mogħtija lill-vittmi ta' inċidenti tal-ajru u lill-qraba tagħhom.

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà qiegħda tinftiehem li hija mingħajr ħsara għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fir-rigward tat-tilwima fuq is-sovranità fuq it-territorju li fih qiegħed l-ajruport.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-ifinijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "aċċident" tfisser okkorrenza marbuta mal-operat ta' inġenju tal-ajru li, fil-każ ta' inġenju tal-ajru bl-ekwipaġġ, isseħħ fil-ħin minn meta kwalunkwe persuna titla' abbord l-inġenju tal-ajru għall-għanijiet ta' titjira sal-ħin meta kull persuna tali tkun niżlet minn fuqu, jew, fil-każ ta' inġenju tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, li sseħħ fil-ħin meta l-inġenju tal-ajru jkun lest biex jitlaq bil-ħsieb li jittajjar sal-ħin meta jinżel fi tmiem it-titjira u tintefa' s-sistema ewlenija ta' propulsjoni tiegħu, u li fiha:

(a) persuna tkun feruta b'mod fatali jew serju minħabba:

— li tkun fl-inġenju tal-ajru, jew

— li tiġi f'kuntatt dirett ma kwalunkwe parti mill-inġenju tal-ajru, inkluż ma' partijiet li jkunu nqalgħu minnu, jew

— li tkun esposta b'mod dirett għall-kolp ta' riħ li joħroġ bil-qawwa mill-ġett,

ħlief meta l-feriti jkunu ġejjin minn kawżi naturali, kkaġunati mill-persuna nnifisha jew minn persuni oħra, jew meta l-feriti jkunu feriti fuq persuni mistoħbija f'partijiet li normalment ma jkunux disponibbli għall-passiġġieri u għall-ekwipaġġ; jew

(b) l-inġenju tal-ajru ssirlu ħsara jew ikollu nuqqas strutturali li jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa strutturali, il-prestazzjoni jew il-karatteristiċi tat-titjira tiegħu u li normalment tkun tirrikjedi ħafna tiswija jew il-bdil tal-komponent affettwat, ħlief għal meta l-magna ma tibqax taħdem jew issirilha ħsara, meta l-ħsara tkun limitata għal magna waħda (inkluża dik f'għatat (cowlings) jew aċċessorji tagħha), skrejjen, ponot tal-ġwienaħ, antenni, probes, vanes, tajers, brejkijiet, roti, fairings, panelli, bibien tat-tagħmir tal-inżul, windscreens, il-qoxra ta' barra tal-inġenju tal-ajru (bħal għatniet jew toqob żgħar) jew fil-każ ta' ħsarat żgħar fir-rotor blades prinċipali, fir-rotor blades ta' wara, fit-tagħmir tal-inżul u dawk li jirriżultaw minħabba x-xita tas-silġ jew ħbit ma' għasafar (inklużi toqob fir-radome); jew

(c) l-inġenju tal-ajru jkun mitluf jew ma jkun aċċessibbli bl-ebda mod;

(2) "rappreżentant akkreditat" tfisser persuna maħtura minn Stat, abbażi tal-kwalifiki tagħha, sabiex tieħu sehem f'investigazzjoni dwar is-sikurezza mwettqa minn Stat ieħor. Ir-rappreżentant akkreditat maħtur minn Stat Membru għandu jkun ġej minn awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza;

(3) "konsulent" tfisser persuna maħtura minn Stat, abbażi tal-kwalifiki tagħha, sabiex tgħin lir-rappreżentant akkreditat tiegħu f'investigazzjoni dwar is-sikurezza;

(4) "kawżi" tfisser azzjonijiet, omissjonijiet, avvenimenti, kundizzjonijiet, jew taħlita tagħhom, li wasslu għall-aċċident jew l-inċident; l-identifikazzjoni tal-kawżi ma timplikax l-għoti ta' tort jew tar-responsabbiltà amministrattiva, ċivili jew kriminali;

(5) "ferita fatali" tfisser ferita li ġġarrab persuna f'aċċident u li twassal għall-mewt tagħha fi żmien tletin jum minn meta jseħħ l-aċċident;

(6) "reġistratur tat-titjira" tfisser kull tip ta' reġistratur installat fl-inġenju tal-ajru sabiex jiffaċilita l-investigazzjonijiet tas-sikurezza f'dak li għandu x'jaqsam ma' aċċidenti/inċidenti;

(7) "inċident" tfisser okkorrenza, minbarra aċċident, assoċjata mal-operat ta' inġenju tal-ajru u li taffettwa jew li tista' taffettwa s-sikurezza tal-operat;

(8) "standards internazzjonali u prattika rakkomandata" tfisser l-istandards internazzjonali u l-prattika rakkomandata għall-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti ta' inġenji tal-ajru adottati skont l-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni ta' Chicago;

(9) "investigatur responsabbli" tfisser persuna li, abbażi tal-kwalifiki tagħha, tqabbdet bħala l-persuna responsabbli għall-organizzazzjoni, it-twettiq u l-kontroll ta' investigazzjoni tas-sikurezza;

(10) "operatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, li tħaddem jew li tipproponi li tħaddem inġenju tal-ajru wieħed jew aktar;

(11) "persuna involuta" tfisser il-proprjetarju, membru tal-ekwipaġġ, l-operatur tal-inġenju tal-ajru involut f'aċċident jew f'inċident serju; kwalunkwe persuna involuta fil-manutenzjoni, id-disinn, il-manifattura ta' dak l-inġenju tal-ajru jew fit-taħriġ tal-ekwipaġġ tiegħu; kwalunkwe persuna involuta fil-forniment ta' servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjira jew tas-servizzi tal-ajruport li pprovdew servizzi għall-inġenju tal-ajru; persunal tal-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni ċivili; jew persunal tal-EASA;

(12) "rapport preliminari" tfisser il-komunikazzjoni użata għad-disseminazzjoni immedjata ta' data miksuba matul l-istadji bikrin tal-investigazzjoni;

(13) "qraba" tfisser l-eqreb membri tal-familja jew il-persuni li jiġu mill-vittma u/jew persuni oħra konnessi mill-qrib mal-vittma ta' aċċident, kif definit taħt il-liġi nazzjonali tal-vittma;

(14) "investigazzjoni tas-sikurezza" tfisser proċess imwettaq minn awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza sabiex jiġu evitati l-aċċidenti u l-inċidenti u li jinkludi l-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni, it-tfassil ta' konklużjonijiet, inkluż li wieħed jistabbilixxi l-kawża/i u l-fatturi li kkontribwew għalih u, fejn xieraq, il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza;

(15) "rakkomandazzjoni dwar is-sikurezza" tfisser proposta li tagħmel awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza, li tkun imsejsa fuq informazzjoni minn investigazzjoni tas-sikurezza jew minn għejjun oħra fosthom minn studji dwar is-sikurezza, u li ssir bil-ħsieb li jiġu evitati l-aċċidenti u l-inċidenti;

(16) "inċident serju" tfisser inċident li jinvolvi ċirkustanzi li jindikaw li kien hemm probabbiltà kbira ta' aċċident u li jkun assoċjat mal-operat ta' inġenju tal-ajru, fejn, fil-każ ta' inġenju tal-ajru bl-ekwipaġġ, dan l-operat iseħħ fil-ħin minn meta kwalunkwe persuna titla' abbord l-inġenju tal-ajru għall-finijiet ta' titjira sal-ħin meta kull persuna tali tkun niżlet minn fuqu, jew, fil-każ ta' inġenju tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, iseħħ mill-ħin meta l-inġenju tal-ajru jkun lest biex jitlaq għall-finijiet ta' titjira sal-ħin meta jinżel fi tmiem it-titjira u tintefa' s-sistema ewlenija ta' propulsjoni tiegħu. (Fl-Anness tingħata lista ta' eżempji ta' inċidenti);

(17) "ferita serja" tfisser ferita li ġġarrab persuna f'aċċident u li tinvolvi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) perjodu ta' żmien fl-isptar li jkun itwal minn 48 siegħa, li jibda fi żmien sebat ijiem minn meta ġġarrbet il-ferita;

(b) ksur ta' xi għadma (minbarra l-ksur sempliċi tas-swaba' tal-id jew tas-sieq, jew il-ksur tal-imnieħer);

(c) tiċrit tal-laħam li jikkawża emorraġija serja, ħsara fin-nervituri, fil-muskoli jew fl-għerq;

(d) ferita fi kwalunkwe organu intern;

(e) ħruq tat-tieni jew tat-tielet grad, jew kwalunkwe ħruq li jaffettwa iktar minn 5 % ta' wiċċ il-ġisem;

(f) espożizzjoni vverifikata għal sustanzi infettivi jew għal radjazzjoni perikoluża.

*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-investigazzjonijiet tas-sikurezza f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċidenti u l-inċidenti serji:

(a) li seħħew *fit-territorji tal-Istati Membri li għalihom japplikaw it-Trattati*, skont l-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri;

(b) li fihom ikunu involuti inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stat Membru jew operati minn impriża stabbilita fi Stat Membru, u li seħħew barra *t-territorji tal-Istati Membri li għalihom japplikaw it-Trattati*, f'każ li tali investigazzjoni ma ssirx minn Stat ieħor;

(c) fejn Stat Membru huwa ntitolat, skont l-istandards internazzjonali u l-prattika rakkomandata, li jaħtar rappreżentant akkreditat biex jipparteċipa bħala Stat ta' Reġistrazzjoni, Stat tal-Operatur, Stat tad-Disinn, Stat tal-Manifattura jew Stat li jforni l-informazzjoni, il-faċilitajiet jew l-esperti fuq it-talba tal-Istat li jagħmel l-investigazzjoni;

(d) fejn Stat Membru li jkollu interess speċjali minħabba l-fatalitajiet jew il-feriti serji liċ-ċittadini tiegħu ikollu permess mill-Istat li jagħmel l-investigazzjoni biex jappunta espert.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal kwistjonijiet relatati mad-disponibbiltà f'waqtha ta' informazzjoni relatata ma' kull persuna u oġġett perikoluż abbord ta' inġenju tal-ajru involut f'aċċident u l-assistenza lill-vittmi ta' aċċidenti tal-ajru u l-qraba tagħhom.

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-investigazzjonijiet tas-sikurezza ta' aċċidenti jew inċidenti serji li jinvolvu inġenji tal-ajru impenjati f'servizzi militari, doganali, tal-pulizija jew servizzi simili, ħlief meta l-Istat Membru kkonċernat hekk jiddetermina, f'konformità mal-Artikolu 5(4) u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

*Artikolu 4*

**Awtorità tal-Investigazzjoni tas-Sikurezza fis-settur tal-Avjazzjoni Ċivili**

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-investigazzjonijiet tas-sikurezza jsiru jew ikollhom superviżjoni, mingħajr interferenza esterna, minn awtorità permanenti nazzjonali tal-investigazzjoni tas-sikurezza fis-settur tal-avjazzjoni ċivili ("l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza") li tkun tista' tagħmel investigazzjoni tas-sikurezza kompleta b'mod indipendenti, waħedha jew permezz ta' ftehimiet ma' awtoritajiet ta' investigazzjoni tas-sikurezza oħrajn;

2. L-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tiffunzjona b'mod indipendenti partikolarment mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni responsabbli għall-kapaċità għat-titjir, iċ-ċertifikazzjoni, l-operat ta' titjiriet, il-manutenzjoni, il-liċenzji, il-kontroll tat-traffiku tal-ajru jew l-operat tal-ajruporti u, b'mod ġenerali, minn kwalunkwe parti jew entità oħra li l-interessi jew il-missjonijiet tagħha jistgħu jkunu f'konflitt mal-kompitu fdat f'idejn l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza jew jinfluwenza l-oġġettività tagħha.

3. L-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza, fit-tmexxija tal-investigazzjoni tas-sikurezza, la għandha tfittex u lanqas tieħu struzzjonijiet minn kwalunkwe persuna u għandu jkollha awtorità mingħajr restrizzjonijiet fuq kif jitmexxew l-investigazzjonijiet tas-sikurezza.

4. L-attivitajiet fdati lill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza jistgħu jiġu estiżi għall-ġabra u l-analiżi ta' informazzjoni marbuta mas-sikurezza tal-avjazzjoni, b'mod partikolari għal finijiet ta' prevenzjoni tal-aċċidenti, sakemm dawn l-attivitajiet ma jaffetwawx l-indipendenza tagħha u ma jimplikawx responsabbiltà f'affarijiet regolatorji, amministrattivi jew ta' standardizzazzjoni.

5. Sabiex il-pubbliku jiġi mgħarraf bil-livell ġenerali ta' sikurezza tal-avjazzjoni, għandha tiġi ppubblikata annwalment fil-livell nazzjonali reviżjoni tas-sikurezza. F'din l-analiżi, is-sorsi tal-informazzjoni kunfidenzjali m'għandhomx jiġu żvelati.

6. L-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tingħata, mill-Istat Membru rispettiv, il-mezzi meħtieġa biex tamministra r-responsabbiltajiet tagħha indipendentament u għandha tkun tista' tikseb riżorsi suffiċjenti biex tagħmel dan. B'mod partikolari:

(a) il-kap tal-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza u/jew, fil-każ ta' awtorità pluri-modali, il-kap tal-fergħa tal-avjazzjoni tagħha għandu jkollu l-esperjenza u l-kompetenza fis-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili biex iwettaq il-kompiti tiegħu jew tagħha skont dan ir-Regolament u l-liġi nazzjonali;

(b) l-investigaturi għandhom jingħataw status li jintitolhom għall-garanziji neċessarji ta' indipendenza;

(c) l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tikkonsisti minn mhux inqas minn investigatur wieħed disponibbli li kapaċi jiżvolġi l-funzjoni tal-investigatur responsabbli fil-każ ta' aċċident kbir tal-ajru;

(d) l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tiġi allokata baġit li jippermettilha twettaq il-funzjonijiet tagħha;

(e) l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandu jkollha għad-disposizzjoni tagħha, direttament jew permezz tal-koperazzjoni msemmija fl-Artikolu 6, jew b’ arranġamenti ma’ awtoritajiet jew entitajiet nazzjonali oħrajn, persunal kwalifikat u faċilitajiet adegwati, inklużi uffiċċji u hangars, biex tkun tista’ taħżen u teżamina l-inġenju tal-ajru, il-kontenut u l-fdalijiet tiegħu;

*Artikolu 5*

**Obbligu ta’ investigazzjoni**

1. Kull aċċident tal-avjazzjoni ċivili jew inċident serju li jinvolvi inġenju tal-ajru apparti minn dak speċifikat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ([1]), għandu jkun is-suġġett ta’ investigazzjoni tas-sikurezza fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ l-aċċident jew inċident serju.

2. Meta inġenju tal-ajru, minbarra minn kif speċifikat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, li jkun irreġistrat fi Stat Membru jkun involut f’aċċident jew inċident serju li l-lokalità tiegħu ma tkunx tista’ tiġi stabbilita b’mod definittiv bħala territorju ta’ xi Stat, għandha ssir investigazzjoni tas-sikurezza mill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza ta’ dak l-Istat Membru ta’ reġistrazzjoni.

3. L-ambitu tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza msemmija fil-paragrafu 1, 2 u 4, u l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex isiru dawn l-investigazzjonijiet tas-sikurezza għandhom ikunu ddeterminati mill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza, li għandha tikkunsidra t-tagħlim mistenni minn dawn l-investigazzjonijiet għat-titjib tas-sikurezza tal-avjazzjoni, inkluż fir-rigward ta’ dawk l-inġenji tal-ajru ta’ massa tat-tlugħ massima ta’ 2 250 kg jew anqas.

4. L-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza jistgħu jiddeċiedu li jinvestigaw inċidenti li ma jissemmewx fil-paragrafu 1 u 2, kif ukoll aċċidenti jew inċidenti serji għal tipi oħrajn ta’ inġenji tal-ajru, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, meta jkunu qed jistennew li jieħdu tagħlim dwar is-sikurezza minnhom.

5. L-investigazzjonijiet tas-sikurezza msemmijin fil-paragrafi 1, 2 u 4 fl-ebda każ m’għandhom jiddeterminaw it-tort jew responsabbiltà. Għandhom ikunu indipendenti, separati minn u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv biex jiddetermina t-tort jew ir-responsabbiltà.

*Artikolu 6*

**Koperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza**

1. Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza minn Stat Membru wieħed tista’ titlob l-assistenza ta’ awtoritatijiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza minn Stati Membri oħrajn. Meta, wara talba, awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza taqbel li tipprovdi assistenza, din l-assistenza għandha, kemm jista’ jkun, tkun ipprovduta bla ħlas.

2. Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tista’ tiddelega l-kompitu biex issir investigazzjoni ta’ aċċident jew inċident serju lil awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza oħra, suġġett għal ftehim reċiproku, u għandha tiffaċilita l-proċess ta’ investigazzjoni minn dik l-awtorità l-oħra.

*Artikolu 7*

**Netwerk Ewropew ta’ Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tas-Sikurezza fis-settur tal-Avjazzjoni Ċivili**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tagħhom tal-investigazzjoni tas-sikurezza jistabbilixxu bejniethom Netwerk ta’ Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tas-Sikurezza fis-Settur tal-Avjazzjoni Ċivili (“in-Netwerk”), magħmul mill-kapijiet tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza f’kull wieħed mill-Istati Membri, u/jew, fil-każ ta’ awtorità multimodali, mill-kap tat-taqsima tagħha tal-avjazzjoni, jew mir-rappreżentanti tagħhom, inkluż president magħżul minn fost dawn għal perijodu ta’ tliet snin.

B’konsultazzjoni mill-qrib mal-membri tan-Netwerk, il-president għandu jfassal programm ta’ ħidma annwali għan-Netwerk li jkun konformi mal-objettivi u jwettaq ir-reponsabbiltajiet stipulati fil-paragrafi 2 u 3 rispettivament. Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti l-programm ta’ ħidma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-president għandu jfassal l-aġenda għal-laqgħat tan-Netwerk.

2. In-Netwerk għandu jipprova jtejjeb aktar il-kwalità tal-investigazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet investigattivi u jsaħħaħ l-indipendenza tagħhom. Huwa għandu b’mod partikolari jinkuraġġixxi standards għoljin fil-metodi ta’ investigazzjoni u fit-taħrig ta’ investigaturi.

3. Sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, in-Network għandu r-responsabbiltà, b’mod partikolari għal dawn li ġejjin:

(a) it-tħejjija tar-rakkomandazzjonijiet u l-għoti ta’ pariri lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni dwar l-aspetti kollha tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta’ linji politiċi u regolamenti tal-Unjoni li għandhom x’jaqsmu ma’ investigazzjonijiet tas-sikurezza u l-prevenzjoni ta’ aċċidenti u inċidenti;

(b) il-promozzjoni tal-iskambju ta’ informazzjoni utli għat-titjib ta’ standards tas-sikurezza u l-promozzjoni attiva tal-koperazzjoni strutturata bejn awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni, l-EASA u l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni ċivili;

([1]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

(c) il-koordinazzjoni u l-organizzazzjoni fejn adatt, "ir-reviżjonijiet tal-pari" u l-attivitajiet ta' taħriġ rilevanti;

(d) il-promozzjoni tal-aħjar prattika tal-investigazzjoni tas-sikurezza bil-ħsieb li tiġi żviluppata metodoloġija komuni tal-Unjoni dwar l-investigazzjoni tas-sikurezza u l-ħolqien ta' inventarju ta' din il-prattika;

(e) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet investigattivi tal-awtoritajiet tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza, b'mod partikolari billi jiġi żviluppat u ġestit qafas għall-qsim tar-riżorsi.

(f) l-għoti, fuq talba tal-awtoritajiet tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6, ta' assistenza adegwata, li tinkludi, iżda ma tkunx limitata biss għal, lista ta' investigaturi, tagħmir u kapaċitajiet disponibbli fi Stati Membri oħrajn għall-użu potenzjali mill-awtorità li tagħmel l-investigazzjoni.

(g) aċċess għall-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 18, u analiżi tar-rakkomandazzjonijiet ta' sikurezza li jinsabu fih bil-ħsieb li jkunu identifikati r-rakkomandazzjonijiet importanti ta' sikurezza ta' rilevanza għall-Unjoni kollha.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet tan-Netwerk b'mod regolari. Il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat kulmeta l-Kunsill jew il-Kummissjoni jissottomettu talbiet lin-Netwerk.

5. Il-membri tan-Netwerk m'għandhom la jfittxu u lanqas jaċċettaw istruzzjonijiet minn kwalunkwe entità li tista' taffettwa l-istatus indipendenti tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza.

6. Kif ikun adatt, l-EASA għandha tkun mistiedna bħala osservatur għal-laqgħat tan-Netwerk. In-Netwerk jista' jistieden ukoll l-osservaturi minn awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza ta' pajjiżi terzi u esperti rilevanti oħrajn biex jattendu għal-laqgħa tiegħu.

7. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata mill-qrib mal-ħidma tan-Netwerk u għandha tirċievi l-appoġġ meħtieġ min-Netwerk dwar l-aspetti rilevanti relatati mal-iżvilupp tal-politika u r-regolamentazzjoni tal-Unjoni fl-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lin-Netwerk bl-appoġġ meħtieġ, inkluż iżda mhux limitat għall-assistenza għat-tħejjija u l-organizzazzjoni tal-laqgħat, kif ukoll għall-pubblikazzjoni ta' rapport annwali li jkopri l-attivitajiet tan-Netwerk. Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti r-rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 8*

**Parteċipazzjoni tal-EASA u tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili nazzjonali fl-investigazzjonijiet tas-sikurezza**

1. L-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandhom, filwaqt li jkun żgurat li jiġi evitat kwalunkwe konflitt ta' interess, jistiednu lill-EASA u l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati, u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex jaħtru rappreżentant biex jipparteċipa:

(a) bħala konsulent għall-investigatur responsabbli, fi kwalunkwe investigazzjoni tas-sikurezza skont l-Artikolu 5(1) u (2), li ssir fit-territorju ta' Stat Membru jew fil-post li jirriferi għalih l-Artikolu 5(2), taħt il-kontroll u fid-diskrezzjoni tal-investigatur responsabbli;

(b) bħala konsulent maħtur skont dan ir-Regolament biex jassisti lir-rappreżentant(i) akkreditat(i) tal-Istati Membri fi kwalunkwe investigazzjoni tas-sikurezza li ssir f'pajjiż terz li għaliha tkun mistiedna awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza biex taħtar rappreżentant akkreditat f'konformità mal-istandards internazzjonali u l-prassi rakkomandati għall-investigazzjoni tal-aċċidenti u l-inċidenti tal-inġenji tal-ajru taħt is-superviżjoni tar-rappreżentant akkreditat.

2. Il-parteċipanti msemmijin fil-paragrafu 1għandhom id-dritt, b'mod partikolari li:

(a) iżuru l-post tal-aċċident u jeżaminaw il-fdalijiet;

(b) jissuġġerixxu oqsma għall-mistoqsijiet u jiksbu l-informazzjoni mix-xhieda;

(c) jirċievu kopji tad-dokumenti petinenti kollha u jakkwistaw l-informazzjoni fattwali rilevanti;

(d) jipparteċipaw fil-qari tal-media rreġistrata, bl-eċċezzjoni tal-vuċi tal-kabina tal-pilota jew ir-reġistrazzjonijiet tal-immaġini;

(e) jipparteċipaw f'attivitajiet ta' investigazzjoni lil hinn mill-post, bħal eżami ta' komponenti, testijiet u simulazzjonijiet, stqarrijiet tekniċi u laqgħat dwar il-progress tal-investigazzjoni, ħlief meta dawn ikunu marbuta mad-determinazzjoni tal-kawżi jew mal-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza.

3. L-EASA u l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili nazzjonali għandhom jappoġġaw l-investigazzjoni li fiha huma jipparteċipaw billi jipprovdu l-informazzjoni mitluba, il-konsulenti u t-tagħmir mitlubin lill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza responsabbli.

*Artikolu 9*

**Obbligu ta' notifika ta' aċċidenti u inċidenti serji**

1. Kwalunkwe persuna involuta li jkollha informazzjoni dwar l-okkorrenza ta' aċċident jew inċident serju għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-Istat tal-Okkorrenza.

2. L-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-Kummissjoni, lill-EASA, lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO), lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi kkonċernati f'konformità mal-istandards internazzjonali u l-prattika rakkomandata dwar l-okkorenza tal-aċċidenti u l-inċidenti serji kollha li dwarhom ġiet notifikata.

*Artikolu 10*

**Parteċipazzjoni tal-Istati Membri fl-investigazzjonijet tas-sikurezza**

1. Mar-riċezzjoni tan-notifika tal-okkorrenza ta' aċċident jew inċident serju minn Stat Membru jew pajjiż terz ieħor, l-Istati Membri li jkunu l-Istat tar-Reġistru, l-Istat tal-Operatur, l-Istat tad-Disinn u l-Istat tal-Manifattura għandhom, malajr kemm jista' jkun, jinfurmaw lill-Istat Membru jew lill-pajjiż terz li fit-territorju tiegħu jkun seħħ l-aċċident jew l-inċident serju jekk għandhomx il-ħsieb li jaħtru rappreżentant akkreditat f'konformità mal-istandards internazzjonali u l-prattika rakkomandata. Fejn jiġi maħtur tali rappreżentant akkreditat, għandhom jiġu pprovduti wkoll ismu u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu, kif ukoll id-data tal-wasla mistennija jekk ir-rappreżentant akkreditat ikollu l-intenzjoni li jmur fil-pajjiż li jkun bagħat in-notifika.

2. Ir-rappreżentanti akkreditati għall-Istat tad-Disinn, għandhom jinħatru mill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-Istat Membru fit-territorju fejn jinsab il-post prinċipali tan-negozju tad-detentur taċ-ċertifikat tat-tip ta' disinn tal-inġenju tal-ajru jew tal-impjant tal-enerġija.

*Artikolu 11*

**Status tal-investigaturi tas-sikurezza**

1. Hekk kif jinħatar minn awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza u minkejja kwalunkwe investigazzjoni ġudizzjarja, l-investigatur responsabbli għandu jkollu l-awtorità li jieħu l-miżuri meħtieġa biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-investigazzjoni tas-sikurezza.

2. Minkejja kwalunkwe obbligu ta' konfidenzjalità taħt l-atti legali tal-Unjoni jew skont il-liġi nazzjonali, l-investigatur responsabbli għandu jkollu d-dritt b'mod partikolari li:

(a) ikollu aċċess liberu immedjat u mingħajr xkiel għas-sit tal-aċċident jew tal-inċident kif ukoll għall-inġenju tal-ajru, il-kontenut jew il-fdalijiet tiegħu;

(b) jiżgura lista immedjata ta' evidenza u t-tneħħija kontrollata tat-tifrik, jew komponenti għall-finijiet ta' eżami jew ta' analiżi;

(c) ikollu aċċess immedjat għal u kontroll fuq ir-reġistrazzjonijiet tat-titjira, il-kontenut tagħhom u kwalunkwe reġistrazzjoni rilevanti oħra;

(d) jitlob u jikkontribwixxi għal eżami ta' awtopsja kompleta tal-iġsma tal-persuni mejtin b'riżultat tal-feriment u li jkollu aċċess minnufih għar-riżultati ta' tali eżami jew tat-testijiet li saru fuq kampjuni meħudin;

(e) jitlob l-eżami mediku tal-persuni involuti fl-operat tal-inġenju tal-ajru jew jitlob li jsiru testijiet fuq kampjuni li ttieħdu minn dawn il-persuni u li jkollu aċċess immedjat għar-riżultati ta' dawn l-eżamijiet jew testijiet;

(f) li jsejjaħ u jezamina x-xhieda u li jobbligħom jissupplixxu jew jipproduċu informazzjoni jew evidenza rilevanti għall-investigazzjoni tas-sikurezza;

(g) ikollu aċċess liberu għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti jew reġistrazzjonijiet miżmuma mill-proprjetarju, id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip ta' disinn, l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni responsabbli, l-organizzazzjoni ta' taħriġ, l-operatur jew il-manifattur tal-inġenju tal-ajru, l-awtoritajiet responsabbli mis-settur tal-avjazzjoni ċivili, l-EASA, u mill-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru jew l-operaturi tal-ajruport.

3. L-investigatur responsabbli għandu jestendi l-intitolamenti elenkati fil-paragrafu 2 lill-esperti u l-konsulenti tiegħu, kif ukoll lir-rappreżentanti akkredetati u lill-esperti u l-konsulenti tagħhom, sa fejn ikun meħtieġ biex jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effikaċi fl-investigazzjoni tas-sikurezza. Dawk l-intitolamenti huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-investigaturi u l-esperti magħżula mill-awtorità responsabbli tal-inkjesta ġudizzjarja.

4. Kwalunkwe persuna li tipparteċipa fl-investigazzjonijiet tas-sikurezza għandha twettaq id-dmirijiet tagħha b'mod indipendenti u la għandha tfittex u lanqas taċċetta struzzjonijiet minn xi ħadd, ħlief mill-investigatur responsabbli jew ir-rappreżentant akkreditat.

*Artikolu 12*

**Koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet**

1. Meta tiġi istitwita wkoll investigazzjoni ġudizzjarja, l-investigatur responsabbli għandu jiġi nnotifikat dwarha. F'każ bħal dan, l-investigatur responsabbli għandu jiżgura t-traċċabbiltà u jżomm rendikont tar-reġistrazzjonijiet tat-titjira u ta' kwalunkwe evidenza fiżika. L-awtorità ġudizzjarja tista' taħtar uffiċjali minn dik l-awtorità biex jakkumpanja r-reġistrazzjonijiet tat-titjira jew l-evidenza fiżika lejn il-post tal-qari jew trattament. Fejn l-eżami jew l-analiżi ta' tali evidenza fiżika jistgħu jimmodifikawha, jibdluha jew jeqirduha jkun meħtieġ qbil minn qabel mill-awtoritajiet ġudizzjarji, mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali. Fejn tali qbil ma jinkisibx skont l-arranġamenti pre-stabbiliti imsemmijin fil-paragrafu 3 fi żmien raġonevoli u mhux aktar tard minn ġimgħatejn minn meta seħħ l-aċċident jew l-inċident, dan m'għandux iżomm lill-investigatur responsabbli milli jmexxi l-eżami jew l-analiżi. Meta awtorità ġudizjarja jkollha l-jedd li tikkonfiska xi evidenza, l-investigatur inkarigat għandu jkollu aċċess immedjat u illimitat għaliha u biex jużaha.

2. Fejn, waqt l-investigazzjoni tas-sikurezza, ikun magħruf jew issuspettat li kienet involuta interferenza illegali kif previst fil-liġi nazzjonali, bħal liġi nazzjonali dwar l-investigazzjonijiet ta' aċċidenti, fl-aċċident jew inċident serju, l-investigatur responsabbli għandu minnufih jinforma lill-awtoritajiet kompetenti dwar dan. Suġġett għall-Artikolu 14, l-informazzjoni rilevanti miġbura fl-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tiġi kondiviża minnufih ma' dawk l-awtoritajiet u l-materjal rilevanti jista' wkoll jiġi trasferit, meta mitlub, lil dawn l-awtoritajiet. Il-kondiviżjoni ta' dak it-tagħrif u ta' dak il-materjal għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza li tkompli l-investigazzjoni tas-sikurezza f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet li lilhom seta' ġie ttrasferit il-kontroll tas-sit.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza, min-naħa l-waħda, u l-awtoritajiet l-oħrajn li x'aktarx ikunu involuti fl-attivitajiet relatati mal-investigazzjoni tas-sikurezza, bħall-awtoritajiet ġudizzjarji, dawk tal-avjazzjoni ċivili, u dawk tat-tiftix u salvataġġ, min-naħa l-oħra, jikkoperaw ma' xulxin permezz ta' arranġamenti pre-stabbiliti.

Dawk l-arranġamenti għandhom jirrispettaw l-indipendenza tal-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza u jippermettu li l-investigazzjoni teknika ssir b'mod diliġenti u effiċjenti. L-arranġamenti pre-stabbiliti għandhom ikopru, fost affarijiet oħra, is-suġġetti li ġejjin:

(a) l-aċċess għas-sit tal-aċċident;

(b) il-preżervazzjoni tal-evidenza u l-aċċess għaliha;

(c) ir-rapporti inizjali u kontinwi tal-istatus ta' kull proċess;

(d) l-iskambju ta' informazzjoni;

(e) użu xieraq ta' informazzjoni dwar sikurezza;

(f) ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawk l-arranġamenti lill-Kummissjoni, li għandha tgħaddihom lill-president tan-Netwerk, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-informazzjoni tagħhom.

*Artikolu 13*

**Preżervazzjoni tal-evidenza**

1. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ l-aċċident jew l-inċident serju għandu jkun responsabbli li jiżgura trattament sikur tal-evidenza kollha u li jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jipproteġi tali evidenza u li jżomm taħt kustodja sikura l-inġenju tal-ajru, il-kontenut tiegħu u l-fdalijiet tiegħu għall-perijodu li jista' jkun meħtieġ għall-iskop ta' investigazzjoni tas-sikurezza. Il-protezzjoni tal-evidenza għandha tinkludi l-preżervazzjoni, b'mezzi fotografiċi jew mezzi oħra, ta' kwalunkwe evidenza li tista' titneħħa, tithassar, tintilef jew tinqered. Il-kustodja sikura għandha tinkludi l-protezzjoni kontra aktar ħsara, l-aċċess minn persuni mhux awtorizzati, is-serq u d-deterjorament.

2. Sal-wasla tal-investigaturi tas-sikurezza, l-ebda persuna m'għandha timmodifika l-istat tas-sit tal-aċċident, jew tieħu kwalunkwe kampjun minnu, jew tagħmel xi moviment ta' għażla ta' kampjun mill-inġenju tal-ajru, il-kontenut jew il-fdalijiet tiegħu, jew tressqu jew tneħħih, bl-eċċezzjoni ta' fejn azzjoni bħal din tkun meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza jew biex tinġieb l-assistenza għall-persuni feruti jew bil-permess espliċitu tal-awtoritajiet li jikkontrollow is-sit u, fejn hu possibbli, f'konsultazzjoni mal-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza.

3. Kwalunkwe persuna involuta għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tippreżerva d-dokumenti, il-materjal u r-reġistrazzjonijiet marbuta mal-avveniment, b'mod partikolari sabiex timpedixxi li jkun hemm tħassir tar-reġistrazzjonijiet tal-konversazzjonijiet jew l-allarmi wara t-titjira.

*Artikolu 14*

**Protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva ta' sikurezza**

1. Ir-reġistri li ġejjin m'għandhomx isiru disponibbli jew jintużaw għal skopijiet ħlief għall-investigazzjoni tas-sikurezza:

(a) id-dikjarazzjonijiet kollha meħudin minn persuni mill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza matul l-investigazzjoni tas-sikurezza;

(b) reġistrazzjonijiet li juru l-identità tal-persuni li jkunu taw xhieda fil-kuntest tal-investigazzjoni tas-sikurezza;

(c) informazzjoni miġbura mill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza li hija ta' natura partikolarment sensittiva u personali, inkluż l-informazzjoni rigward is-saħħa tal-individwi;

(d) materjal sussegwentament prodott matul l-investigazzjoni bħan-noti, abbozzi, opinjonijiet miktubin mill-investigaturi, opinjonijiet espressi fl-analiżi tal-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni tar-reġistrazzjonijiet tat-titjira;

(e) informazzjoni u evidenza pprovduti minn investigaturi minn Stati Membri oħrajn jew minn pajjiżi terzi skont id-dispożizzjonijiet tal-istandards internazzjonali u l-prattika rakkomandata, fejn ikunu mitluba mill-awtorità tagħhom tal-investigazzjoni tas-sikurezza;

(f) abbozzi ta' rapporti preliminari jew finali jew dikjarazzjonijiet interim;

(g) ir-reġistrazzjonijiet tal-vuċijiet u tal-immaġini fil-kabina tal-pilota u t-traskrizzjonijiet tagħhom, kif ukoll ir-reġistrazzjonijiet tal-vuċi ġewwa l-unitajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, filwaqt li jiġi żgurat li l-informazzjoni li ma tkunx rilevanti għall-investigazzjoni tas-sikurezza, b'mod partikolari informazzjoni li jkollha effett fuq il-privatezza personali, tkun adegwatament protetta, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3.

2. Ir-reġistrazzjonijiet li ġejjin m'għandhomx ikunu disponibbli jew użati għal skopijiet ħlief għall-investigazzjoni tas-sikurezza, jew skopijiet oħra li jimmiraw lejn it-titjib tas-sikurezza tal-avjazzjoni:

(a) il-komunikazzjonijiet kollha bejn persuni li kienu involuti fl-operat tal-inġenju tal-ajru;

(b) ir-reġistrazzjonijiet bil-miktub jew elettroniċi u t-traskrizzjonijiet tar-reġistrazzjonijiet mill-unitajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, inklużi r-rapporti u r-riżultati magħmulin għall-finijiet interni;

(c) ittri ta' introduzzjoni għat-trażmissjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza mill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza lill-indirizzati, fejn ikunu mitluba mill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza li tkun ħarġet ir-rakkomandazzjoni;

(d) rapporti ta' okkorrenzi ffajljati taħt id-Direttiva 2003/42/KE.

Ir-reġistrazzjonijiet tar-reġistru tad-data tat-titjira m'għandhomx isiru disponibbli jew jintużaw għal skopijiet ħlief għall-investigazzjoni tas-sikurezza, għal skopijiet tal-kapaċità tat-titjir jew għal skopijiet ta' manutenzjoni, ħlief meta dawn ir-reġistrazzjonijiet jiġu de-identifikati jew żvelati taħt proċeduri siguri.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja jew l-awtorità kompetenti li tiddeċiedi dwar l-iżvelar tar-reġistrazzjonijiet skont il-liġi nazzjonali tista' tiddeċiedi li l-benefiċċji tal-iżvelar tar-reġistrazzjonijiet msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għal kwalunkwe skop ieħor permess mil-liġi jġorr aktar piż mill-impatt avvers domestiku jew intenazzjonali li tali azzjoni jista' jkollha fuq dik l-investigazzjoni tas-sikurezza jew fuq kwalunkwe investigazzjoni tas-sikurezza futura. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jillimitaw il-każijiet fejn tista' tittieħed tali deċiżjoni ta' żvelar, fir-rispett tal-atti legali tal-Unjoni.

Il-komunikazzjoni tar-reġistrazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 lill-Stat Membru ieħor għal skopijiet ħlief l-investigazzjoni tas-sikurezza u, barra minn hekk fir-rigward tal-paragrafu 2, għal skopijiet ħlief dawk li jimmiraw lejn it-titjib tas-sikurezza tal-avjazzjoni tista' tingħata safejn dan ikun permess mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru komunikanti. L-ipproċessar jew l-iżvelar ta' reġistrazzjonijiet riċevuti permezz ta' tali komunikazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istat Membru riċeventi għandhom ikunu permessi biss wara konsultazzjoni minn qabel tal-Istat Membru komunikanti u dan suġġett għal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru riċeventi.

4. Tista' tiġi żvelata biss id-data strettament neċessarja għall-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 3.

*Artikolu 15*

**Komunikazzjoni tal-informazzjoni**

1. Il-persunal tal-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza inkarigata, jew kwalunkwe persuna msejħa biex tipparteċipa jew tikkontribwixxi għall-investigazzjoni tas-sikurezza, għandhom ikunu marbuta bir-regoli applikabbli ta' segretezza professjonali, ukoll f'dak li jirrigwarda l-anonimità ta' dawk involuti f'aċċident jew inċident, taħt il-leġiżlazzjoni applikabbli.

2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 16 u 17, l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza inkarigata għandha tikkomunika l-informazzjoni, li hija tikkunsidra rilevanti għall-prevenzjoni ta' aċċident jew inċident serju, lill-persuni responsabbli għall-inġenju tal-ajru jew il-manifattura jew il-manteniment tat-tagħmir tal-inġenju tal-ajru, u lill-individwi jew l-entitajiet ġuridiċi responsabbli mill-operat tal-inġenju tal-ajru jew mit-taħriġ tal-persunal.

3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jinsabu fl-Artikoli 16 u 17, l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza inkarigata u r-rappreżentant(i) akkreditat(i) imsemmijin fl-Artikolu 8 għandhom jirrilaxxaw lill-EASA u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni ċivili l-informazzjoni fattwali rilevanti miksuba matul l-investigazzjoni tas-sikurezza, minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1) jew li tikkawża konflitt ta' interess. L-informazzjoni li jirċievu l-EASA u l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni ċivili għandha tkun protetta skont l-Artikolu 14 u l-atti legali applikabbli tal-Unjoni u taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

4. L-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza inkarigata għandha tkun awtorizzata biex tinforma lill-vittmi, u lill-qraba tagħhom jew lill-assoċjazzjonijiet tagħhom jew biex tagħmel pubblika kwalunkwe informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet fattwali, il-proċedimenti tal-investigazzjoni tas-sikurezza u possibbilment rapporti jew konklużjonijiet preliminari u/jew rakkomandazzjonijiet ta' sikurezza, sakemm tali informazzjoni ma tikkompromettix l-għanijiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza u tkun totalment konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali.

5. Qabel ma jagħmel l-informazzjoni imsemmija fil-paragrafu 4 disponibbli għall-pubbliku, l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza inkarigata għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-vittmi u lill-qraba tagħhom jew lill-assoċjazzjonijiet tagħhom b'mod li ma jikkompromettix l-objettivi tal-investigazzjoni tas-sikurezza.

*Artikolu 16*

**Rapport tal-investigazzjoni**

1. Kull investigazzjoni tas-sikurezza għandha tkun konkluża b'rapport fil-forma adatta skont it-tip u s-serjetà tal-aċċident jew l-inċident serju. Ir-rapport għandu jindika li l-uniku għan tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza huwa l-prevenzjoni tal-aċċidenti u l-inċidenti fil-ġejjieni mingħajr ma wieħed jagħti tort jew responsabbiltà. Ir-rapport, fejn xieraq, għandu jkollu rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza.

2. Ir-rapport għandu jipproteġi l-anonimità ta' kwalunkwe individwu involut fl-aċċident jew fl-inċident serju.

3. Fejn l-investigazzjonijiet tas-sikurezza jagħtu lok għal rapporti qabel it-tkomplija tal-investigazzjoni, qabel il-pubblikazzjoni tagħhom l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tista' tieħu l-kummenti mill-awtoritajiet ikkonċernati, inkluża l-EASA u permezz tagħhom mid-detentur taċ-ċertifikat għad-disinn, mill-manifattur u mill-operatur ikkonċernati. Huma għandhom ikunu marbutin b'regoli applikabbli tas-segretezza professjonali fir-rigward tal-kontenuti tal-konsultazzjoni.

4. Qabel il-pubblikazzjoni tar-rapport finali, l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tieħu l-kummenti mill-awtiritajiet konċernati, inkluż mill-EASA u permezz tagħhom, mid-detentur taċ-ċertifikat għad-disinn, mill-manifattur u mill-operatur konċernati, li għandhom ikunu marbutin b'regoli applikabbli tas-segretezza professjonali fir-rigward tal-kontenuti tal-konsultazzjoni. Fit-teħid ta' tali kummenti, l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għanda ssegwi l-istandards internazzjonali u l-prattika rakkomandata.

5. L-informazzjoni koperta mill-Artikolu 15 għandha tkun inkluża f'rapport biss meta tkun rilevanti għall-analiżi tal-aċċident jew l-inċident serju. L-informazzjoni jew il-partijiet tal-informazzjoni li mhumiex rilevanti għall-analiżi m'għandhomx jiġu żvelati.

6. L-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tagħmel ir-rapport finali pubbliku fl-iqsar żmien possibli u, jekk ikun possibbli, mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-data tal-aċċident jew l-inċident serju.

7. Jekk ir-rapport finali ma jistax isir pubbliku fi żmien 12-il xhar, l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezzza għandha tirrilaxxa dikjarazzjoni interim tal-anqas f'kull anniversarju tal-aċċident jew l-inċident serju, u tagħti dettal tal-progress tal-investigazzjoni u kwalunkwe kwistjoni ta' sikurezza li titqajjem.

8. L-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tressaq kopja tar-rapport finali u tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza kemm jista' jkun malajr lil:

(a) l-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza u l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Istati konċernati, u l-ICAO, skont l-istandards internazzjonali u l-prattika rakkomandata;

(b) id-destinatarji tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza li jinsabu fir-rapport,

(c) il-Kummissjonu u l-EASA, ħlief fejn ir-rapport ikun disponibbli pubblikament b'mezzi elettroniċi, f'liema każ l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha biss tinnotifikhom skont il-każ.

*Artikolu 17*

**Rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza**

1. Fi kwalunkwe stadju tal-investigazzjoni tas-sikurezza, l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tirrakkomanda f'ittra ta' trasmissjoni ddatata, wara konsultazzjoni xierqa mal-parijiet rilevanti, lill-awtoritajiet ikkonċernati, inklużi dawk fi Stati Membri oħrajn jew pajjiżi terzi, kwalunkwe azzjoni preventiva li din tikkunsidra neċessarja li għandha tittieħed minnufih sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni.

2. Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tista' wkoll toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza abbażi ta' studji jew analiżi ta' serje ta' investigazzjonijiet jew kwalunkwe attivitajiet oħrajn li saru skont l-Artikolu 4(4).

3. Rakkomandazzjoni dwar is-sikurezza f'ebda każ m'għandha toħloq preżunzjoni ta' ħtija jew responsabbiltà għal aċċident, inċident serju jew inċident.

*Artikolu 18*

**Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza u l-bażi tad-data tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza**

1. L-indirizzat ta' rakkomandazzjoni dwar is-sikurezza għandu jirrikonoxxi li r-riċezzjoni tal-ittra ta' trasmissjoni u jinforma lill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza li ħarġet ir-rakkomandazzjoni fi żmien 90 jum minn meta jirċievi dik l-ittra, dwar l-azzjonijiet li ttieħdu jew li huma taħt kunsiderazzjoni, u fejn xieraq, taż-żmien meħtieġ biex dawn jitlestew u fejn ma tittieħed l-ebda azzjoni, ir-raġunijiet għal dan.

2. Fi żmien 60 jum minn meta tirċievi t-tweġiba, l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha tinforma lill-indirizzat jekk hija tikkunsidrax it-tweġiba adegwata u tagħti ġustifikazzjoni meta hija ma taqbilx mad-deċiżjoni li ma tittieħed ebda azzjoni.

3. Kull awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandha timplimenta proċeduri biex tirreġistra t-tweġibiet għar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza li hija toħroġ.

4. Kull entità li tirċievi rakkomandazzjoni dwar is-sikurezza, inklużi l-awtoritajiet responsabbli mis-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fil-livell tal-Istat Membru u l-Unjoni, għandha timplimenta l-proċeduri ta' monitoraġġ tal-progress tal-azzjoni meħuda bħala tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet riċevuti.

5. L-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandhom jirreġistraw fir-repożitorju ċentrali stabbilit taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 tat-12 ta' Novembru 2007 li jistipula r-regoli ta' implimentazzjoni għall-integrazzjoni ta' tagħrif f'repożitorju ċentrali ta' tagħrif dwar okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili skambjat skont id-Direttiva 2003/42/KE ([1]) ir-rakkomandazzjonijiet kollha dwar is-sikurezza skont l-Artikolu 17(1) u (2) kif ukoll it-tweġibiet għalihom. L-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza għandhom b'mod simili jirreġistraw fir-repożitorju ċentrali r-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza kollha li jirċievu minn pajjiżi terzi.

*Artikolu 19*

**Rappurtar tal-okkorrenzi**

1. L-EASA u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom f'kollaborazzjoni jipparteċipaw regolarment fl-iskambju u l-analiżi tal-informazzjoni fl-ambitu tad-Direttiva 2003/42/KE. Din għandha tkopri aċċess on-line minn persuni maħturin apposta għall-informazzjoni fir-repożitorju ċentrali stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1321/2007, inkluża informazzjoni li tidentifika direttament l-inġenju tal-ajru li jkun is-suġġett ta' rapport ta' okkorrenza, bħal pereżempju, meta jkunu disponibbli, in-numri tas-serje u tar-reġistrazzjoni tiegħu. Dan l-aċċess ma jkoprix informazzjoni li tidentifika l-operatur li jkun is-suġġett tar-rapport ta' okkorrenza.

2. L-EASA u l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jirriferi għalihom il-paragrafu 1 għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità ta' din l-informazzjoni, b'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli, u għandhom jillimitaw l-użu tagħha għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jiżvolġu l-obbligi tagħhom marbuta mas-sikurezza. F'dan ir-rigward, din l-informazzjoni għandha tintuża għall-analiżi tat-tendenzi ta' sikurezza li jistgħu jiffurmaw il-bażi għar-rakkomandazzjonijiet ta' sikurezza anonimi jew direttivi dwar kapaċità ta' titjir mingħajr ma jingħata tort jew tintefa' responsabbiltà.

*Artikolu 20*

**Informazzjoni dwar persuni u oġġetti perikolużi abbord**

1. Il-linji tal-ajru tal-Unjoni li joperaw titjiriet li jaslu jew jitilqu minn, u l-linji tal-ajru ta' pajjiżi terzi li joperaw titjiriet li jitilqu minn, ajruport li jinsab fit-territorji tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat, għandhom jimplimentaw proċeduri li jippermettu li jiġu prodotti:

(a) malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn sagħtejn min-notifika tal-okkorrenza ta' aċċident tal-inġenju tal-ajru, lista validata, ibbażata fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli, tal-persuni kollha abbord; u

(b) minnufih wara n-notifika tal-okkorrenza ta' aċċident tal-inġenju tal-ajru, il-lista tal-oġġetti perikolużi abbord.

2. Il-listi msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom isiru disponibbli għall-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza inkarigata, għall-awtorità maħtura minn kull Stat Membru biex taħdem flimkien mal-qraba tal-persuni abbord u, fejn meħtieġ, għall-unitajiet mediċi li jistgħu jeħtieġu l-informazzjoni għat-trattament tal-vittmi.

3. Sabiex il-familji tal-passiġġieri jkunu jistgħu jiksbu malajr informazzjoni dwar il-preżenza ta' qrabathom abbord ajruplan involut f'inċident, il-linji tal-ajru u l-aġenziji tal-ivvjaġġar għandhom joffru lill-vjaġġaturi l-opportunità li jagħtu l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta' persuna li għandha tiġi kkuntattjata f'każ ta' aċċident. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss fil-każ ta' aċċident u m'għandhiex tiġi kkomunikata lil partijiet terzi u ma tistax tintuża għal skopijiet kummerċjali.

4. L-isem ta' persuna abbord m' għandux isir pubblikament disponibbli qabel mal-qraba ta' dik il-persuna jkunu ġew infurmati mill-awtoritajiet rilevanti. Il-lista msemmija fil-paragrafu 1(a) għandha tinżamm kunfidenzjali b'konformità mal-atti legali tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali u l-isem ta' kull persuna li tidher f'dik il-lista għandha, b'konformità magħhom, isir disponibbli pubblikament biss safejn il-qraba tal-persuni rispettivi abbord ma jkunux oġġezzjonaw.

([1]) ĠU L 294, 13.11.2007, p. 3.

*Artikolu 21*

**Assistenza lill-vittmi ta' aċċidenti tal-ajru u lill-qraba tagħhom**

1. Sabiex tkun żgurata reazzjoni aktar komprensiva u armonizzata għal aċċidenti f'livell Ewropew, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi pjan ta' emerġenza għal aċċidenti tal-avjazzjoni ċivili fil-livell nazzjonali. Tali pjan ta' emerġenza għandu jkopri wkoll l-assistenza lill-vittmi ta' aċċidenti tal-avjazzjoni ċivili u lill-qraba tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-linji tal-ajru kollha stabbiliti fit-territorju tagħhom ikollhom pjan għall-assistenza tal-vittmi ta' aċċidenti tal-avjazzjoni ċivili u għall-qraba tagħhom. Dawk il-pjani għandhom jagħtu każ partikolari tal-appoġġ psikoloġiku lill-vittmi ta' aċċidenti tal-avjazzjoni ċivili u lill-qraba tagħhom u jippermettu li l-linji tal-arju jirreaġixxu għal aċċident maġġuri. L-Istati Membri għandhom ukoll jivverifikaw il-pjani ta' assistenza tal-linji tal-ajru stabbiliti fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri għandhom ukoll jinkuraġġixxu lil-linji tal-ajru ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-Unjoni biex jadottaw bl-istess mod pjani ta' assistenza għall-vittmi ta' aċċidenti tal-avjazzjoni ċivili u għall-qraba tagħhom.

3. Meta jseħħ aċċident, l-Istat Membru inkarigat mill-investigazzjoni, l-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-linja tal-ajru li tagħha jkun l-inġenju tal-ajru involut fl-aċċident, jew l-Istat Membru li kellu numru kbir ta' ċittadini abbord l-inġenju tal-ajru involut fl-aċċident, għandu jieħu ħsieb il-ħatra ta' persuna ta' kuntatt u informazzjoni għall-vittmi u l-qraba tagħhom.

4. Stat Membru jew pajjiż terz, li minħabba l-fatalitajiet jew il-feriti serji taċ-ċittadini tiegħu jkollu interess speċjali f'aċċident li seħħ fit-territorji tal-Istati Membri li għalihom japplikaw it-Trattati għandu jkun intitolat jaħtar espert li għandu jkollu d-dritt li:

(a) iżur il-post tal-aċċident;

(b) ikollu aċċess għall-informazzjoni fattwali rilevanti, li tkun approvata għar-rilaxx pubbliku mill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza inkarigata, u għall-informazzjoni dwar il-progress tal-investigazzjoni;

(c) jirċievi kopja tar-rapport finali.

5. Espert maħtur taħt il-paragrafu 4 jista' jassisti, suġġett għal-leġiżlazzjoni applikabbli fis-seħħ, fl-identifikazzjoni tal-vittmi u jattendi laqgħat mas-sopravvissuti tal-Istat tiegħu.

6. B'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar rekwiżiti ta' assigurazzjoni għat-trasportaturi bl-ajru u operaturi ta' inġenji tal-ajru ([1]), t-trasportaturi bl-ajru ta' pajjiżi terzi wkoll għandhom jissodisfaw l-obbligi ta' assigurazzjoni stipulati f'dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 138, 30.4.2004, p. 1.

*Artikolu 22*

**Aċċess għal dokumenti u protezzjoni ta' informazzjoni ta' natura personali**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([2]).

2. Dan ir-Regolament għandu japplika b'konformità mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([3]) u mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([4]).

*Artikolu 23*

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 24*

**Emendar tar-Regolament**

Dan ir-Regolament għandu jkun suġġett għal reviżjoni mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2014. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li dan ir-Regolament għandu jiġi emendat, għandha titlob lin-Netwerk biex jagħti opinjoni preliminari, li għandha tintbagħat ukoll lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Istati Membri u lill-EASA.

*Artikolu 25*

**Tħassir**

Id-Direttiva 94/56/KE hija b'dan imħassra.

*Artikolu 26*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([2]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43 (MT: Ħarġa Speċjali bil-Malti: Kap 01, Vol 03, p. 331).

([3]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31 (MT: Ħarġa Speċjali bil-Malti: Kap 13, Vol 15, p. 355).

([4]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1 (MT: Ħarġa Speċjali bil-Malti: Kap 13 Vol 26, p. 102).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-20 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
J. BUZEK

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
O. CHASTEL

*ANNESS*

**Lista ta' eżempji ta' inċidenti serji**

L-inċidenti elenkati huma eżempji tipiċi ta' inċidenti li aktarx li jkunu inċidenti serji. Din il-lista mhijiex eżawrjenti u sservi biss bħala gwida fir-rigward tad-definizzjoni ta' "inċident serju":

— Kważi kolliżjoni li tirrikjedi manuvra ta' evitar biex tevita kolliżjoni jew sitwazzjoni mhux sikura jew fejn azzjoni ta' evitar kienet tkun xierqa,

— Titjira kkontrollata ġol-art (CFIT) evitata biss marġinalment,

— Tluq abortit fuq runway magħluqa jew okkupata, fuq taxiway, esklużi operazzjonijiet awtorizzati minn elikotteri, jew minn runway li mhijiex assenjata,

— Tluq minn runway magħluqa jew okkupata, fuq taxiway, esklużi operazzjonijiet awtorizzati minn elikotteri, jew minn runway li mhijiex assenjata,

— Inżul jew tentattiv ta' nżul fuq runway magħluqa jew okkupata, fuq taxiway, esklużi operazzjonijiet awtorizzati minn elikotteri, jew fuq runway li mhijiex assenjata,

— Fallimenti maġġuri biex tinkiseb il-prestazzjoni prevista waqt tluq jew waqt it-tlugħ tal-bidu,

— Nar u duħħan fil-kompartiment tal-passiġġieri, fil-kompartament tat-tagħbija jew nirien fil-magni, ukoll jekk dawn in-nirien ġew mitfija bl-użu ta' aġenti tat-tifi tan-nar,

— Avvenimenti li jkunu jeħtieġu l-użu ta' emerġenza ta' ossiġinu mill-ekwipaġġ ta' titjira,

— Falliment strutturali fl-inġenju tal-ajru jew disintegrazzjoni tal-magna, inkluż nuqqasijiet inkontrollabbli tal-magna tat-turbina, li mhumiex klassifikati bħala aċċident,

— Ħsarat funzjonali multipli ta' waħda jew iktar mis-sistemi ta' inġenju tal-ajru li jaffetwaw b'mod serju l-operat tal-inġenju tal-ajru,

— Inkapaċitazzjoni tal-ekwipaġġ tat-titjira waqt it-titjira,

— Ammont ta' karburant li jeħtieġ dikjarazzjoni ta' emerġenza mill-pilota,

— Inkursjonijiet fuq runway klassifikati b'severità tal-grad A skont il-Manwal dwar il-Prevenzjoni ta' Inkursjonijiet fuq Runway (ICAO Dok 9870) li fih tagħrif dwar il-klassifikazzjonijiet tas-severità,

— Inċidenti ta' tluq jew inżul. Inċidenti bħal undershooting, overrunning jew ħruġ mill-ġnub ta' runways,

— Falliment ta' sistemi, fenomeni tat-temp, operat barra mill-pakkett approvat tat-titjira jew okkorrenzi oħra li setgħu kkawżaw diffikultajiet fil-kontroll tal-inġenju tal-ajru,

— Falliment ta' aktar minn sistema waħda meta tkun sistema ta' ridondanza li tkun obbligatorja għall-gwida tat-titjira u n-navigazzjoni.

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Settembru 2010

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-UE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendament tal-Anness IV tal-Ftehim billi jiġu inkorporati l-impenji tal-Commonwealth tal-Bahamas

(2010/669/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra [1] (il-"Ftehim"), ġie ffirmat fil-15 ta' Ottubru 2008, u ġie applikat b'mod provviżorju mid-29 ta' Diċembru 2008.

(2) L-Artikolu 63 tal-Ftehim jistabbilixxi li n-negozjati tal-iskeda tal-impenji fis-servizzi u l-investiment għall-Commonwealth tal-Bahamas għandhom jiġu ffinalizzati mhux aktar tard minn sitt xhur mill-iffirmar tal-Ftehim.

(3) Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess fil-25 ta' Jannar 2010.

(4) Ir-riżultati ta' dawn in-negozjati għandhom jiġu stabbiliti f'Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-KE stabbilita mill-Ftehim.

(5) Għaldaqstant, l-Unjoni għandha tieħu l-pożizzjoni fi ħdan il-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-KE kif stabbilita fl-abbozz ta' Deċiżjoni anness ma' din id- Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendament tal-Anness IV tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-KE li huwa anness ma' din id- Deċiżjoni. Madankollu, jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet formali f'dak l-abbozz ta' Deċiżjoni li ma jaffettwawx is-sustanza tiegħu mingħajr ma jkun meħtieġ l-emendament ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. PEETERS

---

[1] ĠU L 289, 30.10.2008, p. 3.

*ANNESS*

**ABBOZZ**

**DEĊIŻJONI Nru …/2010 TAL-KUNSILL KONĠUNT TAL-CARIFORUM-KE**

**ta'**

**li temenda l-Anness IV tal-Ftehim ta' Shubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, billi jiġu inkorporati l-impenji tal-Commonwealth tal-Baħamas**

IL-KUNSILL KONĠUNT TAL-CARIFORUM-KE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Shubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), iffirmat fi Bridgetown, Barbados fil-15 ta' Ottubru 2008, u b'mod partikolari l-Artikolu 229(1) u t-tieni sentenza tal-Artikolu 229(4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ġie ffirmat fil-15 ta' Ottubru 2008, u beda jiġi applikat b'mod provviżorju mid-29 ta' Diċembru 2008.

(2) L-Artikolu 63 tal-Ftehim jipprevedi li n-negozjati tal-iskeda tal-impenji fis-servizzi u l-investiment għall-Commonwealth tal-Bahamas għandhom jiġu ffinalizzati mhux aktar tard minn sitt xhur mill-iffirmar tal-Ftehim.

(3) Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess fil-25 ta' Jannar 2010, u ntlaħaq qbil li l-iskeda tal-impenji tal-Baħamas għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-KE.

(4) Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġu emendati l-Annessi IV E u IV F tal-Ftehim sabiex jiġu introdotti l-impenji fis-servizzi u l-investiment għall-Commonwealth tal-Baħamas, titħassar l-esklużjoni tal-Baħamas fil-punt 3 tal-Anness IV E u fil-punt 6 tal-Anness IV F, u sabiex tiġi pprovduta l-applikazzjoni provviżorja ta' dawk l-emendi sa meta jidħol fis-seħħ il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

(1) L-Anness IV tal-Ftehim huwa b'dan emendat kif ġej:

(a) L-Anness IV E huwa emendat kif ġej

(i) Il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Din l-Iskeda tinkludi l-Istati kollha tal-CARIFORUM, għajr il-Ħaiti, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor. Soġġett għal riservi, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet li japplikaw għas-setturi kollha, is-subsetturi ta' A, B, C u D li mhumiex elenkati, huma miftuħin fl-Istati Firmatarji kollha tal-CARIFORUM mingħajr limitazzjonijiet fir-rigward tal-aċċess tas-suq jew it-trattament nazzjonali. L-Istati tal-CARIFORUM li mhumiex elenkati fis-subsetturi inklużi fil-lista huma, soġġett għal riservi, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet li japplikaw b'mod ieħor għas-setturi kollha, miftuħin mingħajr limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq jew it-trattament nazzjonali f'dawn is-subsetturi. Ir-riservi, il-limitazzjonijiet jew l-esklużjonijiet kollha inklużi f'dan l-Anness, applikabbli għall-Istati tal-CARIFORUM u indikati fih bħala 'CAF', mhumiex applikabbli għall-Baħamas."

(ii) Wara l-Iskeda, jiżdied l-Appendiċi għall-Anness IV E - Il-Baħamas, kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

(b) L-Anness IV F huwa emendat kif ġej

(i) Il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Din l-Iskeda tinkludi l-Istati kollha tal-CARIFORUM, għajr il-Ħaiti, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor."

(ii) Wara l-Iskeda, jiżdied l-Appendiċi għall-Anness IV F - Il-Baħamas, kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

(2) Id-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha fil-punti 1 sa 9 tal-Anness IV E, u fil-punti 1 sa 11 tal-Anness IV F għall-Baħamas.

*Artikolu 2*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

2. Mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u sa meta jidħol fis-seħħ il-Ftehim, l-emendi lill-Anness IV E u lill-Anness IV F għandhom ikunu applikabbli b'mod provviżorju.

Magħmul bil-proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 11(3) tal-Anness I tad-Deċiżjoni tas-17 ta' Mejju 2010, Nru 1/2010 tal-Kunsill Konġunt CARIFORUM-UE.

*ANNESS I*

"Appendiċi għall-Anness IV E - Il-Baħamas

| Settur jew subsettur | Deskrizzjoni tar-riservi, il-limitazzjonijiet jew l-esklużjonijiet |
|---|---|
| IS-SETTURI KOLLHA | Kontroll tal-Kambju<br>1. Ir-residenti jeħtieġu jiksbu approvazzjoni mill-Bank Ċentrali sabiex joperaw il-kontijiet f'munita barranija jew fid-dollaru tal-Baħamas u sabiex jiksbu assi f'munita barranija, skont l-Att dwar ir-Regolamenti tal-Kontroll tal-Kambju u r-Regolamenti dwar il-Finanzi. Dawk il-persuni li mhumiex residenti għandhom dritt li joperaw il-kontijiet f'munita barranija.<br>2. Il-persuni ġuridiċi residenti jistgħu jirċievu approvazzjoni biex joperaw il-kontijiet f'munita barranija bil-għan li jkunu jistgħu jkopru l-ispejjeż imġarrba direttament f'munita barranija. Kemm il-persuni ġuridiċi mhux residenti kif ukoll iċ-ċittadini barranin jistgħu jiġu approvati biex joperaw il-kontijiet fid-dollaru tal-Baħamas bil-għan li jissodisfaw l-ispejjeż rikorrenti fid-dollari tal-Baħamas.<br>3. L-applikazzjonijiet kollha għall-approvazzjonijiet tal-kontroll tal-kambju msemmija fuq għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Politika Nazzjonali għall-Investiment tal-Baħamas f'termini tas-setturi u l-attivitajiet fejn huma permessi l-investimenti barranin.<br>4. Għall-iskop tal-kontrolli tal-kambju, 'resident' huwa jew ċittadin tal-Baħamas, jew inkella persuna ġuridika liċenzjata, b'sidien barranin jew domestiċi, li għandha l-permess tinvolvi ruħha fi tranżazzjonijiet ma' residenti oħrajn. Persuna mhux residenti hija jew ċittadin barrani jew inkella persuna ġuridika li ma għandhiex permess tagħmel negozju ma' residenti, irrispettivament minn jekk ikunx hemm preżenza fiżika fil-Baħamas.<br>Sidien ta' art<br>Persuni barranin u persuni ġuridiċi li jixtieqthose jiksbu beni immobbli għal skopijiet kummerċjali għandhom japplikaw għal permess mill-Bord tal-Investimenti. Persuni barranin jew persuni ġuridiċi li għandhom il-ħsieb li jiksbu aktar minn żewġ ejkers kontigwi ta' art għal kwalunkwe skop għandhom jiksbu permess mill-Bord tal-Investimenti.<br>Investiment<br>Il-Baħamas jipprojbixxi l-esplorazzjoni, l-użu u l-ipproċessar ta' materjali radjuattivi, ir-riċiklaġġ tal-fjuwil nukleari, il-ġenerazzjoni tal-enerġija nukleari, it-trasport u l-ħżin ta' skart nukleari, l-użu u l-ipproċessar ta' fjuwil nukleari u r-regolazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu għal għanijiet oħrajn, kif ukoll il-produzzjoni ta' ilma tqil.<br>Investimenti minn persuni barranin ta' valur ta' mhux aktar minn US$ 250 000, huma approvati mill-Kunsill Ekonomiku Nazzjonali (NEC) skont it-termini tal-Politika Nazzjonali għall-Investiment (NIP) fuq il-bażi ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-benefiċċji. Il-kriterji ewlenin skont l-NIP jinkludu l-ġenerazzjoni tal-impjiegi, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-iżvilupp reġjonali, il-ħtiġijiet lokali u l-impatti ambjentali. Negozju bi sħab bejn investituri mill-Baħamas u investituri barranin huwa soġġett ukoll għal approvazzjoni mill-NEC skont l-NIP fuq il-bażi tat-testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-benefiċċji deskritti fuq. |
| A. AGRiKOLTURA, KAĊĊA, FORESTRIJA | |
| Agrikoltura u kaċċa<br>(ISIC rev 3.1: 01) | Xejn |
| Forestrija u qtugħ ta' siġar għall-injam<br>(ISIC rev 3.1: 02) | Xejn |
| B. SAJD<br>(ISIC rev.3.1: 05) | Il-bastimenti kollha involuti fis-sajd fiż-Żona Ekonomika Esklussiva għandhom ikunu biss proprjetà ta' persuni naturali jew ġuridiċi mill-Baħamas kif indikat fl-Att dwar ir-Riżorsi tas-Sajd (Ġuriżdizzjoni u Konservazzjoni). |
| C. TĦAFFIR FIL-MINJIERI U L-BARRIERI | Ċerti attivitajiet ta' tħaffir fil-minjieri fuq skala żgħira jistgħu jinżammu riservati għaċ-ċittadini nazzjonali tal-Baħamas.<br>Il-Baħamas iżomm id-dritt li jagħti approvazzjoni għal esplorazzjoni, tħaffir fil-minjieri, ipproċessar, importazzjoni u esportazzjoni tal-minerali, fuq livell privat jew pubbliku.<br>Il-Baħamas iżomm id-drittijiet fiż-żona ekonomika esklussiva, fil-pjattaforma kontinentali u f'qiegħ il-baħar għat-tiftix tal-minerali u l-esplorazzjoni. |

| Settur jew subsettur | Deskrizzjoni tar-riservi, il-limitazzjonijiet jew l-esklużjonijiet |
|---|---|
| Tħaffir fil-minjieri għal faħam u lignite; estrazzjoni tal-pit (ISIC rev 3.1: 10) | Xejn |
| Estrazzjoni ta' petroleum mhux raffinat u ta' gass naturali (ISIC rev 3.1: 11) | Xejn |
| Tħaffir fil-minjieri għal metalli mhux maħdumin (ISIC rev 3.1: 13) | Xejn |
| Tħaffir fil-minjieri u l-barrieri ieħor (ISIC rev 3.1: 14) | Xejn |
| D. MANIFATTURA | |
| Manifattura ta' prodotti tal-ikel u ta' xorb (ISIC rev 3.1: 15) | Xejn |
| Manifattura ta' injam u ta' prodotti tal-injam u tas-sufra, għajr għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u ta' materjali li jinħadmu f'malji (ISIC rev 3.1: 20) | Il-Baħamas iżomm id-dritt li jadotta jew li jżomm restrizzjonijiet fuq investiment ta' skala żgħira f'dan is-settur. |
| Manifattura ta' prodotti tal-petroleum raffinati (ISIC rev 3.1: 232) | Xejn |
| Manifattura ta' kimiċi u ta' prodotti kimiċi għajr splussivi (ISIC rev 3.1: 24 għajr manifattura ta' splussivi) | Xejn |
| Manifattura ta' makkinarju u apparat (ISIC rev 3.1:29) | Il-Baħamas iżomm id-dritt li jadotta jew li jżomm miżuri relatati mal-investiment fil-produzzjoni ta' armi u munizzjon. |
| Manifattura ta' għamara; manifattura n.e.c. (ISIC rev 3.1: 36) | Il-Baħamas iżomm id-dritt li jadotta jew li jżomm restrizzjonijiet fuq investimenti ta' skala żgħira f'din l-iskeda. |
| E. PRODUZZJONI; TRAŻMISSJONI U DISTRIBUZZJONI TA' ELETTRIKU, GASS, FWAR U MISĦUN akkont proprju (Għajr Ġenerazzjoni tal-Elettriku Bbażata fuq l-Enerġija Nukleari) | |
| Produzzjoni ta' elettriku; trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku akkont proprju (parti minn ISIC rev 3.1: 4010) ([1]) | Mhux marbut |
| Manifattura ta' gass; distribuzzjoni ta' fjuwils tal-gass mill-mejns akkont proprju (parti minn ISIC rev 3.1: 4020) ([2]) | Mhux marbut |

| Settur jew subsettur | Deskrizzjoni tar-riservi, il-limitazzjonijiet jew l-esklużjonijiet |
|---|---|
| Produzzjoni ta' fwar u misħun; distribuzzjoni ta' fwar u misħun akkont proprju<br>(parti minn ISIC rev 3.1: 4030) (3) | Mhux marbut |

(1) Ma tinkludix operazzjoni ta' sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku bi ħlas jew fuq bażi ta' kuntratt, li għandhom jinstabu f'SERVIZZI TAL-ENERĠIJA.

(2) Ma tinkludix il-ġarr ta' gass naturali u ta' fjuwils li fihom il-gass permezz ta' pajpijiet, trażmissjoni u distribuzzjoni ta' gass bi ħlas jew fuq bażi ta' kuntratt u l-bejgħ ta' gass naturali u ta' fjuwils li fihom il-gass, li għandhom jinstabu f'SERVIZZI TAL-ENERĠIJA.

(3) Ma tinkludix it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u ta' misħun bi ħlas jew fuq bażi ta' kuntratt u l-bejgħ ta' fwar u misħun, li għandhom jinstabu f'SERVIZZI TAL-ENERĠIJA."

*ANNESS II*

"Appendiċi għall-Anness IV F — Il-Baħamas

| Settur jew subsettur | Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq | Limitazzjonijiet dwar trattament nazzjonali |
|---|---|---|
| A. **IMPENJI ORIZZONTALI** | | |
| | Il-modi kollha: Kontroll tal-Kambju<br>1. Jeħtieġ li r-residenti jiksbu approvazzjoni mill-Bank Ċentrali sabiex joperaw il-kontijiet f'munita barranija jew fid-dollaru tal-Baħamas u biex jiksbu assi f'munita barranija, skont l-Att dwar ir-Regolamenti tal-Kontroll tal-Kambju u r-Regolamenti dwar il-Finanzi. Dawk il-persuni li mhumiex residenti għandhom dritt li joperaw il-kontijiet f'munita barranija.<br>2. Il-persuni ġuridiċi residenti jistgħu jirċievu approvazzjoni biex joperaw il-kontijiet f'munita barranija bil-għan li jkunu jistgħu jkopru l-ispejjeż imġarrba direttament f'munita barranija. Kemm il-persuni ġuridiċi mhux residenti kif ukoll iċ-ċittadini barranin jistgħu jiġu approvati biex joperaw il-kontijiet fid-dollaru tal-Baħamas bil-għan li jissodisfaw l-ispejjeż rikorrenti fid-dollari tal-Baħamas.<br>3. L-applikazzjonijiet kollha għall-approvazzjonijiet tal-kontroll tal-kambju msemmija fuq għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Politika Nazzjonali għall-Investiment tal-Baħamas f'termini tas-setturi u l-attivitajiet fejn huma permessi l-investimenti barranin.<br>4. Għall-iskop tal-kontrolli tal-kambju, 'resident' huwa jew ċittadin tal-Baħamas, jew inkella persuna ġuridika liċenzjata, b'sidien barranin jew domestiċi, li għandha l-permess tinvolvi ruħha fi tranżazzjonijiet ma' residenti oħrajn. Persuna mhux residenti hija jew ċittadin barrani jew inkella persuna ġuridika li ma għandhiex permess tagħmel negozju ma' residenti, irrispettivament minn jekk ikunx hemm preżenza fiżika fil-Baħamas. | Il-modi kollha: Sussidji, inċentivi fiskali, boroż ta' studju, għotjiet u forom oħra ta' appoġġ finanzjarju domestiku jistgħu jkunu ristretti għal Ċittadini tal-Baħamas jew għal intrapriżi b'sidien mill-Baħamas. |
| | Mod 3: Investimenti minn persuni barranin ta' valur ta' mhux aktar minn US$ 250 000, huma soġġetti għal approvazzjoni mill-Kunsill Ekonomiku Nazzjonali (NEC) skont it-termini tal-Politika Nazzjonali għall-Investiment (NIP) fuq il-bażi ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-benefiċċji. Il-kriterji ewlenin skont l-NIP jinkludu l-ġenerazzjoni tal-impjiegi, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-iżvilupp reġjonali, il-ħtiġijiet lokali u l-impatti ambjentali. Negozji bi sħab bejn investituri mill-Baħamas u investituri barranin huma soġġetti wkoll għal approvazzjoni mill-NEC skont l-NIP fuq il-bażi tat-testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-benefiċċji deskritti fuq. | Mod 3: Ċittadini u kumpaniji tal-Baħamas li s-sidien tagħhom kollha jkunu ċittadini tal-Baħamas huma eżentati minn taxxi fuq il-beni immobbli fuq beni immobbli fil-Gżejjer Family |

| Settur jew subsettur | Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq | Limitazzjonijiet dwar trattament nazzjonali |
|---|---|---|
| | Mod 3: Persuni barranin u persuni ġuridiċi li jixtiequ jiksbu beni immobbli għal skopijiet kummerċjali għandhom japplikaw għal permess mill-Bord tal-Investimenti. Persuni barranin jew persuni ġuridiċi li għandhom il-ħsieb li jiksbu aktar minn ħames ejkers kontigwi ta' art għal kwalunkwe skop għandhom jiksbu permess mill-Bord tal-Investimenti. | Mod 3: Fornituri ta' servizzi li jistabbilixxu preżenza kummerċjali biex jipprovdu servizz fuq bażi ta' darba biss, u wara, din il-preżenza kummerċjali tiġi xolta, huma meħtieġa li jħallsu dritt għal liċenzja ta' 1 % tal-valur tal-kuntratt fil-bidu tal-kuntratt. |
| | Mod 4: Mhux marbut għajr għal persunal ewlieni (viżitaturi kummerċjali, maniġers u speċjalisti u apprendisti gradwati) mhux disponibbli lokalment. Skont l-Att u Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni, għandu jinkiseb permess tax-xogħol qabel id-dħul fil-Baħamas minn ċittadini barranin li għandhom l-intenzjoni li jibdew jaħdmu hemm. Qegħdin jiġu applikati testijiet tas-suq tax-xogħol biex jistabbilixxu jekk ħaddiema barranin bħal dawn għandhomx jiġu aċċettati. | |
| B. **IMPENJI SPEĊIFIĊI GĦAS-SETTUR** | | |
| 1. *SERVIZZI KUMMERĊJALI* | | |
| A. SERVIZZI PROFESSJONALI | | |
| (a) Servizzi legali | | |
| Dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali (CPC 86130) | | |
| | 1) Xejn għajr li servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika huma soġġetti għal kundizzjoni ta' nazzjonalità | 1) Xejn |
| | 2) Xejn għajr li servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika huma soġġetti għal kundizzjoni ta' nazzjonalità. | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Mhux marbut |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. |
| Konsulenza dwar il-Liġi Domestika tal-Fornitur tas-Servizz (CPC 86119) | | |
| | 1) Xejn għajr li servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika huma soġġetti għal kundizzjoni ta' nazzjonalità | 1) Xejn |
| | 2) Xejn għajr li servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika huma soġġetti għal kundizzjoni ta' nazzjonalità | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Mhux marbut |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. |

| Settur jew subsettur | Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq | Limitazzjonijiet dwar trattament nazzjonali |
|---|---|---|
| (b) Servizzi ta' Kontabilità, Awditjar u Żamma ta' Kotba | | |
| Servizzi ta' Kontabilità u Awditjar (CPC 8621) | | |
| | 1) Mhux marbut | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Mhux marbut |
| | 3) Xejn għajr li għandhom jintużaw akkawntants tal-Baħamas b'liċenzja fir-rigward ta' servizzi ta' kontabilità u awditjar ipprovduti lil persuni ġuridiċi mill-Baħamas. | 3) Xejn |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. |
| (c) Tassazzjoni (CPC 863) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Xejn għajr li għandhom jintużaw speċjalisti tal-Baħamas b'liċenzja fir-rigward ta' servizzi fiskali pprovduti lil persuni ġuridiċi mill-Baħamas. | 3) Xejn |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. |
| (d) Servizzi relatati mal-arkitettura (CPC 8671) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Xejn |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. |
| (e) Servizzi relatati mal-inġinerija (CPC 86724, 86725) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Xejn |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. |

| Settur jew subsettur | Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq | Limitazzjonijiet dwar trattament nazzjonali |
|---|---|---|
| (f) Servizzi relatati mal-inġinerija integrata (CPC 8673) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Xejn |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. |
| (g) Servizzi Arkitettoniċi relatati mal-Ippjanar tal-Ibliet u mat-Tisbiħ tal-Pajsaġġ | | |
| Servizzi Arkitettoniċi ta' Tisbiħ tal-Pajsaġġ (CPC 86742) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Xejn. |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. |
| (h) Servizzi Mediċi u Dentali (CPC 9312) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut. | 3) Mhux marbut |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. |
| Newrokirurġija | | |
| | 1) Mhux marbut | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Mhux marbut |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. |
| Servizzi epidemjoloġiċi (CPC 931**) | | |
| | 1) Mhux marbut | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Mhux marbut |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. |

| Settur jew subsettur | Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq | Limitazzjonijiet dwar trattament nazzjonali |
|---|---|---|
| Servizzi ta' CATSCAN (CPC 931**) | | |
| | 1) Mhux marbut | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Mhux marbut |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. |
| (i) Servizzi Veterinarji (CPC 932) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Mhux marbut |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. |
| (j) Servizzi pprovduti minn qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku (CPC 93191) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut | 3) Mhux marbut |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. |
| B. KOMPJUTERS U SERVIZZI RELATATI | | |
| (a) Servizzi ta' konsulenza relatati mal-installazzjoni ta' ħardwer tal-kompjuter (CPC 841) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut għal servizzi relatati ma' installazzjonijiet residenzjali ta' kompjuters.<br>Xejn għal negozji kummerċjali | 3) Mhux marbut għal servizzi relatati ma' installazzjonijiet residenzjali ta' kompjuters.<br>Xejn għal negozji kummerċjali |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. Soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. |

| Settur jew subsettur | Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq | Limitazzjonijiet dwar trattament nazzjonali |
|---|---|---|
| (b) Servizzi ta' Implimentazzjoni ta' Softwer (CPC 842) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut għal servizzi relatati ma' installazzjonijiet residenzjali ta' kompjuters.<br>Għal installazzjonijiet ta' kompjuters fi stabbilimenti kummerċjali, negozju bi sħab ma' ditti mill-Baħamas huwa permess. Xejn wara l-2013. | 3) Mhux marbut għal servizzi relatati ma' installazzjonijiet residenzjali ta' kompjuters. |
| | 4) Xejn | 4) Xejn |
| (c) Servizzi ta' Proċessar ta' Dejta (CPC 843) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Xejn | 3) Xejn |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. Soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat f'impenji orizzontali. |
| (d) Servizzi ta' Bażi ta' Dejta (CPC 844) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Xejn | 3) Xejn |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. Soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. |
| (e) Oħrajn (CPC 849)<br>(Servizzi ta' preparazzjoni ta' dejta u Servizzi Oħrajn tal-Kompjuter n.e.c.) | | |
| | 1) Xejn | 1) Xejn |
| | 2) Xejn | 2) Xejn |
| | 3) Mhux marbut għal apparat ta' uffiċċju fid-dar.<br>Għal apparat kummerċjali, soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi bbażat fuq it-tip ta' servizz. | 3) Mhux marbut għal apparat ta' uffiċċju fid-dar. |
| | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. Soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS. | 4) Mhux marbut għajr kif indikat fl-impenji orizzontali. |

| Settur jew subsettur | Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq | Limitazzjonijiet dwar trattament nazzjonali |
|---|---|---|
| C. SERVIZZI TA' RIĊERKA U ŻVILUPP | | |
